



# dan hu s-servizz pubbliku

2024





servizz pubbliku

# dan hu s-servizz pubbliku 2024

---

Kampanja informattiva b'kollaborazzjoni bejn
The People of Malta u d-Dipartiment tal-Komunikazzjoni tas-Servizz Pubbliku

Iddisinjat u stampat fl-Istamperija tal-Gvern

ISBN: 978-9918-9543-7-7

# kontenut


4 daħla
6 marica pulis
8 Karl B. Spiteri
10 Andreas Galea
12 Amber Bondin
14 Joanne Barbara
16 Chantelle Sciberras
18 Maria C. Borg
20 Stephanie Vella
22 Antonella Muscat
24 Robert Cauchi
26 Kathleen Cutajar
28 Ramona Debono
30 Lawrence Camilleri
32 Thomas Muscat
34 Clifton Fenech
36 Vanessa Cauchi
38 Amanda Cassar
40 Francesco Catania
42 Evan Azzopardi
44 Clifford Portelli
46 Rose Bajada
48 Roderick Gauci
50 Jessica Dalli
52 Anthony Barbara
54 Andrew Falzon
56 Mark Xerri
58 Gabrielle Sciberras
60 Alan Magro
62 Donnalise Portelli
64 Janice Xuereb
66 Kevin Zahra
68 Angelo Callus
70 Emanuel Vella
72 Marica Xuereb
74 Karl Agius
76 Jonathan Cassar
78 Jeanette Abdilla
80 Sarah Portelli
82 Lawrence Formosa u Zico (Kelb)
84 Caroline Debono
86 Darren Mizzi
88 Melvin Caruana
90 Patricia Azzopardi
92 Lorraine Zammit Riolo
94 Vanessa Buhagiar
96 Sonia Debono
98 Maria Axisa
100 Pascoe Grima
102 Mariella Galea
104 Sarah Pace
106 Joseph Camilleri
108 Marvic Vella
110 Karl Farrugia
112 Silvana Attard Drago
114 Mildred Attard
116 Audrey Pullicino
118 Maureen Delia
120 Joesph Cauchi
122 Lawrence Grima
124 Andrew Grech
126 Luca Grima
128 Raymond Caruana
130 Nicola Bugeja
132 Keturah Desira Demicoli
134 Mario Sammut
136 Mary Anne Debono
138 Christopher Gauci
140 Adiel Cuschieri
142 Bryan Degabriele
144 Miriam Farrugia
146 Antoine Grech
148 Samantha Muscat
150 Karl Schembri
152 Kirsten Xuereb
154 Joe Dimech



# daħla

Dawn huma l-uċuħ tas-Servizz Pubbliku. Huma fost dawk li bil-ħidma kontinwa tagħhom jitwasslu l-eluf ta' servizzi kuljum bl-aqwa livelli ta' kwalità.

Kien għalhekk illi għażilna li ta' kull ġimgħa nlaqqgħukom ma' wieħed jew waħda minnhom. Kienet għażla konxja biex nuru li wara kull servizz li jingħata, hemm uffiċjal uman. Bl-istorja tiegħu jew tagħha.

Din hija kampanja mnebbħa mill-uffiċjali pubbliċi li f'ħidmiethom ta' kuljum jinteraġixxu mal-klijent b'ħila kbira. Aħna kburin bihom.

Hija kampanja li b'kollaborazzjoni mal-People of Malta bdiet fuq il-Paġna ta' Facebook tas-Servizz Pubbliku. Issa ġiet estiża u stampata f'pubblikazzjoni waħda li se titqassam waqt il-Public Service Expo 2024. Bix-xieraq, hekk kif din is-sena waqt l-Expo se nkunu qed niddiskutu l-ħiliet tal-uffiċjali pubbliċi.

Fil-ħafna żjarat li wettaqt f'ħafna postijiet tax-xogħol tagħkom f'dawn l-aħħar sentejn, fejn iltqajt ma' mijiet ta' impjegati, skoprejt il-varjetà kbira ta' ħiliet li lkoll kemm intom tipposjedu, f'oqsma varji u interessanti. Kemm nieħu gost nismagħkom tiddiskrivuli xogħolkom!

Grazzi lil kull min ipparteċipa f'din il-kampanja, u nawguralkom suċċess fil-karriera tagħkom.

Tony Sultana,
**Segretarju Permanenti Ewlieni**



# MARICA PULIS

## Social Support Worker ġewwa d-Dipartiment tal-Anzjani

Naħdem bħala Social Support Worker mad-Dipartiment tal-Anzjani. Dan hu xogħol sensittiv ħafna, trid tissimpatizza u tempatizza.

***Trid tidħol fiż-żarbun ta' dak li jkun. Tara bniedem ibati tħallih ibati?***
Lilu u lil ta' madwaru?

Jien nilqa' applikazzjonijiet mingħand anzjani li s-saħħa tagħhom titlob biex ikollhom aktar kura u għalhekk ma tippermettilhomx li jibqgħu jgħixu fil-kumdità ta' darhom. Huwa dover u fih bosta impenn li xi drabi jkolli noħroġ mill-ħin tax-xogħol tiegħi. Il-kuxjenza ma tagħtinix li nara lil xi ħadd fil-bżonn u ma ngħinux. Biex persuna anzjana tidħol f'dar tal-anzjani, trid tapplika hi, jew xi ħadd mill-familjari jew hemm ċirkostanzi fejn irid japplika s-social worker. L-applikazzjoni tasal hawnhekk, fid-Dipartiment tal-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità (Active Ageing and Community Care).



> Trid tidħol fiż-żarbun ta' dak li jkun.
> Tara bniedem ibati tħallih ibati?

Parti mis-sodisfazzjon tiegħi hu meta tiġi persuna li nkun smajtha jew qdejtha u ġġibli xi kartolina b'messaġġ ta' ringrazzjament u nara dik it-tbissima fuq wiċċhom li jiena u sħabi konna ta' għajnuna u taffejna xi ftit it-tbatija. Dawn jagħtuni iktar motivazzjoni u rabta biex naħdem. Illum l-istil ta' ħajja nbidel u ħafna jdaħħlu lill-familjari tagħhom f'home mhux b'kapriċċ. Tkun weġgħa fil-qalb u tinduna. Nara rispett u valuri mill-familjari.

Qabel ma bdejt naħdem hawnhekk, qabel l-1991, kont naħdem bħala voluntiera mal-Caritas. M'iniex mara qaddisa imma nħobb inkun ta' servizz u għajnuna għall-proxxmu. Meta l-bniedem tħobbu, se tirċievi ħafna lura. Issa ilni 'l fuq minn 30 sena f'dan ix-xogħol. Fl-2013 ħadt ir-responsabbiltà ta' desk officer in charge tal-Home Admissions.

Għax-xogħol ma niġix bid-dwejjaq għax naf li kull ġurnata se nkun ta' servizz għall-pubbliku. Nisma' u nara ħafna stejjer, xi wħud li jnikktuk u oħrajn li jferrħuk. Biss, fl-aħħar tal-ġurnata nkun kuntenta li qdejt lil xi ħadd li ġie bżonn is-servizzi tiegħi.



# KARL B. SPITERI

**Fiżjoterapista ġewwa San Vinċenż de Paul**

Meta kont żgħir kont inqatta' ħafna ħin man-nannu u kienet l-għaxqa tiegħi noħroġ miegħu. Dak il-bond li kelli man-nannu tani spinta biex naħdem mal-anzjani. Ma' kull pazjent ngħid:

***'Li kieku dan in-nannu tiegħi, kif inġib ruħi miegħu? X'servizz nagħtih?'***

Dejjem infittex li nitfa' lili nnifsi fiż-żarbun tal-persuna biex nagħti l-aqwa servizz. Fix-xogħol tiegħi bħala fiżjoterapista jkolli nibni relazzjoni mal-pazjent. Il-fatt li huma jaqsmu l-esperjenzi tagħhom, lili jagħtini gost u nitgħallem minnhom.



> Li kieku dan in-nannu tiegħi, kif inġib ruħi miegħu? X'servizz nagħtih?

Ir-rwol tiegħi huwa li mmexxi d-dipartiment tal-fiżjoterapija f'San Vinċenz de Paul. Ili naħdem bħala fiżjoterapista għal 12-il sena. Jinqalgħu bosta sfidi iżda dak li niltaqa' miegħu jagħtini pjaċir u għax-xogħol niġi għal qalbi. Waħda mir-raġunijiet li stabbilixxejt ruħi ġewwa SVDP hu li l-ħaddiema apprezzaw ix-xogħol li jien nagħmel u għax hemm motivazzjoni. Jekk tara l-ħaddiem motivat sinjal li qed nagħmel xogħol tajjeb. Hawn il-post u l-ambjent jilqgħuk u l-appuntamenti nżommuhom fil-ħin.

Lill-anzjan infittxu li nagħtuh il-ħin tiegħu għax hu jħossu aħjar. Anzjan mhuwiex numru iżda fih nara li nagħtih il-ħin u din hu japprezzaha.

# ANDREAS GALEA

Kowċ ma' Sport Malta

Il-waterpolo u l-isport huwa ħajti. Jimlewni bl-enerġija u mingħajrhom ma noqgħodx.

Qed nagħmel xi ħaġa li nħobb u nagħti gost lill-familjari tiegħi li jiġu jarawni l-pixxina. Missieri, Anthony Galea, ukoll kien jilgħab u bħali rebaħ ma' San Ġiljan. Inħossni kburi meta nirbaħ u r-rebħ jagħmel is-sagrifiċċji kollha li nagħmel worth it.

Ili nilgħab mat-tim nazzjonali Malti minn meta kelli 14-il sena.

***Huwa dejjem ta' unur li tilgħab u tirrappreżenta lil pajjiżek.***

L-esperjenzi li f'dawn l-aħħar snin fejn kelli nilgħab il-waterpolo fil-kampjonati tas-Serbja u fl-Italja komplew iffurmawni. Kull pajjiż għandu l-istil ta' logħob tiegħu u titgħallem mingħand kulħadd. Sirt ukoll iktar persuna indipendenti.

Jiena naħdem f'xogħol li jikkumplimenta l-passjoni tiegħi. Xogħli jgħinni biex inkompli l-karriera. Ili tliet snin naħdem fid-dipartiment tal-programmi li jingħataw lill-pubbliku ma' SportMalta. Kont bdejt bħala coaching fl-għawm u tal-waterpolo. Sport Malta nfittxu li nagħtu servizz professjonali, b'kowċis professjonali, bi prezzijiet raġonevoli u affordabbli bil-għan li nħeġġu iktar tfal u adulti biex jipparteċipaw. L-entużjażmu muri mill-pubbliku huwa wieħed inkoraġġanti u hemm interess qawwi. Jien nisħaq li l-ġenituri u l-adulti jħeġġu lil uliedhom biex jitħarrġu u jagħmlu xi tip ta' sport. L-isport ma tagħmlux għall-kompetizzjoni biss imma tagħmlu biex tieħu ħsieb saħħtek.

Is-sodisfazzjon huwa meta nara lit-tfal jipparteċipaw u jkunu kuntenti b'dak li qed jipprattikaw. Tara wkoll anzjani li jiġu jipprattikaw xi tip ta' sport u jħossuhom komdi u kuntenti li qed jibbenefikaw minn dak li qed jagħmlu. Dak huwa sodisfazzjon għax nagħraf li l-ħidma li qed inwettaq tiġġustifika x-xogħol li qed inwettaq."






“Huwa dejjem ta’ unur li tilgħab u tirrappreżenta lil pajjiżek.”



# AMBER BONDIN

## Għalliema tal-Mużika

***L-iktar ħaġa li hi għal qalbi hi l-mużika, imma ħafna ma jafux li jiena wkoll għalliema.***

Inkun qed nistennieh il-mument li jisbaħ il-jum u mmur l-iskola biex niltaqa' mal-istudenti żgħar fl-iskola Primarja ta' Bormla fejn ngħallem. Filwaqt li huma jitgħallmu, jien ukoll nitgħallem mingħandhom.

Meta kont tifla u kienu jistaqsuni xi rrid insir la nikber, dejjem għalliema għedtilhom. Anki bħala tifla żgħira, l-iskola kont inħobbha u ma kontx niddejjaq immur. L-għalliema li kelli matul is-snin kienu ta' ispirazzjoni għalija u jien nipprova li minn dak li tgħallimt mingħandhom ngħaddih illum lill-istudenti tiegħi. Dejjem affaxxinajt ruħi bis-sens ta' familja, bir-rapport tajjeb, li jiena dejjem kelli mal-għalliema jiena u nikber. Issa ili ngħallem



> "L-iktar ħaġa li hi għal qalbi hi l-mużika, imma ħafna ma jafux li jiena wkoll għalliema."

għal dawn l-aħħar tliet snin. S'issa l-ewwel sena tal-primarja għallimt.

Kuljum hija esperjenza kemm għalija u anke għat-tfal. Is-sabiħ tax-xogħol tal-għalliem huwa li kuljum se jiltaqa' ma' sitwazzjoni u esperjenza ġdida. Ma taqax monotonu. Kull jum hu differenti.

Sfortunatament hemm min jaħseb li x-xogħol tal-għalliem hu dak ta' babysitter jew dak li jidħol għalih biex ikollu l-vaganzi tas-sajf. Imma bosta huma dawk li jinsew li l-għalliem irid jilbes diversi rwoli, fosthom rwol bħala omm jew missier, social worker, dak li jisma' u jempatizza mal-istudenti.

Għal ħafna t-tfal l-iskola tfisser ukoll xelter u sigurtà. Xogħolna hu vokazzjoni. Is-sodisfazzjon tiegħi jkun meta nara lit-tfal ħadu xi ħaġa ġdida u jiġu jifirħu jgħidulek jew imorru jgħidu lill-ġenituri. Iħossuhom kburin li rnexxielhom jagħmlu xi ħaġa. L-innoċenza fit-tfal ta' din l-età hi sabiħa.

It-tfal tiegħi jiġu fil-klassi u b'xi mod jaslu jgħiduli 'Miss, rajtek fuq YouTube.' Peress li jafu li jiena kantanta, hemm min jispiċċa jinteressa ruħu fil-mużika u jipprova jkanta hu wkoll. F'kull lezzjoni ndaħħal ftit mużika li nemmen li tgħin.



> Inħossni apprezzata għax-xogħol li nwettaq bħala LSE, kemm mill-ġenituri u anke mill-għalliema.

# JOANNE BARBARA

**LSE (Learning Support Educator)**

"Dejjem interessani t-tagħlim. It-tifel il-kbir tiegħi, meta kellu sentejn, kellu probemi kbar fl-imġiba tiegħu, attention deficit u traċċi ta' awtiżmu, u peress li kont nieħdu għand il-psikologu, it-tifel rawwem fija l-interess li naqleb minn Mechanical u Electrical engineering għal xogħol mat-tfal. Ili 13-il sena naħdem bħala LSE (Learning Support Educator). Illum, it-tifel kompla bl-istudji tiegħu u ġab l-eżamijiet tas-SEC.

***Inħossni apprezzata għax-xogħol li nwettaq bħala LSE, kemm mill-ġenituri u anke mill-għalliema.***

Parti mis-sodisfazzjon hu li tara l-progress meħtieġ fl-istudenti li tkun magħhom.

Infittex li nara x'inhuma l-interessi tal-istudent u ndawwarhom fil-ħtiġijiet li jkollu bżonn. B'ħafna paċenzja u determinazzjoni



nasal nagħraf naħdem mal-istudenti li l-amministrazzjoni tafdali f'idejja. Għalliem u LSE jistgħu jagħmlu differenza fi student.

Jekk ma tkunx fil-linja tagħhom, ma tagħrafx x'inhuma l-ħtiġijiet li jkollhom bżonn u għalhekk fil-mixja li t-tifel tiegħi għamel, jien dejjem kont preżenti, ħadt interess u fittixt li nadatta għall-ħtiġijiet tiegħu. U dak li kont nagħmel miegħu, inwettqu ma' dawk l-istudenti li jiġu fdati f'idejja. Għax nistħajjilhom li huma wliedi.

Iċ-ċavetta tas-suċċess hija li inti taħdem sewwa mal-għalliema, tara x'inhuma l-linji tal-għalliema u flimkien magħha taħdem mal-ġenituri tat-tfal. Jekk ma jkunx hemm sinerġija bejn l-għalliema, l-LSE u l-ġenituri, se jbati l-istudent. L-ebda student mhu perfett. Xogħol l-LSE huwa li jgħin lill-istudent li jkun ġie ċċertifikat li jkollu bżonn l-għajnuna biex biex tgħinu jimxi 'l quddiem, mhux biss f'dak li jirrigwardja t-tagħlim tas-suġġetti, iżda biex fil-ħajja jirnexxi."

# CHANTELLE SCIBERRAS

Senior Practitioner fid-Diviżjoni għan-Nies u Standards

***Kulħadd għandu l-bagalja tiegħu mimlija stress u toqol tal-ħajja. L-importanti hu l-mod ta' kif se nġorru din il-bagalja.***

Ir-rata ta' każijiet ta' persuni li jbatu bis-saħħa mentali qed tiżdied kull sena. Kull sena r-rata ta' nies b'din il-problema qed tirdoppja. Jingħad li madwar id-dinja, wieħed minn kull erba' persuni għandu jew jafu lil xi ħadd bi problema ta' saħħa mentali. Kemm huwa importanti li wieħed jieqaf u jieħu ħsieb tiegħu nnifsu. Dejjem ngħallmu lill-individwu biex jieqaf u jgħid LE fejn hemm bżonn.

Xogħli huwa ta' counsellor u issa lħaqt Senior Practitioner tal-ESP – Employee Support Programme; servizz li joffri l-gvern lill-ħaddiema kollha li jaħdmu mas-servizz pubbliku. Noffru sapport u servizzi ta' counselling lil dawk l-impjegati li jkollhom problemi, mhux biss fuq il-post tax-xogħol, imma anki personali, li jinkludu telf ta' xi ħadd, problemi familjari u problemi ta' saħħa mentali fosthom dipressjoni, OCD u ansjetà.

Dħalt naħdem bħala counsellor wara li ġejt affaxxinata mid-dinja tal-psikoloġija. Meta ġejt biex nidħol l-Università, kont sejra Liġi, imma l-pjanijiet inbidlu u applikajt għall-European Studies. Il-ħsieb kien li nitlaq minn Malta. Wara applikajt BA fit-Taljan u Psikoloġija, u minn hemm bqajt nistudja fuq il-psikoloġija u llum qed nagħmel anki l-Masters. Wara li nisma' bil-problemi u naħdem ta' kuljum f'dan is-settur, jiena wkoll nagħmel sezzjonijiet ta' terapija personali biex jgħinuni biex wara ġurnata xogħol inkun nista' nagħmel is-swiċċ u nkompli bil-ħajja privata tiegħi ta' kuljum u nagħti spazju lill-familja tiegħi u ħajti personali. L-onestà, it-trasparenza u l-lealtà huma valuri li jkolli bżonnhom.

L-ESP joffri sezzjonijiet one-to-one. Joffri wkoll sezzjonijiet biex joħolqu kuxjenza u li bihom jilħqu lil dawk in-nies li għaddejjin minn dawn il-problemi. Mal-ESP jaħdmu counsellors, psikologi u psikoterapisti. Magħhom jiżdiedu wkoll is-social workers. Illum il-ġurnata, in-nies saret tfittex għall-għajnuna. Servizzi hawn u huwa importanti li wieħed ma jħallix il-problema tidħol iktar fil-fond.





> “Kulħadd għandu l-bagalja tiegħu mimlija stress u toqol tal-ħajja. L-importanti hu l-mod ta’ kif se nġorru din il-bagalja.”



# MARIA C. BORG

## Senior Youth Worker ma' Aġenzija Żgħażagħ

Ma nistgħux naqtgħu linja u ngħidu li ż-żgħażagħ kollha ħżiena jew kollha tajbin. Kollha qegħdin fi vjaġġ. Hawn iktar minn 100,000 żagħżugħ u żagħżugħa f'Malta. L-età tagħhom tvarja minn 13-il sena u tibqa' tielgħa sa 30 sena.

Aħna l-pont għal dawn iż-żgħażagħ biex jekk iridu l-għajnuna u s-sapport se jsibuh. Xogħli huwa ta' Senior Youth Worker ma' Aġenzija Żgħażagħ fl-Empowerment Unit, marbut mal-implimentazzjoni tal-politika nazzjonali taż-żgħażagħ. Naħdem ma' youth workers fejn nistgħu niżviluppaw opportunitajiet għaż-żgħażagħ. Nagħtu s-sapport lill-għaqdiet taż-żgħażagħ biex huma isibu post u l-vuċi tagħhom fis-soċjetà.

Kont bdejt il-kors ta' Youth Worker l-Università ta' Malta fl-2005. Kont diġà naħdem maż-żgħażagħ bħala LSE u dak iż-żmien kont bdejt naħdem bħala Youth Worker mal-KDŻ. Issa



> Inħossni xxurtjata li naħdem hawnhekk għax nista' ngħin biex inkun dik it-tarġa li jmiss maż-żgħażagħ.

ili 19-il sena b'kollox naħdem maż-żgħażagħ, seba' snin minnhom bħala full time ma' Aġenzija Żgħażagħ.

Hawn naħdmu għall-formazzjoni u kontribuzzjoni taż-żgħażagħ biex jistgħu jkunu protagonisti fis-soċjetà, jieħdu dak il-pass meħtieġ u jkunu rikonoxxuti. Parti sostanzjali tal-ħidma tiegħi hija marbuta mas-settur tal-kultura.

Iż-żgħażagħ se jkollhom il-ferħ u d-diżappunti u l-isfida tkun li titgħallem minn kull esperjenza.

***Inħossni xxurtjata li naħdem hawnhekk għax nista' ngħin biex inkun dik it-tarġa li jmiss maż-żgħażagħ.***



# STEPHANIE VELLA

## Impjegata fuq l-Ekonomija Soċjali fi ħdan il-Ministeru għall-Finanzi

Fil-quċċija kont qbadt flus u kuruna imma l-kuruna ma kinitx għalija. Fl-iskola studjajt l-Accounts u l-Ekonomija, imma meta ġejt biex inkompli nistudja l-Università, għażilt il-linja tal-Ekonomija. Meta kont is-Sixth Form kelli wkoll għalliema tajba kif kienet tgħallem is-suġġett u ħalliet influwenza pożittiva fuqi.

Ix-xogħol li nwettaq fil-Ministeru għall-Finanzi huwa marbut mal-ekonomija soċjali. Meta kont żgħira ma kienx jinteressani l-baġit, imma llum il-ġurnata sar. Jiena u t-tim li naħdem miegħu ninfluwenzaw id-deċiżjonijiet li jittieħdu. Fost il-ħidmiet li nwettaq huma marbuta mar-riformi fuq is-soċjetà.

***Kull riforma, hi x'inhi, finalment se taffettwa lin-nies.***



> Kull riforma, hi x'inhi, finalment se taffettwa lin-nies.

L-iktar li naħdem hu fi proġetti mal-Kummissjoni Ewropea. Naħdem maċ-ċentru tar-riċerka tal-istess Kummissjoni. Waħda mill-isbaħ esperjenzi f'dan ix-xogħol hu li jien niltaqa' ma' bosta msieħba soċjali li xi wħud minnhom jiena nidher żgħira fl-età ħdejhom imma nħoss li qed nitgħallem ħafna.

Wieħed mid-dispjaċiri li għandi hu li ma mortx nagħmel il-Masters tiegħi barra minn Malta għax meta ssiefer u tmur tistudja barra, issir iktar indipendenti u tiltaqa' ma' diversi persuni li jsawruk. Wieħed mill-għanijiet tiegħi hu li nkompli navvanza fix-xogħol tiegħi. Jiena persuna determinata.

M'iniex il-persuna li nħares wisq lejn il-futur. Fil-ħin liberu tiegħi nħobb naqra, nimxi, u nfittex mumenti fejn nerġa' nsib lili nnifsi.




# ANTONELLA MUSCAT

**Spettur tad-Dwana**

Naħdem bħala Spettur tad-Dwana. Bħal kull xogħol fih is-sodisfazzjon u d-diffikultajiet tiegħu. Ikun ta' sodisfazzjon meta tkun involuta biex inqabad każ li jmur kontra l-liġi. Li tkun fassalt pjan u rnexxa. Issib u tinduna b'ċertu modi. Tidher kerha f'għajn in-nies li jridu jagħmlu l-irregolarità, iżda tħoss l-apprezzament ta' dawk li fik qed jaraw li qed iżżomm il-kontroll. Dan il-kontroll finalment hu ta' ġid għall-pajjiż biex ikollna ċertu servizzi b'xejn. Il-motto tad-dwana hu li nimxu kontra l-kurrent (Nitor in Adversum).

Meta kont żgħira, kont nara u naffaxxina ruħi nsegwi fuq it-TV jew f'xi film il-ħidmiet li jwettqu fis-sezzjonijiet tad-dwana internazzjonali, imma qatt ma immaġinajt li se nispiċċa naħdem hekk. Issa se nagħlaq seba' snin naħdem fid-Dwana. Bdejt bħala fizzjal u minn Frar ħadt il-kariga ta' Spettur. Inħossni li




għandi karattru ta' mexxejja u dak li qed nagħmel jirrifletti l-karattru tiegħi. U hemm bżonn tkun mexxej tajjeb f'dan ix-xogħol, b'ħafna deċiżjonijiet li trid toħodhom dak il-ħin.

Nimxi id f'id mas-Senior Inspector u mat-tim kollu. L-istudji tiegħi ma waqfux għax għadni għaddejja u bħalissa qed nagħmel il-Master's. Qabel dħalt id-dwana kont naħdem f'accounting firm. Kienu ħarġu l-applikazzjonijiet għal Custom's Officer u kienu ħajruni biex napplika. U hekk għamilt. Jien, xogħli hawnhekk hu li nieħu ħsieb spezzjonijiet ma' ħasil ta' flus.

Id-Dwana mhux qiegħda biss ġewwa l-ajruport internazzjonali, imma twettaq il-ħidma tagħha f'kull ħaġa li tiġi importata minn barra u allura se ssibha wkoll il-Port il-Ħieles, fejn hemm il-katamaran, kif ukoll tagħmel spezzjonijiet fil-ħwienet. Parti minn xogħli hu wkoll li nikkordina operazzjonijiet ma' barra minn Malta.

***Hawnhekk naħdmu qisna familja. Kollegi li niftiehmu u nfittxu li nsostnu lil xulxin.***

Jiena persuna li nisma' ħafna x'qed jgħidu l-kollegi. Tajjeb li tisma' l-opinijonijiet validi tagħhom ukoll. Trid tkun persuna kariżmatika u mhux pessimista.



# ROBERT CAUCHI

## Front Officer Receptionist u Assistant Administrator HR ġewwa l-Kunsill Malti għax-Xjenza u t-Teknoloġija (MCST)

Li jkollok etikett tajjeb huwa importanti f'dan ix-xogħol. Infittex li noffri s-servizz tiegħi, nilqa' n-nies bi tbissima u nara li naqdi lil kull min jiġi jitlob għall-għajnuna.

Issa ili sitt snin li lestejt l-istudji tiegħi, kont ħadt il-kors fl-Amministrazzjoni u s-Segretarjat u llum qed naħdem bħala Front Officer Receptionist and Assistant Administrator HR fil-Kunsill Malti għax-Xjenza u t-Teknoloġija (MCST). Xogħli hu marbut fl-immaniġġjar tar-reception fejn nilqa' lil dawk kollha li jiġu jżuru l-kumpless, u nassisti lill-Human Resources Officer.

Hawn l-amministrazzjoni taħdem biex l-innovazzjoni f'Malta timxi 'l quddiem. Diversi kumpaniji u persuni li għandhom xi forma




ta’ innovazzjoni xi jwettqu jiġu hawnhekk biex aħna ngħinuhom japplikaw għall-fondi biex dak li jixtiequ jirrealizzaw, aħna ngħinuhom biex isir realtà.

***Hu ta’ sodisfazzjon li taħdem bħala tim u tara kollox jimxi ħarir biex noffru servizz tajjeb.***

Li niġi kuljum liebes bil-ġlekk u l-ingravata ma ddejjaqni xejn, anzi tgħin biex nagħti immaġini tajba u professjonali lil min qed jiġi biex jinqeda.”




> Fl-aħħar ta' ġurnata xogħol dejjem hemm is-sodisfazzjon. Hi meravilja li int qed tgħin lil dak li jkun.

# KATHLEEN CUTAJAR

**Infermiera mal-prevenzjoni tal-infezzjonijiet u kontroll fid-Dipartiment tal-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità**

Ix-xogħol professjonali tiegħi huwa dak ta' infermiera. Kelli x-xorti li fil-passat naħdem mat-tfal u issa qed naħdem mal-anzjani.

***Fl-aħħar ta' ġurnata xogħol dejjem hemm is-sodisfazzjon. Hi meravilja li int qed tgħin lil dak li jkun.***

L-unika differenza hija li t-tfal dejjem hemm min b'xi mod jew ieħor jieħu ħsiebhom, filwaqt li mal-anzjani se ssib min qiegħed f'solitudni. Dawn il-persuni jkunu jriduk tpoġġi u toqgħod titkellem magħhom.

Ili għaxar snin naħdem bħala infermiera. Maż-żmien ħdimt f'diversi entitajiet. Bdejt bħala



ners f'San Vinċenz de Paul, imbagħad mort Mater Dei u minn hemm nibtet din l-imħabba dwar kif wieħed jista' jipprevjeni ċerti infezzjonijiet. Illum qed naħdem fil-qasam tal-prevenzjoni tal-infezzjonijiet u kontroll fid-dipartiment tal-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità.

Kont iddeċidejt li nagħmel Master's fis-Saħħa Pubblika. Ġiet l-opportunità li naħdem hawnhekk. Kienet sfida imma dispjaċiri m'għandix. Fi żmien il-pandemija tal-Covid tgħallimt ħwejjeġ ġodda u kbirt fil-professjoni tiegħi. Tgħallimt kapaċitajiet ġodda u kif għandi negħleb ċerti ostakli u sfidi bl-aħjar mod possibbli. Jien l-iktar li naħdem huwa fi djar li joffru kura fil-komunità.

Infittex li nagħti edukazzjoni wkoll lill-ħaddiema li jaħdmu miegħi. Il-bidla hija dejjem diffiċli. B'infurzar pożittiv, anke mal-ħaddiema, tasal. Jiena disponibbli 24/7. L-iktar ħaġa diffiċli li kont sibt ruħi fiha kien proprju biex nadatta proprju għal dan ir-rwol, li rrid inkun disposta għal kulma jinqala'. L-umiltà twasslek għas-suċċess. Trid tkun persistenti biex tasal u tirnexxi.



# RAMONA DEBONO

Prinċipal fid-Diviżjoni għan-Nies u Standards

***Meta jiġi xi ħadd u jgħidli: 'Imnalla kont int!,' dik ittellagħni s-sema.***

Ġieli nbati jiena biex ħaddieħor jinqeda. Mhuwiex vera li n-nies li jaħdmu mas-Servizz Pubbliku ma jagħtux il-mija fil-mija tagħhom. Ħafna huma dawk li jxammru l-kmiem biex jingħata servizz xieraq lil min jiġi jitlob l-għajnuna.

Jiena persuna ddixxiplinata, organizzata immens u attiva fiżikament. Ta' kuljum infittex li nagħmel taħriġ fiżiku għax jgħinni għal matul il-jum. Meta dħalt naħdem mas-servizz pubbliku, dħalt l-ewwel bħala skrivana. Matul dawn it-tlettax-il sena, ksibt ħafna taħriġ u għarfien fuq il-post tax-xogħol u dan wassal biex stajt napplika għal gradi ogħla. Ir-rwol tiegħi llum huwa ta' prinċipal fid-



> “Meta jiġi xi ħadd u jgħidli: ‘Imnalla kont int!,’ dik ittellagħni s-sema.”

diviżjoni tal-Persuni u Standards. Ikolli xogħol ta’ amministrazzjoni imma jkolli ħafna kuntatti ma’ persuni li jaħdmu fiċ-ċivil, kif ukoll mal-pubbliku inġenerali. Is-settur li naħdem fih huwa marbut mal-‘people and resourcing compliance.’ Nagħmlu politiki ta’ kif għandhom jimxu ċerti proċeduri fiċ-ċivil.

Is-sodisfazzjon hu li jiena nista’ niffaċilita l-ħajja tal-ħaddiema fis-servizz pubbliku. Nara kif nista’ naqdihom. Mhux l-ewwel darba li ħriġt ’il barra minn triqti biex lil dak li jkun ngħinu.



# LAWRENCE CAMILLERI

**Xufier mad-Dipartiment tal-Informazzjoni**

Jien Wenzu. Għandi 66 sena u dalwaqt nirtira. Imma ma nixtieqx. Jekk jagħtuni sena oħra nagħmilha għax għax-xogħol niġi għal qalbi. Nixtieq li dan il-mument ma jasalx. Hawnhekk dejjem nitgħallem xi ħaġa, kemm mingħand il-ħaddiema, u anke mill-avvenimenti li nispiċċa fihom.

Xogħli xufier mad-DOI. L-iktar li naħdem huwa mal-fotografi tad-DOI, li jkunu mal-attivitajiet tal-Prim Ministru u tal-Ministri, fejn inwassalhom fejn ikollhom bżonn. Xogħol interessanti immens għax magħhom ikolli aċċess f'postijiet fejn qabel qatt ma mort. Nisma' bosta stejjer. Issa ili 45 sena ħaddiem mal-gvern.




Jiena persuna b’karattru ferrieħi, inkellem lil kulħadd u nfittex li ngħin lil dak li jkun. Il-ħaddiema jfittxuni u jirrispettawni. Jiddispjaċini jekk inkun inqast lil xi ħadd u ma nafx li wettaqt dan.

***Ir-rispett jiġi l-ewwel u qabel kollox.***

Niftakarni tgħallimt insuq il-karozza fuq Anglia. L-instructor kien jiġi għalija fil-pjazza tal-Birgu, għax hemm kont noqgħod u joħodni lejn Ħaż-Żabbar. Niftakar li t-test kont għamiltu taħt il-pont ta’ San Ġiljan... illum storja oħra!”



> Li naħdem fis-Servizz Pubbliku jagħtini ċertu sens ta' sodisfazzjon uniku li ma ssibux f'xogħlijiet oħra...

# THOMAS MUSCAT

## People Relations Officer fid-Diviżjoni għan-Nies u Standards

***Li naħdem fis-Servizz Pubbliku jagħtini ċertu sens ta' sodisfazzjon uniku li ma ssibux f'xogħlijiet oħra,peress illi b'xi mod jew ieħor aħna l-Uffiċjali Pubbliċi qed naqdu liċ-ċittadin.***

Trid tkun uman u tifhem il-perspettiva tal-impjegat. L-impjegati mhumiex sempliċiment numru iżda huma persuni umani bil-problemi u ċirkostanzi tagħhom.

Ili fis-Servizz Pubbliku għal dawn l-aħħar 11-il sena, f'Dipartimenti u Ministeri differenti; fi kwalunkwe xogħol dejjem hemm x'titgħallem. Illum naħdem bħala People Relations Officer. Xogħli jikkonsisti li nsegwi u nagħti pariri rigward il-kundizzjonijiet tax-xogħol lill-ħaddiema u maniġment rispettiv. Naraw każijiet totalment diversi minn xulxin u għaldaqstant irridu nadattaw kif meħtieġ. Fost l-istejjer li kelli u li ħallew marka fuqi,



huma każi sensittivi fejn jidħol mard terminali fejn flimkien mal-kollegi nagħtu l-assistenza neċessarja lill-persuni kkonċernati. Nikkordina wkoll ix-xogħol fil-One-Stop-Shop għall-Uffiċjali Pubbliċi li jservi bħala punt ta' referenza għall-ħaddiema kollha. Persuna li taħdem fis-Servizz Pubbliku hawn tista' titlob għal pariri, tressaq ilmenti, sitwazzjonijiet jew problemi li jkollha fuq il-post tax-xogħol.

Nisma' bosta stejjer u sitwazzjonijiet tal-ħaddiema. Trid tara bl-għajnejn u bil-perspettiva ta' min jiġi jkellmek, b'mod objettiv, biex tasal tagħti l-għajnuna. L-umiltà u l-empatija huma żewġ kwalitajiet li narahom fil-karattru tiegħi u li huma ferm importanti għal xogħolna. Hekk biss tista' tisma' u tgħin lill-ħaddiema li jkunu għaddejjin minn żmien diffiċli."



# CLIFTON FENECH

Fotografu mad-Dipartiment tal-Informazzjoni

Il-fotografija hija ħajti u xogħli nagħmlu b'reqqa, b'passjoni u minn qalbi.

***Nemmen li l-passjoni tkun fik u b'hekk dak li tagħmel, tagħmlu bi mħabba.***

Ġieli nkun għajjien mejjet, imma meta x-xogħol tkun tħobbu, tibqa' għaddej anki tard billejl teditja x-xogħol li tkun ġbidt. Nemmen li tkun fid-demm; in-nannu tiegħi kien bil-fotografija, missieri kompla warajh u llum qed nipprattikaha jiena.

M'iniex persuna prużuntuża, anzi persuna li nfittex li meta jqabbduni nagħmel xi ħaġa, irrid inkun ċert li nista' u kapaċi nagħmilha



> “Nemmen li l-passjoni tkun fik u b’hekk dak li tagħmel, tagħmlu bi mħabba.”

biex hekk nagħti l-100% tiegħi. Naħdem mad-DOI. Il-fotoġurnaliżmu jogħġobni, biss l-iktar li nħobb niġbed ritratti huma meta naqbad l-emozzjonijiet tan-nies, mhux ippużati. Is-sodisfazzjon jiġi meta r-ritratt li nkun ġbidt jiġi rrappurtat fil-ġurnali jew fuq il-mezzi soċjali kif ukoll li meta nħares lejn ir-ritratt, jgħaddi kemm jgħaddi żmien minn fuqu, jibqa’ jogħġobni.

F’xogħli niltaqa’ ma’ bosta dinjitarji u presidenti. Sodisfazzjon ieħor hu li nidħol f’postijiet li ma jkunux aċċessibbli għal kulħadd, bħal meta kelli l-opportunità niltaqà mal-Papa fil-Vatikan jew żort kamp tar-refuġjati fis-Sirja u dan ħalla impatt fuqi. Dan hu xogħol li jirrikjedi ħafna attenzjoni, għax tkun trid taqbad u tirrekordja l-mument fi ftit sekondi.



# VANESSA CAUCHI

**Manager fl-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti fil-Ministeru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal**

***Ix-xogħol jagħtini l-opportunità li nisma' u nħoss il-polz tas-soċjetà, iżda wkoll li nwettaq politiki li jagħmlu differenza.***

Meta kkumparati ma' pajjiżi oħra, hawn Malta għandna x-xorti li nirċievu ċerti benefiċċji soċjali. Jiddispjaċini għal dawk li jkunu fil-bżonn. Trid tisma' l-istorja ta' kulħadd u tagħtihom ċans jitkellmu, importanti li ma tagħlaqx il-bibien. Ħafna drabi dak li jkunu jridu; xi ħadd li jisma' l-karba tagħhom għax ma jkollhomx ma' min jitkellmu. L-iktar talbiet li nirċievu huma marbuta mal-benefiċċji soċjali u pensjonijiet. Wara niċċekkja xi jkun jeħtieġ mad-dipartimenti konċernati u skont il-każ naħdmu.



> Ix-xogħol jagħtini l-opportunità li nisma' u nħoss il-polz tas-soċjetà...

Xogħli huwa dak ta' Projects Officer fil-Ministeru għall-Politika Soċjali u Drittijiet tat-Tfal. Naħdem mal-maniġment biex nikkordinaw il-ħidma biex politiki u proġetti minn fuq il-karta jieħdu l-ħajja u jsiru realtà. L-uffiċċju tagħna niddeskrivih bħala l-qalb tal-Ministeru. Tieħu gost li b'telefonata tista' tgħaddi aħbar sabiħa lil min hu fil-bżonn. Il-kelma 'grazzi' u apprezzament mill-pubbliku huwa dak li lili jagħtini l-akbar sodisfazzjon.

Minn meta kont żgħira kont inħobb is-suġġett tal-Istudji Soċjali, u wara studjajt is-Soċjoloġija. Il-fatt li titgħallem fuq is-soċjetà iżda wkoll li tista' tagħmel xi ħaġa għall-komunità ta' madwarek, lili togħġobni. Għalhekk illum xogħli huwa marbut ma' dak li dejjem għoġobni, li nkun ta' servizz għall-pubbliku.

Jekk xi ħadd jiġi jistaqsini biex nagħmel xogħol ieħor, għalkemm opportunità trid tiżinha u tipprova ma titlifhiex, inħoss li hawnhekk jagħtini ħafna sodisfazzjon u għad fadalli ħafna x'nagħti. Inħossni li kbirt fl-esperjenza u kif tittratta ma' sitwazzjonijiet li jiġu quddiemna. Kbirt fil-mod kif naħseb u kif nesprimi ruħi. Tgħallimt nagħti u nagħżel x'inhuma l-prijoritajiet.

Jiena persuna li nħobb nieħu l-inizjattiva. Persuna tan-nies. Inħobb nitħallat man-nies, nisma' lin-nies u ngħin lin-nies.



> Dejjem ippruvajt inżomm bilanċ bejn ix-xogħol u l-familja.

# AMANDA CASSAR

## Deputat Reġistratur ġewwa l-Qorti

Issa ili naħdem ġewwa l-Qorti kważi għoxrin sena. U niġi naħdem għal qalbi. Lanqas qatt ma kelli problemi ma' xi ħadd jew ġejt kontra qalbi. Kont bdejt bħala skrivana u komplejt navvanza biex fl-2009, ilħaqt bħala deputat reġistratur u l-id il-leminija tal-ġudikant. Kull ġudikant għandu t-tim tiegħu u jien xogħli hu li kull kawża li għandu l-Imħallef, nieħu ħsiebha jiena.

F'xogħli nisma' ħafna stejjer. Il-każijiet li kont nisma' marbuta mal-qorti tal-familja kienu jqabbduni iktar dwejjaq, imma tgħallimt minnhom ukoll. Il-familja nħobbha u kienet tkiddni nara l-piki, il-ġlied u l-firda. Tispiċċa tassoċja dak li tkun smajt ma' stejjer fil-ħajja ta' kuljum. Jiena persuna sensittiva. Kultant tajjeb li tkun sensittiv, imma tispiċċa tbati wkoll.



Issa l-każijiet li nisma' huma marbuta maċ-ċivil. Differenti minn dawk li kont nisma' meta bdejt hawn. Ix-xogħol tal-awla nħobbu; li tilbes it-toga għas-seduta, li tipprepara għaliha jagħtini ċertu sodisfazzjon. Għandi ħafna responsabbiltà u rrid noqgħod b'seba' għajnejn li ma jsirux żbalji. Kieku għandi iktar ħin, nistudja l-Liġi. Hawn ix-xogħol huwa impenjattiv ħafna.

***Dejjem ippruvajt inżomm bilanċ bejn ix-xogħol u l-familja.***

Jiddispjaċini li ssib n-nies li ma japprezzawx dak li jsir ġewwa l-Qorti. Jaraw il-ħażin u ma jagħrfux kemm hawn xogħol. Wieħed mis-sodisfazzjonijiet ikun meta nara li l-Imħallef jirranġa l-każ fuq nota tajba u jsir qbil bejn il-partijiet konċernati. Dawn huma affarijiet li sfortunatament ma tantx jidhru.

Xi jdejjaqni f'xogħli? Li jiena persuna sportiva u nħobb niġri imma hawn nispiċċa nilbes it-takkuna."



> "...sodisfazzjon li tista' tgħin lil dak li jkun."

# FRANCESCO CATANIA

## Prokuratur Legali mal-Aġenzija tal-Għajnuna Legali

Waqt li kont qed nistudja l-liġi, għamilt 'open heart surgery'. Kienet is-sena li kont se niggradwa fiha. Minħabba f'hekk, kont weħilt minn suġġett partikolari li kelli bżonn biex ngħaddi għall-gradwazzjoni bħala avukat. Illum qed naħdem bħala prokuratur legali, iżda l-ħolma tiegħi li nsir avukat ma ntemmietx. Il-kors tal-liġi se nkomplih u nittama li fil-futur jirnexxieli nikseb din il-lawrija. Ħolma oħra li għandi hija li jkolli l-opportunita' li naħdem fil-korp diplomatiku.

Meta kont l-iskola, kont beħsiebni niffoka fuq l-IT, iżda maż-żmien, ħadt il-kors tal-liġi. U ma jiddispjaċinix għax ix-xogħol li nwettaq ilaqqani ma' diversi każijiet li fihom qed inkun ta' għajnuna għal-pubbliku, b'mod partikolari l-aħħar sena u nofs li ili naħdem mal-Aġenzija tal-Għajnuna Legali.

Huma bosta li jiġu jfittxu għajnuna legali li tingħata b'xejn, ħafna minnhom huma persuni li għandhom ħtiġijiet soċjali. Storja xokkanti li



ltqajt magħha m'ilux kien każ ta' bullying ġo skola. Każijiet ta' vjolenza domestika ltqajt magħhom ukoll. Storja partikolari li bqajt niftakar hija meta raġel sakkar lill-mara f'post għal diversi ġranet. Stejjer li tarahom fil-films u tgħid possibli qed jiġru hawn? Tiltaqa' ma' nies li huma bla dar u mbagħad tifhem il-mottiv għaliex wettqu att kriminali. Il-każijiet li tisma' u taħdem fuqhom, xi naqra jew oħra, jaffettwawk. Inkwetanti meta jkun hemm it-tfal involuti.

***Huma esperjenzi li jaffettwaw anki lili, iżda hu ta' sodisfazzjon li tista' tgħin lil dak li jkun.***

Inħoss li għandu jkun hemm iktar għarfien mal-ġenerazzjoni żagħżugħa tal-konsegwenzi meta jwettqu atti kriminali. Hemm bżonn ta' iktar għajnuna u edukazzjoni lill-familji fit-trobbija tat-tfal.



# EVAN AZZOPARDI

**Uffiċjal mad-Dipartiment tal-Indafa Pubblika**

L-importanti hu li kull xogħol li tagħmel tagħmlu bil-qalb u b'passjoni. Jien persuna li l-ħmieġ idejjaqni. Minni nħobbha l-indafa u f'xogħli fitt. Minn meta kont għadni tifel, ommi kienet tesiġi lili u lit-tliet ħuti l-oħra, li fejn naqilgħu, irridu niżbarazzawh u jekk inħammġu rridu nnaddfu. Kull fejn immur, fil-karozza, se ssibli xkupa ħalli fejn nara l-ħmieġ, innaddfu. Ilni naħdem f'dan is-settur mas-Servizz Pubbliku għal dawn l-aħħar erba' snin.

Qabel, għal tletin sena kont naħdem f'lukanda, u wkoll kont nieħu ħsieb it-tindif. Mill-privat, issa qed innaddaf għal kulħadd.

Il-gżira tagħna toffri x-xemx u l-baħar li jattiraw ammont kbir ta' turisti. Jiena u sħabi li naħdmu fis-settur tat-tindif pubbliku hu d-dover tagħna li l-bajjiet u t-toroq tal-madwar li aħna assenjati li nieħdu ħsieb, ikunu nodfa.




Kull tip ta' temp hu ta' sfida għalina. Jiddispjaċini nara rimi illegali li mhux biss iħammeġ l-ambjent imma jkun ta' periklu għall-pubbliku inġenerali. Kultant min jarmi illegalment ma jirrealizzax li qed iħammeġ daru stess. Dalgħodu għadni kemm sibt erba' pallets mormijin hawn barra ħdejn il-baħar. Dnub. Issib ukoll min jarmilek fliexken tal-ħġieġ, imkissrin, xi drabi f'postijiet prekarji li biex tneħħi l-periklu, ikollok taqbad l-iskart b'idejk.

***Jien kuntent li x-xogħol tiegħi hu li nnaddaf u nagħmel xi ħaġa ta' ġid.***

L-importanti għalija huwa li nara n-nies ġew fuq il-post u ħadu gost u gawdew ambjent nadif.

Ta' sodisfazzjon għalija meta jiġu n-nies fuqek u jgħaddulek kumpliment għax-xogħol li tkun qed twettaq fil-komunità. Jekk iwaqqafni bniedem u jirrapporta li sab xi mkien maħmuġ u ma jaqax taħt ir-responsabbiltà tiegħi, xorta nara kif ngħin. Pereżempju, m'ilux ġiet persuna u rrappurtat roqgħa żejt fit-triq. Ma għedtilhiex li dak mhux id-dipartiment tiegħi jew li ż-żona mhux tiegħi, iżda fittixt li l-problema nsolviha. Ix-xogħol ma nħallihx għal għada jew infarfar minnu."



“Nixtieq li iktar persuni li huma b’diżabilità jkunu preżenti u jsemmgħu leħinhom.”

# CLIFFORD PORTELLI

## Maniġer fuq Servizzi ġewwa s-CRPD

Nhar għeluq is-sittax-il sena tiegħi, fl-1994, kelli BBQ ma' sħabi Wied il-Għajn. Bħala rigal kienu tawni arloġġ tal-idejn waterproof. Tgħidx kemm kont ferħan bih, li ridt nippruvah u nara li jixxarrab u ma jiqafx jaħdem. Fil-ħemda tal-lejl, qbiżt fil-baħar u ħbatt rasi ma' blata li kien hemm fil-baħar. Spiċċajt f'koma. Sħabi tellgħuni mill-ilma baħar u tteħidt l-isptar, l-ITU. Spiċċajt bl-iskutella ta' rasi miftuħa beraħ, ksirt għonqi u qtajt l-ispina tad-dahar.

Wara żmien l-isptar, kelli bżonn ir-rijabilitazzjoni u bagħtuni barra, Stoke, għal tmien xhur. Għamilt sitt xhur f'sodda ma niċċaqlaqx. Kif wasalt l-Ingilterra, l-ewwel ħaġa li qaltli l-fiżjoterapista kienet li jien mhux se nimxi iktar. Infqajt nibki. Kompliet tgħidli li mill-għada jew se noqgħod nibki xortija jew naħdem u nikkopera biex inkun kapaċi ngħix bid-diżabilità. Għażilt it-tieni. Minn hemm ġejt lura Malta fuq siġġu tar-roti li kapaċi nħaddmu, kapaċi niekol waħdi u kapaċi nilbes flokk. Lura Malta mort l-isptar Boffa. Il-mara tiegħi hemm iltqajt magħha għaliex dak iż-żmien li kont residenti Boffa, kienu daħħlu lin-nanna tagħha bi problema fl-ispina tad-dahar. Taħbit u battalji kellna, imma r-relazzjoni tagħna ssaħħet. Qatt ma kont persuna li nibki lili nnifsi. Il-ħajja lil kulħadd issawwat. Ma tistax tistenna lil xi ħadd iġiblek l-ikel li inti stess trid tiekol, u għalhekk hu meħtieġ li tqum u tagħmel ħiltek biex dak l-ikel li għandek bżonn tiekol, jasal għandek. U hekk ukoll fiċ-ċirkostanzi iebsa li taf tagħtik il-ħajja, trid tibqa' tikkumbatti. Il-ħajja trid tgħixha. Jien hekk għażilt li nagħmel.

Minn Boffa, ħriġt u ridt nagħti sehmi fis-soċjetà biex mid-diffikultajiet li kont qed ngħaddi u minn dawk li kelli ngħaddi, ikun hemm rimedji. Bdejt nagħmel pressjoni fuq min seta' jibdel il-liġijiet li b'mod partikolari jirrigwardjaw lill-persuni b'diżabilità. Kont naqbad pinna u karta u nikteb u nibgħat fejn meħtieġ. Dejjem fittixt li naħdem u nkun indipendenti. Kont l-ewwel persuna li ngħatajt il-liċenzja tas-sewqan bħala persuna b'diżabilità li ħajti marbuta ma' siġġu tar-roti.

Ilni 20 sena naħdem fis-settur pubbliku. Dak iż-żmien li bdejt kont receptionist fl-Aġenzija Sapport. Illum, wara li komplejt nitħarreġ u nistudja, qed naħdem mas-CRPD (Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità) bħala maniġer fuq is-servizzi. Qalbi ma qtajtha qatt. Xejn ma jagħtini sodisfazzjon iktar milli jagħtini s-servizz li qed noffri lill-persuni vulnerabbli. Ma niqafx jew ma nbiddilx għax jien stess naf x'inhuma l-ħtiġijiet tagħhom. Kelli opportunitajiet ta' xogħol oħrajn, iżda nħoss li għandi nkompli nagħti s-servizz tiegħi fil-qasam li bħalissa qiegħed fih. Meta għandek persuna li qed taqdi u tgħin lil persuna oħra li għandha diżabilità, il-messaġġ qed jasal aktar. Kull persuna li għandha xi forma ta' diżabilità tgħaddi mill-istess toroq u passaġġi tal-ħajja u allura faċli li nifhmu lil xulxin.

***Nixtieq li iktar persuni li huma b'diżabilità jkunu preżenti u jsemmgħu leħinhom.***

Ikunu kapaċi li juru l-ħtiġijiet tagħhom, ikunu fuq bordijiet biex fejn tidħol deċiżjoni ta' aċċessibbiltà, jagħtu l-pariri tagħhom li jkunu msaħħin mill-esperjenzi li jgħixu ta' kuljum. Ikunu preżenti, mhux fuq politiki li jaffettwaw persuni b'diżabilità biss, imma hemm bżonn li jkunu preżenti f'diversi oqsma li bid-deċiżjonijiet li jittieħdu, qed tintmiss il-ħajja ta' dawk li huma vulnerabbli u anki tal-pubbliku inġenerali.



# ROSE BAJADA

## Uffiċjal inkarigata fid-Dipartiment tal-Income Support and Investigations Unit

Nagħmlu ħażin jekk nitilqu mill-punt li min japplika għall-benefiċċji soċjali jkollu intenzjoni li jidħak bina. Dik premessa ħażina. Spiss nisimgħu bil-każijiet ħżiena, imma hemm ħafna każijiet ġenwini. Min ħaqqu se joħodhom, min le ma joħodhomx. Qabel nagħtu l-benefiċċji, ser ninvestigaw, b'hekk nevitaw ċerti abbużi.

Wara ċ-ċekk li tirċievi, hemm xi ħadd li qed jippreparah. Dak xogħolna, dejjem wara l-kwinti u ma jidhirx. Naħdem fis-sezzjoni tal-benefiċċji mhux kontributorji.

Fil-bidu dħalt bħala assessur, fejn kont nassessja l-benefiċċji. Kien hemm żmien li bagħtuni d-Dipartiment tat-Taxxa. Imma jien hawn għal qalbi għax nieħu gost li b'xogħli qed ngħin lil dik il-persuna li qiegħda fuq ir-relief.




Nimxi mal-parametri li tagħtini l-liġi u dejjem fittixt li nimxi bis-sewwa. Irrid inkun intiża mal-bidliet fil-pensjonijiet.

Jien inkun involuta wkoll f'taħditiet ma' dawk li finalment jiddeċiedu x'jinħareġ fil-baġit. Nieħu gost meta nilħqu niċeċ ġodda, nies li qabel kienu minsija. Fejn jidħol mard u diżabilità, qed isir aġġornament minħabba każijiet ġodda.

L-iktar ħaġa għal qalbi hija l-bidla li saret fil-ħlasijiet ta' dawk li jieħdu ħsieb lill-ġenituri tagħhom kif ukoll il-carers. Ma hemmx bżonn tieħu ħsieb biss xi ħadd kostrett fis-sodda biex tieħu benefiċċji, iżda hemm każijiet oħrajn diffiċli, bħal min jieħu ħsieb familjari bid-dimensja. Hemm min warrab il-karriera biex jieħu ħsieb għeżież li jbatu b'hekk.

***Qatt ma ninsa minn fejn bdejt u dik iżżommni saqajja mal-art.***

Tiswieni bħala mmaniġġjar għax naf li meta qed niddiskuti mal-ħaddiema tiegħi, id-direzzjoni li nkun qed nagħtihom inkun għextha u għaddejt minnha qabilhom u allura nifhem kull ħidma involuta li hemm.

Ilni hawn mill-1985. Kont dħalt ta' 18-il sena. Kont iż-żgħira. Issa ma tantx għadni. Fil-fatt, meta dħalt naħdem hawnhekk kont mort lura d-dar ngħid lil ommi li 'max-xjuħ' qed naħdem għax kellhom madwar 40 sena... illum għandi żmien aktar minn kemm kellhom huma



> "Niġi għal qalbi fuq il-post tax-xogħol għax huwa xogħol interessanti."

# RODERICK GAUCI

## Digitisation Assistant fl-Arkivji Notarili tal-Gvern

Hawn tiltaqa' ma' kuntratti li jmorru lura għal żmien il-Kavallieri, kuntratti li xi wħud minnhom inisslulek tbissima u oħrajn jagħtuk stampa ċara ta' kif kienu jgħixu l-Maltin dak iż-żmien. Fil-fatt, bosta huma dawk li jkunu qed jistudjaw l-istorja ta' Malta li jiġu hawn biex ifittxu u jaraw tagħrif li jwassalhom jifhmu kif kien jgħix il-Malti fis-seklu sittax jew sbatax. Fatt partikolari u kurjuż, pereżempju, hawn sibt kuntratt notarili fejn il-ġenituri qed jiktbu testment fejn qed iħallu l-oġġetti lil uliedhom u minn ħafna ħwejjeġ, anki l-bidet u s-skieken u l-frieket jissemmew!

Jien persuna li nħobb is-safar u nara l-logħba tal-futbol. Meta kont l-iskola tas-snajja', tgħallimt is-sengħa tal-fulugran u d-deheb. Meta għaddejt għall-ESTS, għażilt il-legatur tal-ktieb u għamilt kors fih. Dak iż-żmien, xogħol tal-legatura tal-ktieb ma sibtx u spiċċajt nagħmel xogħol mhux relatat u differenti għalkollox. Sakemm 'il quddiem kienet ħarġet




applikazzjoni biex nidħol mal-gvern proprju fuq dak li studjajt - il-legatura tal-ktieb. Imma kelli nitla' naħdem Għawdex. Jien, il-ktieb inħobbu, u nħobb nagħmel ir-riċerka marbuta mal-ktieb. Illum qed naħdem hawn, l-Arkivji Notarili. Ili għal dawn l-aħħar sitt snin u xogħli huwa marbut mal-iscanning tal-kuntratti notarili li xi wħud minnhom imorru lura mijiet ta' snin. Fihom qed insib diversi kuntratti interessantissimi u differenti minn dak li jsir illum. Meta nkun qed niskennja xi kuntratt notarili antik, tiġini l-kurżità biex naqra u fejn inkun nista' naqrah. Għax hemm minnhom li ġew miktuba bil-Latin, bit-Taljan u anki Malti antik.

Ix-xogħol ta' scanning żdied. Ftit huma dawk li għandhom għarfien dwar dak li jsir hawnhekk.

***Niġi għal qalbi fuq il-post tax-xogħol għax huwa xogħol interessanti.***



# JESSICA DALLI

Koordinatur fil-Ministeru tal-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Kapitali

***Nixtieq li nagħmel id-differenza. Jekk jirnexxilna nbidlu mqar l-atteġġjament ta' persuna waħda biex tibża' u tieħu ħsieb tal-ambjent, inkunu diġà għamilna pass 'il quddiem.***

Minn meta kont primarja s-suġġett tal-ambjent kien għal qalbi. Niftakarni kont nidħol għall-kompetizzjonijiet u proġetti marbuta mal-ambjent. Komplejt nistudja l-Ġeografija u għamilt B.A. fih u Masters. Dak li ħlomt li nwettaq u nagħmel qed inwettqu llum li kbirt u li qed naħdem fil-qasam tal-ambjent.

Xi drabi, il-bniedem qed ikun egoist fil-mod kif jaġixxi. Hija ħasra meta nagħtu l-ġenb lill-ambjent li fih irridu ngħixu. Inweġġa' ħafna u fija nnifsi nirrabja meta nara lil xi ħadd



> "...Jekk jirnexxilna nbidlu mqar l-atteġġjament ta' persuna waħda biex tibża' u tieħu ħsieb tal-ambjent..."

iħammeġ l-ambjent. Ġieli jkollna avvenimenti u kampanji ta' tindif u waqt li qed nagħmlu dan, ikollok lil xi ħadd li b'wiċċ vili jarmilek il-loqom tas-sigarett quddiemek bħal donnu jrid jgħidlek: 'Issa iġbru int.' Din tweġġagħni.

Irridu nippruvaw inbiddlu l-mentalità tal-persuni. Meta jirnexxilek tbiddel l-atteġġjament ta' xi ħadd, il-probabbiltà hi li hu wkoll se jagħmel l-istess u b'mod pożittiv jinfluwenza lil ħaddieħor.

Bħala taqsima, waħda mill-problemi li qed niffukaw fuqha bħalissa hu l-plastik. Infittxu li noħorġu promozzjonijiet mal-pubbliku biex inqajmu iktar kuxjenza fuq inqas użu tal-plastik. Inħeġġu lil dak li jkun biex juża oġġetti li jistgħu jintużaw iktar minn darba. Minflok oġġett użajtu darba u armejtu, fittex li tuża kontenituri li terġa' tużahom.

Fost il-kampanji li qed naħdmu fuqhom hemm Saving Our Blue u #ClimateOn. Barra minn hekk, matul is-sena norganizzaw ukoll inizjattivi oħrajn bħal Earth Hour, World Environment Day, u Christmas in the Park fejn permezz ta' dawn l-inizjattivi nqajmu iktar kuxjenza fost il-pubbliku inġenerali sabiex l-impenn lejn il-ħarsien ambjentali jibqa' mfakkar matul is-sena kollha. Għalija dan ma nqisux xogħol, għax dak li nagħmel, nagħmlu b'passjoni. L-ambjent hu parti minni u dak li nwettaq isir mill-qalb."



# ANTHONY BARBARA

## Uffiċjal mad-Dipartiment tal-Indafa Pubblika

Timmaġina lil xi ħadd li jrid imur jiġbor ħuta mejta mill-baħar, jew baqra mejta li tkun se tinfaqa' bl-irwejjaħ ħerġin minnha? Jew kelb mitluq barra li jkun ilu mejjet jiem u ħallewh fil-ġenb tat-triq? Dan hu fost ix-xogħol li jitwettaq mill-ħaddiema tagħna. Jagħmlu kulħadd? Le. Għalhekk in-nies għandhom jirrispettaw il-ħidma li ssir min-nies tagħna. Ma tweġġagħnix meta n-nies jirreferu lejn il-ħaddiema tat-taqsima tal-indif bħala 'taż-żibel.'

Fit-taqsima tagħna għandek ukoll dawk li joħorġu jsewwu dak li jiġi mkisser u rrappurtat. Ikollna bosta telefonati mill-Maltin li kif jaraw xi ħaġa mhux f'postha jew li hi ta' periklu jċemplulna biex immorru fuq il-post u nirranġawha jew inneħħuha. U hemm ċirkostanzi li biex tirrimedja l-aċċident jew il-periklu, il-ħaddiema tagħna jridu jwettqu l-operazzjoni tagħhom f'ħin qasir. Irrispetta x-xogħol ta' kulħadd. Il-Maltin saru iżjed konxji, ir-rispett lejna żdied u b'aktar edukazzjoni naslu.



> "Fil-ħajja trid tagħti biex taqla'. Irid ikun hemm il-bilanċ..."

Fl-1980, wara li attendejt l-iskola tas-snajja' u sentejn it-Technical Institute, dħalt fl-apprentistat. Bdejt bħala electrical fitter. Għamilt 14-il sena naħdem fil-Palazz tal-President, fejn qabel kien hemm il-parlament. Xogħli kien fuq manutenzjoni. Illum ninsab naħdem hawn, bħala kap ta' sezzjoni li tieħu ħsieb il-manutenzjoni kif ukoll is-sezzjoni ta' tindif ta' latrini pubbliċi li huma responsabbiltà tal-gvern ċentrali. Taħti għandi diversi ħaddiema. Trid tifhem lilhom u huma jifhmu lilek. Trid iżżomm id-dixxiplina mal-ħaddiema u jrid ikun hemm rispett reċiproku.

***Fil-ħajja trid tagħti biex taqla'. Irid ikun hemm il-bilanċ. Fejn meħtieġ, lil dak li jkun trid tfiehmu u tispjegalu.***

Meta tidħol taħdem mas-Servizz Pubbliku, inħoss li qisek dħalt f'sala mimlija bibien għax għandek ħafna opportunitajiet ta' studju u xogħol. Hemm fejn timraħ. Min ma jridx hu ma jimxix 'il quddiem.



> Bħalma sibt min jifhimni u jagħdirni, jien infittex li nisma' u nifhem lill-ħaddiema tiegħi.

# ANDREW FALZON

## Prinċipal fid-Dipartiment tal-Pensjonijiet

Jiena miżżewweġ u missier ta' żewġ ulied, waħda minnhom fis-sema. Tliet snin ilu mititilna t-tifla li kien għad kellha għaxar snin. Kellha kundizzjoni u matul ħajjitha, jiena u l-mara ridna nqattgħu ħafna mill-ħin magħha. Grazzi għat-teleworking, kont sibt bilanċ bejn il-ħajja u x-xogħol, u hekk stajt ingawdiha u nassistiha f'dak li kien meħtieġ għaliha.

Ili naħdem mas-Servizz Pubbliku mill-1986. Dejjem ħdimt fl-istess dipartiment għax għalkemm ix-xogħol hu diffiċli u tista' tgħid il-ħin kollu għaddejjin taħt pressjoni, dejjem kien għal qalbi. Bdejt bħala skrivan naħdem il-pensjonijiet kontributorji. Wara kont ħadt promozzjoni u bdejt niċċekkja u nawtorizza l-pensjonijiet. Mill-2016, ingħatajt il-kariga ta' Prinċipal.

Ix-xogħol hu għal qalbi għax minn dejjem xtaqt li nkun f'dipartiment fejn nista' ngħin. Jien persuna altruwista u f'xogħli nfittex li nkun



ta' servizz u mhux l-ewwel darba li ħriġt barra minn triqti biex naqdi lil dak li jkun. Min jaf kemm pensjonanti ġew anki jħabbtuli d-dar u nara kif nista' naqdihom. Dawk li jormlu żgħar nagħtuhom prijorità. Wieħed irid iżomm f'moħħu li ħajjet dik il-persuna se tinbidel f'tebqa' t'għajn. Huma sitwazzjonijiet li jmissuni u nfittex li l-pensjoni tagħhom toħroġ fil-ħin biex dawn ma jbatux finanzjarjament. Minn dejjem kont sensittiv għall-każijiet ta' mewt u mard anki minn qabel ma esperjenzajtha jiena stess.

Minn mindu bdejt naħdem fid-Dipartiment tal-Pensjonijiet rajt bidla. Ilħaqt iż-żmien fejn kollox kien isir manwalment. Pereżempju, iċ-ċekkijiet tal-pensjoni kienu jsiru kollha bl-idejn. Tiġi karta sħiħa bil-perforation li fiha tinkludi 13-il ċekk li jintbagħat lill-persuna u jinkiteb kollox bl-idejn. Gradwalment, bl-għajnuna tal-MITA u l-IMU, is-sistema saret kompjuterizzata. Illum, in-numru ta' pensjonanti f'pajjiżna jgħodd 'il fuq minn 90,000.

Bħala Prinċipal tgħallimt li trid tisma' iktar. Biex imorru tajjeb miegħek il-ħaddiema, trid tmur tajjeb int magħhom ukoll. Kulħadd għandu l-karattru u s-salib tiegħu u kultant trid tagħlaq għajnejk u tifhem.

***Bħalma sibt min jifhimni u jagħdirni, jien infittex li nisma' u nifhem lill-ħaddiema tiegħi."***



# MARK XERRI

## Senior Principal fid-Dipartiment tal-Kummerċ

Qed noħolqu iżjed kuxjenza fuq l-artiġjanat Malti li qed jittrasforma ruħu u jadatta għaż-żminijiet. Bħalissa għandna aktar minn 900 artiġjan irreġistrat mal-Uffiċċju tagħna fid-Dipartiment tal-Kummerċ.

Issib artiġjani li joħolqu artiġjanat li nqisuh bħala tradizzjonali, bħall-filugranu u l-induratura. Hemm artiġjanat aktar modern, jew artiġjanat tradizzjonali li jintuża b'mod aktar modern, bħall-bizzilla f'disinji kontemporanji jew imħallta mal-ġojjellerija. Għandek ukoll artiġjani Maltin li jiddisinjaw bl-idejn imbagħad jużaw it-teknoloġija biex joħolqu l-prodott finali. Dan qed jgħin is-settur ikun aktar dinamiku u jadatta maż-żminijiet.

Bix-xogħol tagħna, li jvarja mir-reġistrazzjoni sal-ivverifikar neċessarju, inkunu qed niċċertifikaw li x-xogħol tal-artiġjan Malti hu wieħed ġenwin u magħmul bl-idejn.




Nagħmlu ħilitna biex ngħinu lil min jirrikorri għandna u mingħajr burokrazija żejda. Dak li hu dritt taċ-ċittadin, aħna nagħtuhulu. Trid tikkomunika tajjeb u b'mod ċar dak li trid twassal, dak li jitlob għalih iċ-ċittadin. Anki fejn ma nistgħux naqdu liċ-ċittadin, għandna r-responsabbiltà li nispjegaw u nfiehmu u nagħtu raġuni valida. Nies li jaħdmu mas-servizz pubbliku u jieħdu xogħolhom bis-serjetà rajt, u huma nies li jimpressjonawk.

***Nemmen fil-bilanċ; infittex l-armonija bejn il-familja u x-xogħol u nagħmel użu mill-għodda li jagħtik is-servizz pubbliku biex inżomm bilanċ bejn xogħol u familja.***

Sentejn ilu, il-mara għaddiet minn żmien diffiċli ta' saħħa u sibt l-għajnuna biex waqt li nieħu ħsiebha, stajt naħdem mid-dar biex inkompli nkun ta' servizz għall-pubbliku.

Qabel dħalt mas-Servizz Pubbliku għamilt ħames xhur ngħallem it-Taljan. Mill-bqija dejjem ħdimt fi grupp, nikkonsulta ma' sħabi fuq dak kollu li rridu nwettqu. Ideat u inizjattivi ħriġt bihom. Xi wħud intlaqgħu, uħud le. Meta naqa', nerġa' nibda u nidħol b'entużjażmu ġdid. Ma jfissirx li għax dak li tkun issuġġerejt ma jintlaqax, tieqaf u ma tħarisx 'il quddiem."



> “Żgħażagħ oħra nħeġġiġhom biex ifittxu li jistudjaw u jaħdmu fil-qasam tal-ambjent.”

# GABRIELLE SCIBERRAS

## Maniġer fuq Proġetti ma’ Project Green

Bħalissa qed nieħu ħsieb il-widien. Flimkien mat-tim tiegħi, nanalizzaw il-widien u naraw xi jkunu jeħtieġu bħala manutenzjoni biex minnhom ikun jista’ jgħaddi l-ilma. Meta jidħol ilment, immorru fuq il-post niċċekkjaw u naraw xi jkun hemm bżonn skont il-master plans u l-linji gwida tekniċi. F’Malta għandna 13-il wied ewlieni u nsibu tlieta oħra f’Għawdex. Il-widien kollha jiltaqgħu u jingħaqdu skont iż-żona.

Ftit ilu ħriġna ktieb fuq il-widien fejn ridna li ngħallmu lill-pubbliku dwar l-importanza tal-widien. Il-ktieb jismu: “Valleys: Discovering Malta’s and Gozo’s Watercourses and their Value to Society.” Nixtiequ li l-Maltin isiru iktar konxji tan-natura u jsiru jħobbu u jibżgħu għall-widien li għandna. F’Malta għandna biex inkunu kburin bil-widien tagħna.



Meta kont l-iskola kelli ħafna ħolm u xewqat xi nsir la nikber, fosthom il-mużika għax dik għal qalbi wkoll. Kont nimmaġinani bħala pilota, majjistra jew li nidħol fl-armata bħala mużiċista. Iżda fis-Sixth Form, meta kont qed nistudja l-mużika u l-ġeografija, kellna taħdita li laqtitni u ħalliet effett fuqi. Spiċċajt dħalt BSc. in Earth Systems. Fit-tielet sena tiegħi l-Università kelli ċ-ċans li nidħol nagħmel apprentistat ma' Tisbiħ Malta. Wara li ggradwajt, dħalt mas-Servizz Pubbliku u qed naħdem bħala Uffiċjal tar-Riċerka ma' Project Green.

Fin-natura nkun ferħana, u qed naħdem fis-settur li nħobb: in-natura. Xogħol fejn nista' nagħmel id-differenza, b'mod dirett u indirett. Jiena Għawdxija, minn Fontana, u trabbejt f'ħafna natura. Fi tfuliti dejjem niġri maz-ziju fl-għelieqi u flimkien mal-edukazzjoni bażika li għaddewli l-ġenituri, bħal li ma nħammġux u li nibżgħu għall-ambjent, iffurmawni u ressquni lejn in-natura.

***Żgħażagħ oħra nħeġġiġhom biex ifittxu li jistudjaw u jaħdmu fil-qasam tal-ambjent.***

Hemm bosta opportunitajiet għal min irid jaħdem f'dan il-mestier.



# ALAN MAGRO

## Bennej u Skultur tal-Ġebla mad-Direttorat tar-Restawr

Aħna ġejna skarsi ħafna. Tgħoddhom fuq idejk in-nies li jaħdmu l-iskultura. Lanqas hemm nies li jevalwaw ix-xogħol tagħna. Ħafna drabi, min iħaddem nies ta' sengħa bħalna, jitolbuk iċ-ċertifikat. Iċ-ċertifikati ta' nies bħali mhumiex il-karti, imma jdejna.

L-arti trid tħossha. It-talent ikun ġo fik. Naqbad lapes u nħoss kif u xi rrid inpinġi u dak li naf nipprova ngħaddih lil ħaddieħor. Għalkemm tgħallimt u naħdem fl-iskultura tal-ġebel, sal-lum għadni nitgħallem mill-affarijiet li nara. Jiena bennej u skultur fil-ġebla, nosserva ħafna u nitgħallem. Nies bħali huma importanti biex is-sengħa tibqa' għaddejja.

In-nannu tiegħi kien jagħmel xogħol ta' lavur u jien għad għandi l-għodda tiegħu u nużaha. Erbat ijiem oħra, għodda bħal din ma nsibuhiex. Ħu n-nannu tiegħi kien jirranġa l-iskultura li kienet waqgħet u saritilha l-ħsara fi żmien il-gwerra.



> “Sabiħ meta nkun qed naħdem fuq postijiet storiċi li fihom tkun qed tikxef l-istorja ta’ pajjiżna.”

Mort l-iskola Ġużè D’Amato u mbagħad mort l-iskola tas-snajja’. Darba kien ġie għalliem mill-iskola ta’ Tarġa Gap u beda jurina xi jsir fl-iskola ta’ hemmhekk. Interessajt ruħi, għamilt l-eżami, għaddejt u bdejt nattendi hemmhekk. Dak iż-żmien kont tħajjart nitgħallem l-iskultura fl-injam għax kienu popolari ħafna s-sufani klassiċi kollha skultura bl-idejn. Iżda minflok, mort għall-iskultura fil-ġebla Maltija għax indunajt li Malta hija mdawra b’xogħlijiet ta’ din ix-xorta.

Issa qed naħdem mad-Direttorat tar-Restawr. Il-Kunsilli Lokali japplikaw għall-fondi biex jirrestawraw postijiet storiċi fil-lokal u d-Direttorat tagħna joffri l-ħaddiema tiegħu. Is-sodisfazzjon hu li wara li tlesti biċċa xogħol, tgħaddi minn ħdejha u tgħid: ‘Ara, din għamiltha jiena, u issa qed titgawda minn kulħadd.’

Fis-Servizz Pubbliku niltaqa’ ma’ ħafna karattri differenti, mhux bħal meta nkun hawn waħdi. Issa ili ħames snin naħdem fis-Servizz Pubbliku u nħossni kuntent. Il-ħaddiema li naħdem magħhom, il-maġġoranza tagħhom, huma iżgħar minni u tarahom jiġu fuqi u jistaqsuni biex jitgħallmu.

***Sabiħ meta nkun qed naħdem fuq postijiet storiċi li fihom tkun qed tikxef l-istorja ta’ pajjiżna.***

# DONNALISE PORTELLI

## Social Worker mal-Aġenzija Sapport

Nara b'għajnejja u mmiss b'idejja sitwazzjonijiet li ċerti gruppi vulnerabbli fis-soċjetà jinsabu fihom. Fosthom każijiet ta' diżabilità, problemi finanzjarji, emozzjonali u dinamiċi bejn il-familja. Il-persuni li jirrikorru għand Aġenzija Sapport, huma persuni li għandhom xi tip ta' diżabilità.

Ta' 13-il sena, meta kont studenta fis-sekondarja, l-għalliema ħaduna l-Millenium Chapel, u hemmhekk kelli esperjenza li mmarkatni. Kont iltqajt ma' persuna li kien abbuża mis-sustanzi u mill-esperjenza li qasam miegħi u ma' sħabi tal-klassi, wasslitni biex mill-ħsieb li nistudja u nagħżel il-linja ta' hairdresser, nagħżel il-linja li twassalni biex ngħin u nħalli marka f'ħajjet min hu vulnerabbli. Niftakarni mort id-dar, għedt lil ommi u ċempilt il-Millenium Chapel biex nara x'kien meħtieġ li nagħmel biex nagħmel xogħol ma' persuni li għaddejjin minn diffikultajiet varji. U dak li ħlomt, illum qed inwettqu bħala ħaddiema soċjali.

Id-diżabilità forsi narawha bħala xi ħaġa rari, imma fil-verità hawn iżjed każijiet milli wieħed jaħseb. Iltqajt ma' persuni li ħajjithom inbidlet mil-lejl għan-nhar. Sfaw dipendenti kawża ta' inċident fuq il-post tax-xogħol jew waqt xi attività. Din hija waħda mill-ikbar sfidi li tkun taħdem fis-settur tad-diżabilità u nipprova ma nħallihiex tegħlibni jew twaqqafni minn dak li nħobb nagħmel. Dan ix-xogħol fetaħli iżjed moħħi, ġejt iżjed konxja tad-diffikultajiet li hawn madwarna u qatt ma nieqaf nitgħallem. Meta qed taħdem ma' service user, l-għan hu li tibni rapport u toħroġ il-validità mill-esperjenza tiegħu jew tagħha. Din tgħin sabiex issaħħaħ il-fiduċja ta' bejn il-ħaddiem soċjali u l-klijent, u tħalli lok biex il-klijent ifittex l-għajnuna minn jeddu għax ikun irid tassew li jaffaċċja s-sitwazzjoni tiegħu u jtejjeb il-livell ta' għajxien tiegħu.

***Li klijent jaċċetta l-għajnuna huwa pass kruċjali ħafna.***

Fejn hemm id-diżabilità, aħna naraw kif din qed taffettwalu ħajtu. Aħna nissapportjaw lill-persuna sabiex minkejja d-diżabilità, il-klijent ikun jista' jsaħħaħ l-abilitajiet tiegħu u jkun kapaċi jilħaq l-għanijiet tiegħu bl-iktar mod dinjituż possibbli. Dan ix-xogħol wassalni nifhem u nitgħallem li qabel ngħin lil ħaddieħor, jien stess irrid nieħu ħsieb tiegħi nnifsi biex imbagħad inkun kapaċi naħdem mal-klijenti. Biex tagħti servizz trid tkun b'saħħtek inti.

Ta' kuljum nevalwa x-xogħol tiegħi u kif nista' nkun aħjar. Il-ħidma soċjali wasslitni biex nagħraf li għalkemm mil-lenti ta' professjonist il-progress jaf ikun żgħir, għall-klijent jaf ifisser ħafna. Għalkemm nagħmel l-almu tiegħi, illum il-ġurnata sirt nagħraf u naċċetta wkoll il-fatt li ċerti sitwazzjonijiet huma lil hinn u 'l fuq minni. Sfortunatament, mhux kull każ jew sitwazzjoni jafu jkunu meqjusa ta' suċċess. L-għan tagħna hu li naħdmu id f'id mal-klijent. Ngħallmuh kif juża l-qasba u mhux nagħtuh il-ħuta.

Ix-xogħol li nagħmel huwa wieħed għal qalbi ħafna. Ma rridx nieqaf noħlom, għax il-mument li nieqaf noħlom, ikun ifisser li nieqaf nimraħ jew nitlef il-passjoni f'dak li nagħmel."





"Li klijent jaċċetta l-għajnuna huwa pass kruċjali ħafna."




> "Ix-xogħol ta' pulizija dejjem affaxxinani għax bih nista' nkun ta' servizz għall-komunità..."

# JANICE XUEREB

**Surġent tal-Pulizija**

Meta kont tifla żgħira kelli żewġ xewqat u passjonijiet - il-logħba tal-futbol u l-pulizija. Kbirt u l-ħolm tiegħi qed ngħixu. Kemm il-futbol u anki l-Korp tal-Pulizija huma bil-wisq għal qalbi.

Ta' sitt snin kont diġà nilgħab il-futbol. Ħija kien jilgħab il-futbol u biex jitħarreġ, kien jeħodni miegħu fil-bitħa tan-nanna u kien joqgħod jixxuttjali. 'Kemm int tajba,' kien jgħidli. Imbagħad ħadni miegħu mal-Imsida. Kont ninżel nilgħab mas-subien. Qatt ma kelli xi forma ta' bullying mit-tim tiegħi stess. Meta kienu jiġu timijiet oħra jilagħbu kontrina kienu jitbissmu xħin jaraw lili fil-lasta. Sħabi tat-tim kienu jgħidulhom: "Issa tidħku fl-aħħar!" Kont nagħtihom kedda, u qatt iktar ma kienu jiddieħku bija. Illum nilgħab ma' Birkirkara u mat-Tim Nazzjonali Malti.




Wara li lestejt l-eżamijiet, ta' għoxrin sena applikajt biex nidħol fil-Korp tal-Pulizija.

***Ix-xogħol ta' pulizija dejjem affaxxinani għax bih nista' nkun ta' servizz għall-komunità, nagħmel id-differenza u ngħin lin-nies, kif inħobb nagħmel.***

Bdejt kuntistabbli u llum nokkupa l-kariga ta' Surġent. L-iktar sodisfazzjon meta nkun għamilt azzjoni ma' xi ħadd li ħalliet impatt pożittiv, bħal meta nara persuna tirriforma ruħha u ssib it-triq it-tajba. Aħna nfittxu li nkunu ta' servizz u naqdu lill-pubbliku. Nedukaw lill-poplu għax hekk se jgawdi kulħadd u nkunu qed nipprevjenu r-reati milli jiġru.

Il-prattiċità hija importanti daqskemm hu importanti wkoll li nimxu mal-liġi. Jeħtieġ li jkun hemm iktar rispett lejn il-Korp tal-Pulizija u wieħed jagħraf il-ħidma li ssir biex jiġi protett il-pubbliku. Kultant in-nies ma tifhimniex. Jaħsbu li dak li nagħmlu, nagħmluh għall-gost. Jiena nfittex kompromess billi nikkomunika tajjeb mal-persuna li qed toħloq xi tip ta' kontravenzjoni, u bil-kelma t-tajba nfiehem l-iżball li jkun sar imma fl-istess waqt inżomm ma' dak li titlob il-liġi




“Li kieku kelli nerġa’ nreġġa’ l-arloġġ lura, l-istess xogħol nagħżel.”



# KEVIN ZAHRA

Uffiċjal mad-Dipartiment tal-Indafa Pubblika

Minn meta kont żgħir kont noħlom li naħdem bit-trakkijiet. Il-vetturi minn dejjem għoġbuni. Fil-fatt, wieħed mid-delizzji tiegħi huwa narma l-karozzi, karozzi antiki. Naħdem mad-Dipartiment tat-Tindif Pubbliku bħala sewwieq ta' vetturi tal-kostruzzjoni. Dawn il-vetturi jintużaw meta jkun qed isir tindif u manutenzjoni f'żoni pubbliċi. Inkunu msejħin ukoll f'emerġenżi, f'każijiet meta l-pajjiż jinħakem minn għargħar, u jkollok ħitan jew siġar li qed jimblukkaw l-arterji prinċipali u huma ta' detriment u periklu għall-pubbliku. Hemmhekk, flimkien ma' sħabi, immorru fuq il-post, isir it-tindif meħtieġ u jitgħabba fit-trakkijiet materjal li jkun ta' periklu.

Ta' kull filgħodu l-mara tgħidli: 'Moħħok hemm u oqgħod attent.' Taf li l-ħidma tiegħi, xi drabi, taf tkun fil-periklu. Jien dejjem inżomm lilha u lit-tifel tiegħi f'moħħi. Ovvjament, aħna li naħdmu f'dan is-settur, niġu mħarrġa biex inkunu nafu kif inġibu ruħna f'kull eventwalità u anki jkollna korsijiet regolari tas-Saħħa u s-Sigurtà. Jinqala' xi każ urġenti, lili jċemplu. U jekk ma nkunx imissni xogħol, ikolli mmur. U nagħmel dan b'sodisfazzjon għax naf li qed inkun ta' servizz għall-pubbliku.

***Li kieku kelli nerġa' nreġġa' l-arloġġ lura, l-istess xogħol nagħżel.***

Għaliex? Għax l-ewwel nett qed naħdem bl-inġenji li nħobb insuq kif ukoll għax qed naħdem man-nies għan-nies. Barra dan ix-xogħol, inwettaq ukoll xogħol ta' manutenzjoni. Inħoss li l-pubbliku inġenerali japprezza dak li aħna l-ħaddiema tat-tindif inwettqu.

Episodju partikolari li nibqa' niftakar hu fi żmien il-pandemija. Kont inkun bil-bowser, innaddaf it-toroq, u darba fost l-oħrajn kien hemm persuna li rrabjat għax waqt li jien u sħabi konna qed innaddfu l-bankini bl-ilma, tar xi ftit ilma mal-ħitan tad-dar. Bil-kelma t-tajba inżilt nispjegala bil-benefiċċji u l-protezzjoni li qed tingħata ħabba l-infezzjoni tal-Covid-19, u hemm il-persuna waslet tifhem u skużat ruħha




# ANGELO CALLUS

Ġardinar mas-Servizz Pubbliku

Twelidt qalb ir-raba', f'Ħal Far, fil-limiti taż-Żurrieq. Ommi tgħid li wellditni waqt li kienet qed taħleb in-nagħaġ.

***Mhux ta' b'xejn ngħid li n-natura, ir-raba' u l-annimali huma l-ewwel imħabba tiegħi!***

Meta kont żgħir, batejt. Wara l-iskola kont immur ngħin lil missieri u ta' 14-il sena kont diġà naħdem mal-baqar. Illum għandi x-xogħol li xtaqt.

Issa ilni tmien snin naħdem il-Buskett mas-Servizz Pubbliku. Bdejt mix-xogħol li nibni l-ħitan tas-sejjieħ. Imbagħad qlibt għal ġardinar. Iżda hawn, il-Buskett, ma tistax tgħid ħa tagħmel xogħol wieħed. Għax jekk waqa' ħajt trid tmur tirranġah u jekk wasal żmien iż-żabra, trid tmur tiżbor. It-tbatija li fih biex



ittella' b'idejk ħajt tas-sejjieħ imwaqqa' hija kbira. Iżda sfortunatament issib min jiġi hawn biex jieħu gost u b'mod egoistiku jagħmel il-ħsara. Wara tmiem il-ġimgħa, tiġi hawn it-Tnejn u ssib xi ħajt imwaqqa' għax ikunu telgħu fuqu. Jew friegħi ta' siġar imqaċċta għax ikunu ddendlu magħhom, jew frott maqtugħ mingħajr permess u trid dejjem tirranġa l-ħsara.

Dan apparti l-ħmieġ li ssib. Hemm bżonn ta' iktar edukazzjoni mat-tfal u mill-ġenituri biex jibżgħu għall-ambjent li jsibu. Ġieli jkolli nwiddeb lil xi ħadd li narah jagħmel il-ħsara. Din mhi tajba għal ħadd. Ix-xogħol trid tagħmlu b'dedikazzjoni. Xi kultant ma jkollix aptit nitlaq minn hawn, għalkemm nammetti, li mhux mixtieq minn dawn l-affarijiet."



# EMANUEL VELLA

## Uffiċjal fid-Direttorat tal-Kultura

Minn dawn l-uffiċċji daħħalna l-Ftira Maltija u l-Għana fil-lista kulturali tal-UNESCO, biex nirrikonoxxu u nipproteġu l-aspetti uniċi tagħhom. Fost tradizzjonijiet oħra li kienu se jintilfu, li ħdimna flimkien ma' stakeholders oħrajn biex insalvawhom, huma t-tradizzjoni tal-presepju, tal-ganutell u tal-bizzilla.

In-nies trid tintroduċihom għall-kultura. Aħna li naħdmu fid-Direttorat tal-Kultura nirsistu biex inressqu l-kultura lejn il-komunità. Jien naħdem fuq il-Ġustizzja Kulturali, jiġifieri nqajjem kuxjenza fejn nies li għaddejjin minn problemi soċjali xorta jkollhom opportunità li jgawdu mill-kultura li joffri l-pajjiż. Bħal pereżempju ssib nies li tkun diffiċli għalihom li jidħlu f'teatru, u permezz tal-Ġustizzja Kulturali, dawk in-nies li huma emarġinati jew għaddejjin minn problemi soċjali, finanzjarji jew sfidi oħra, jingħataw l-opportunità biex jersqu lejn il-kultura u l-arti performattiva. Din qed titħaddem mal-Kunsilli Lokali.



> "Irridu nirrispettaw it-tradizzjonijiet li għandna."

***Irridu nirrispettaw it-tradizzjonijiet li għandna.***

Minn fejn bdejna. Tkiddni meta nara li t-tradizzjonijiet tagħna mhux nirrispettawhom u nxejnuhom. Il-kultura hi vasta u hi miftuħa għal kulħadd.

F'xogħli spiċċajt naħdem ma' ħafna artisti Maltin u barranin, ħdimt u tellajt esebizzjonijiet f'Malta u barra minn Malta, fosthom fi Vjenna u fl-Amerika. Iżda oriġinarjament studjajt l-inġinerija elettrika. Kont naħdem l-Ajruport, fit-Torri tal-Kontroll. Xtaqt nagħmel xogħol differenti. Bdejt bil-volontorjat, mal-Kunsill Lokali taż-Żejtun, involut fl-organizzazzjoni ta' Żejt iż-Żejtun. Fl-2015 kont applikajt għal kordinatur mal-Valletta 2018, u ġejt aċċettat. Ħassejt fija l-element li nkun iktar miftuħ milli maqbud f'inkubu.

Fil-ħin liberu tiegħi nħobb naħdem b'affarijiet riċiklabbli biex noħloq presepji. L-ideat u l-ispirazzjonijiet li nieħu mingħand artisti varji li niltaqa' magħhom huma kbar. Taqsam l-esperjenza tiegħek magħhom u huma l-istess jaqsmu l-esperjenzi tagħhom miegħek, u titgħallem.




# MARICA XUEREB

## Project Manager ġewwa l-MITA

Is-suġġett tal-Computer Studies kien pjuttost ġdid fis-sekondarja. Missieri emmen li se jkun il-futur u għalhekk ħeġġiġni u fetaħli għajnejja. Smajt minnu u ma ddispjaċinix, anzi nirringrazzjah għax xogħli nħobbu immens.

Dħalt l-Università nistudja B.Sc Computing u Maths, għax l-IT kien għadu lanqas biss jeżisti. Kont l-unika tfajla fil-kors li speċjalizzajt fil-Computing. Meta gradwajt u dħalt il-MITA, ukoll kont spiċċajt mara waħdi naħdem prinċipalment fi gruppi ma' rġiel. Imma dejjem semmajt leħni.

Biss, il-MITA, dejjem emmnet fl-ugwaljanza u ħaddmitha fil-prattika, mhux biss li tattira lin-nisa imma li tagħtihom ukoll l-appoġġ li jkomplu jkabbru l-karriera tagħhom. Llum hemm nisa oħra li jaħdmu magħna u jokkupaw pożizzjonijiet għoljin.




> Infittex il-potenzjal f'kull persuna
> u nħeġġeġ lil dak li jkun qalbu qatt.
> ma jaqta' qalbu qatt.

Mill-ewwel emmnu fija. Dħalt bħala systems analyst, u issa qiegħda Project Manager, u tista' tgħid li missejt mad-dominji kollha tal-gvern. Issa x-xogħol tiegħi hu mifrux fuq id-dipartiment tal-Programme Management fi ħdan il-MITA. Bħalissa qed nimmodernizzaw is-sistemi tas-servizzi tat-taxxa, tad-dwana, tas-sigurtà soċjali, tas-saħħa u tas-sistemi tal-iffinanzjar li jiġu mill-UE. Qed nippruvaw indaħħlu wkoll teknoloġiji innovattivi.

F'dawn is-27 sena, tgħallimt il-kompetenzi ewlenin. Tibqa' titgħallem kuljum għax inkella tiskadi. Dejjem ħdimt f'tim, u rnexxejt għax ħdimt u kkollaborajt ma' persuni oħrajn, nies li ħasbu fija u mexxewni 'l quddiem. Jien inkun ta' sapport għalihom, nemmen fihom, nafdahom. Jiena naħdem ma' kulħadd. Nipprova nadatta għall-persuna.

***Infittex il-potenzjal f'kull persuna u nħeġġeġ lil dak li jkun ma jaqta' qalbu qatt.***

Bħalma għallmu lili, jien infittex li ngħallem lil ħaddieħor.



# KARL AGIUS

Skrivan fid-Dipartiment tal-Kultura

Peress li jiena mill-Isla, l-imħabba lejn l-istorja u l-kultura hi kbira. Pajjiżna joffri diversi elementi ta' kultura u emmint li jekk niġi naħdem fid-Dipartiment tal-Kultura, se nkun eqreb tal-Kultura Maltija. Inħobb ninvolvi ruħi fid-drama, fil-festa, fil-Ġimgħa l-Kbira, fir-regatta u fil-futbol.

***Iktar ma timraħ f'Malta tinduna bis-sbuħija li għandna.***

Hu importanti li żgħażagħ bħali jagħtu kontribut għal dak li l-antenati tagħna ħadmu għalih. L-involviment ta' bosta jgħin biex l-elementi kulturali jibqgħu għaddejjin minn ġenerazzjoni għall-oħra.



> “Iktar ma timraħ f’Malta tinduna bis-sbuħija li għandna.”

Id-differenza jagħmluha ż-żgħażagħ u nemmen li l-involviment tagħhom fil-lokalità li fiha jgħixu, hija kruċjali. Permezz tal-attivitajiet, wieħed jinqata’ mit-teknoloġija li torbtu wiċċu mal-laptop jew mowbajl u tlaqqgħu man-nies fuq livell fiżiku. Kull lokalità għandha tkun kburija bil-wirt tagħha.

Xogħli hu bbażat fuq ġbir ta’ informazzjoni minn entitajiet varji fuq restawr, kunsilli lokali, l-arti, wirt nazzjonali u aspetti oħra, fosthom għall-Mistoqsijiet Parlamentari marbuta ma’ dawn id-dipartimenti. Ili hawn għal dan l-aħħar sena u nofs. Ħadt ix-xogħol bħala sfida. Qed nitgħallem x’qed isir fil-pajjiż. Isiru affarijiet żgħar li għal xi wħud mhuma xejn imma fil-verità jagħmlu differenzi kbar fil-ħajja ta’ kuljum.”



# JONATHAN CASSAR

## Chief Technology Officer ġewwa l-MITA

Minn dejjem kont dilettant tal-kompjuter, minn ta' età żgħira ħafna. Il-papà kellu Sinclair ZX81 u kull filgħodu kont noqgħod nittajpja u nikkopja n-noti fuqu. Kbirt, u l-imħabba tiegħi lejn l-IT ma ntilfitx. Missieri kien inġinier u kienu jinteressawh il-gadgets li kienu joħorġu. Sintendi, jien kont immiss magħhom. Meta kelli 12-il sena, tlift lill-papà. Kellu biss 51 sena. Iżda nista' ngħid li ħallieli legat. Żgur li għamiltu kburi.

Illum naħdem hawn il-MITA, fil-qasam tas-sigurtà u l-infrastruttura diġitali tal-gvern, u anki Chief Technology Officer. Nilbes żewġt ikpiepel u xi kultant huma xi ftit konfliġġenti. Fis-sens li trid tkun kawt minħabba sigurtà, u trid tħares 'il quddiem biex tara t-teknoloġija kif se tibqa' tevolvi. Importanti nsib il-bilanċ.

Meta kont tifel, ma tantx kien hemm wisq toroq miftuħin għal min kien jogħġbu l-Computer Studies. Però kont nattendi l-iskola




> “Hawn ambjent pjuttost kumpless fejn tikber u titgħallem.”

ta’ Sant’Agata, ir-Rabat, u dik l-iskola kienet diġà introduċiet is-suġġett tal-Computer Studies. Imbagħad bdejt ukoll kors mal-MITA stess. Issa ili hawnhekk għal dawn l-aħħar 25 sena. Ta’ 18-il sena dħalt bħala student u kont nagħmel l-inventarji tat-tagħmir tal-kompjuters tad-dipartimenti tal-gvern.

Xi vjaġġ dak. Inħossni li kbirt u tgħallimt u fadalli x’nitgħallem. Dejjem kelli sfidi ġodda. Tant kemm għandna varjetà ta’ teknoloġiji differenti li jkollok tadatta u trid tkun aġġornat. Trid tkun pass ’il quddiem għar-riskji li qed jevolvu. L-isfidi fil-qasam tat-teknoloġija u s-sigurtà fl-IT kulma jmorru dejjem qed ikunu ta’ sfida. Ix-xogħol għalija mhux daqshekk xogħol għax nieħu pjaċir nagħmel dak li nagħmel. Il-mument li nasal ngħid “Uff xi dwejjaq sejjer għax-xogħol!” ikun ifisser li wasal iż-żmien li nbiddel.

Qegħdin hawn mhux għall-paga imma għax għandna vokazzjoni lejn il-pajjiż u kburin b’dan. Kemm huwa importanti li jkollna nies li jaħdmu biex jiddefendu l-attakki minn barra fuq is-sistemi tal-IT. Noffru l-esperjenza tax-xogħol.

***Hawn ambjent pjuttost kumpless fejn tikber u titgħallem.***

Irrid nara li l-livell ta’ maturità marbuta mat-teknoloġija u cyber security inwasslu ’l fuq kemm jista’ jkun possibbli. Għalkemm aħna żgħar fl-aspetti diġitali, m’aħniex ħażin meta kkomparati ma’ pajjiżi oħrajn. Dejjem ġejna l-ewwel fil-qasam tal-e-government.




> "Infittxu li lil dak li jkun ngħinuh."

# JEANETTE ABDILLA

**Prinċipal ġewwa l-Monitoring & Support Local Government Division**

Taħdem kemm tiflaħ u ħafna drabi x-xogħol tagħna ma jidhirx. L-ikrah jissemma, u dik tweġġagħna.

Xogħli hu li nassisti lill-Kunsilli Lokali biex iċ-ċittadin ikun moqdi sew, b'mod sempliċi u faċli. Min jiġi hawn irrabjat, nipprova nagħmillu l-ħajja iktar faċli sakemm nistgħu jiena u sħabi.

***Infittxu li lil dak li jkun ngħinuh.***

Ġieli jkun hemm xi persuna, xi anzjan, iċempel, u b'dak it-ton ħelu jgħidli: "Int trid tkun is-Salvatur għalija." Allura nismagħhom, nara eżattament x'inhi t-talba tagħhom, nagħmel ir-riċerka biex nisma' ż-żewġt iqniepen u naħdem biex nipprova bil-mezzi li għandi ngħin - u nagħti appoġġ lil min qed jistaqsi għall-għajnuna.



Jiena persuna paċenzjuża ħafna. Mhux se niżbroffa malajr. Aħna nimxu mal-leġiżlazzjoni, ma nistgħux immorru lil hinn minn dak li tgħid il-liġi. Il-problemi tiegħi ta' kuljum huma li rrid infiehem lill-pubbliku b'miżuri li jkunu ġew leġiżlati u li l-pubbliku ma jkunx konxju tagħhom.

Jien tifla waħdi u jeħtieġ nieħu ħsieb lil ommi. Il-prattiċi tax-xogħol tas-Servizz Pubbliku jgħinuni immens. It-telework għeni biex inkompli naħdem filwaqt li nlaħħaq ma' dak li titlob il-familja. La nqum filgħodu b'saħħti, il-ġurnata niġġildulha."



“Is-sabiħ tiegħu hu li joffrilek sfida.”



# SARAH PORTELLI

Konservatriċi mal-Arkivji Nazzjonali

Quddiemi jkolli teżori nazzjonali, u xogħli hu li b'responsabbiltà nikkonserva u nippriserva dan il-patrimonju Malti. Xogħol sabiħ immens u li jvarja ħafna. Jirrikjedi ħiliet differenti bħal riċerka u problem-solving.

***Is-sabiħ tiegħu hu li joffrilek sfida.***

Il-ġurnata tax-xogħol tiegħi nqattagħha mal-karti antiki, karti li xi wħud minnhom ikunu fraġli ħafna u jien bħat-tabib, irrid insalvahom. Is-sodisfazzjon tiegħi hu li dak li qed nagħmel jasal biex ikun aċċessibbli għall-pubbliku. Inħoss li għandi xogħol speċjali għax hu xogħol metikoluż li mhux kulħadd kapaċi jagħmlu. Sabiħ meta jkollok quddiemek karta fraġli u meta taraha taħseb li ma tistax tiġi salvata u bil-kalmezza kollha jirnexxili noħroġ l-informazzjoni minnha.

Kollox beda mill-iskola. Kienu ġew ikellmuna dwar karrieri. Kif semmew il-konservazzjoni, din il-kelma bħal xegħlet swiċċ fija, u intrigatni. Mort infittex biex nara fiex jikkonsisti dan ix-xogħol, mort open days u anki l-proġett tas-Systems of Knowledge għamilt fuq il-konservazzjoni.

Kont mort għamilt xogħol l-Arkivji Notarili fejn sibt ħafna appoġġ. Issa ili għal dawn l-aħħar tliet snin naħdem bħala konservatriċi. Nispeċjalizza fil-konservazzjoni tal-karti u tal-kotba, li t-tnejn huma ferm importanti speċjalment meta tkun qed taħdem ma' kollezzjonijiet daqshekk prestiġjużi bħal dawk li ssib fl-Arkivji Nazzjonali.




"Fix-xogħol tagħna trid tkun lest għal kollox."



# LAWRENCE FORMOSA U ZICO (KELB)

Search & Rescue Officer mal-Protezzjoni Ċivili

Il-klieb tagħna hawnhekk huma mħarrġa biex f'każ li jaqa' bini, jindikawlek fejn jista' jkun hemm persuna midruba. Jitħarreġ biex jidra r-riħa tal-bniedem. Grazzi għall-għajnuna tiegħu nistgħu nsalvaw ħajja.

Minn mindu kont tfal kont inħobb l-annimali, b'mod partikolari l-klieb. Kelb jagħtik imħabba bla kundizzjoni u hu dejjem leali lejk. Issa ili dawn l-aħħar ħames snin fis-sezzjoni tal-klieb. Jien għażilt li niġi hawn. Ta' 18-il sena dħalt pulizija mas-sezzjoni tal-SAG. Għamilt sitt xhur, imbagħad mort Fire Brigade tal-Pulizija biex minn hemm, ftit wara, imxejt mal-Protezzjoni Ċivili.

Zico huwa kelb intelliġenti ħafna, bravu u leali. Zico, li huwa tar-razza German Shepherd, huwa wieħed mis-sitt iklieb li għandna, u f'Mejju li ġej se jagħlaq għaxar snin. Dawn jinxtraw ġriewi u t-taħriġ isir hawn Malta, mill-ħaddiema tal-Protezzjoni Ċivili. Inqattgħu ħafna ħin magħhom biex tinbena rabta magħhom u huma miegħek. Il-biki li bkejt meta tlift il-kelb li kelli qabel Zico kien kbir. Għamilt 15-il ġurnata biex ġejt lura f'tiegħi. Se jagħlaq tliet snin mejjet u għadni naħseb fih.

***Fix-xogħol tagħna trid tkun lest għal kollox.***

Aħna u l-klieb nitħarrġu u nkunu preparati dejjem għal dak li jista' jinqala'. Imma hemm ukoll ħafna sodisfazzjon, b'mod speċjali meta tara lill-klieb li tkun għallimt juru mħabba kbira lejk. Huma jidraw ix-xift tagħna u Zico jkun qed jistennieni bil-ħerqa meta jasal ix-xift tax-xogħol tiegħi."



# CAROLINE DEBONO

**Senior Manager ġewwa l-Procurement Unit**

Il-ħajja għallmitni. Kelli ħija b'diżabbiltà u miet għal għarrieda disa' snin ilu. Kien il-mument li bidilli ħajti. Kont persuna materjalista u nbdilt għax sirt napprezza iktar il-ħajja.

Il-karriera hija importanti, imma jeħtieġ li jkollok ħin għar-rilassament. Nipprova nsib bilanċ. Il-ħajja tiegħi mhix xogħol biss.

Xogħli marbut mal-procurement, fejn nilqa' u noħroġ tenders tal-gvern. Ix-xogħol mhux antipatku daqskemm wieħed jaħseb. Peress li issa ili naħdem ħafna fis-settur tal-procurement, inħoss li għandi biżżejjed għarfien biex ngħin lil dak li jkun jibni tender. Il-fatt li jiġu jistaqsuni u jiena nista' ngħin hija parti mis-sodisfazzjon li jagħtini dan ix-xogħol.




Dħalt naħdem mas-Servizz Pubbliku minn meta spiċċajt l-iskola, imbagħad komplejt bl-istudji tiegħi u għamilt MBA, għaliex is-settur tan-negozju dejjem kien jinteressani.

L-ambjent soċjali jogħġobni. Fil-fatt, qabel ġejt hawnhekk, kont naħdem fil-qasam soċjali ma' Aġenzija Sapport. Nimmissja li niltaqa' man-nies għax inħobb li nkun f'kuntatt dirett man-nies.

***Peress li jiena persuna soċjevoli, infittex li fil-ħin liberu tiegħi nkun f'kumpanija ma' oħrajn.***

Jiena wkoll persuna kreattiva, qed nitgħallem l-arti, immur pilates u nħobb inqatta' ħafna ħin qalb in-natura fejn insib il-mistrieħ. Għandi wkoll għal qalbi u attiva regolarment fil-volontarjat. Bħalissa qed naħdem ma' Sharing Lives ta' Aġenzija Sapport billi nassisti fl-attivitajiet ma' persuni b'diżabbiltà.




# DARREN MIZZI

**Konsulent ġewwa l-MITA**

Niftakarni fil-ħin tal-pawsa tal-iskola, kont immur fil-laboratorju tal-kompjuters. Anki waqt xi open day, kont issibni nieħu ħsieb il-laboratorju tal-IT. Kont inħoss li dak kien se jkun il-futur tad-dinja, u allura kienet għażla faċli li nkompli l-istudji tiegħi fuq Computing.

Mal-MITA bdejt bħala Quality Assurance Analyst. Dak iż-żmien, ħdimt ma' oħrajn fuq il-bidla mil-Lira Maltija għall-Ewro.

Imbagħad imxejt fuq IT Change Management fejn kull bidla li ssir fil-MITA, tgħaddi minn taħt dan il-bord. F'dan ix-xogħol, rajt u missejt ma' ħafna nies u bla ma ridt, bdejt ninteressa ruħi f'diversi suġġetti. Imbagħad ilħaqt Project Leader fuq passaporti u l-ID card elettronika.

Għal żmien qasir tlaqt minn din l-aġenzija u mort naħdem mal-privat, imma rġajt lura u dħalt fl-eGovernment, għax qalbi baqgħet



> “Il-MITA hija fuq quddiem fejn tidħol it-teknoloġija tal-informatika...”

hawn. Dak li tgħallimt minn barra stajt niġi napplikah fil-MITA. L-eGovernment, jiġifieri s-servizzi governattivi online, apprezzajnieh speċjalment fiż-żmien tal-isfidi tal-pandemija. Kemm kien hemm nies li aċċessaw servizzi bl-eID, irċevew notifiki fuq il-mobile jew għamlu xi pagament online.

Is-sodisfazzjon fix-xogħol li jitwettaq hawn hu li tara xi ħaġa ġdida titwieled jew xi servizz ġdid, u mingħajr ħadd ma jkun jaf, inkun nista' ngħid li jien kont parti minn dak is-suċċess.

***Il-MITA hija fuq quddiem fejn tidħol it-teknoloġija tal-informatika, u naturalment kull impjegat irid iżomm lilu nnifsu aġġornat ma' dak li jkun għaddej fl-industrija.***



# MELVIN CARUANA

**Kordinatur mal-Arkivji Nazzjonali**

Ngħidu li l-istorja tirrepeti ruħha għax in-natura tal-bniedem ma tinbidilx.

***Fl-Arkivji Nazzjonali hawn storja ta' poplu. L-Istorja mhijiex biss il-passat, imma hi riflessjoni tal-preżent u biha nistgħu nitgħallmu.***

Gradwajt fl-Istorja, u meta kont għamilt it-teżi u ġejt nagħmel ir-riċerka tiegħi hawnhekk fl-Arkivji Nazzjonali, ir-Rabat, f'moħħi daħħaltha li xi darba rrid niġi naħdem f'dan il-post. Fix-xogħol li għandi preżenti bħala kordinatur tas-Servizzi Pubbliċi mal-Arkivji Nazzjonali qed ngħaqqad żewġ affarijiet li huma għal qalbi; qed immiss mal-istorja u qed naqdi lill-pubbliku. Hu ta' sodisfazzjon u ta' privileġġ li nista' nagħmel xi ħaġa li togħġobni u niġi għax-xogħol kuntent ħafna.



> “Fl-Arkivji Nazzjonali hawn storja ta’ poplu.”

Hawn nippreservaw il-memorja kollettiva tal-pubbliku Malti u din il-memorja rridu li nagħmluha aċċessibbli għal kulħadd. Xogħli hu li ngħin lir-riċerkatur fit-tfittxija tiegħu. Nassisti fir-riċerka li jkun qed jagħmel. Filwaqt li r-riċerka ssir mill-klijent, jiena nara kif nista’ niffaċilita fir-riċerka li jkun qed iwettaq. Obbligat li nagħti servizz tajjeb. Trid tilbes iż-żarbun tal-klijent, allura bla ma trid taqdih b’mod tajjeb għax tgħid: ‘Li kieku jiena minfloku, x’servizz nixtieq li ningħata?’

In-nies li jiġu hawnhekk ġejjin minn sferi differenti u kull wieħed u waħda għandhom interess partikolari u differenti. Il-fatt li qed niltaqa’ u mmiss ma’ persuni li r-riċerka tagħhom hija differenti twassalni biex niftaħ orizzonti ġodda kuljum, u nitgħallem magħhom.



# PATRICIA AZZOPARDI

## Prinċipal mad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili

F'xogħli niltaqa' ma' nies li jkollhom aħbarijiet sbieħ u oħrajn li huma inqas sbieħ.

***Jiena nfittex li nisma', nifhem u naqdi bl-aħjar mod. Nilbes iż-żarbun tagħhom. Irrid nifhem is-sitwazzjoni li jkun għaddej minnha l-impjegat.***

Il-ħaddiema japprezzaw ħafna dak li jiena nwettaq magħhom. Ftit żmien ilu, wieħed mill-kollegi li ġarrab mewt fil-familja apprezza immens l-appoġġ li sab minn dan l-uffiċċju għax fittixna li nagħmlu dak kollu li kien meħtieġ.

Ili naħdem mas-Servizz Pubbliku minn meta kelli 17-il sena. Dħalt bħala skrivana u bqajt tielgħa skaluna skaluna, sabiex illum nokkupa l-kariga ta' Prinċipal mad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili. Xogħli huwa marbut mas-sezzjoni tar-Riżorsi Umani. Tista' tgħid li għandi x'naqsam ma' kull ħaġa li torbot lill-ħaddiema



> “Nilbes iż-żarbun tagħhom. Irrid nifhem is-sitwazzjoni li jkun għaddej minnha l-impjegat.”

stazzjonati fiċ-ċentri kollha li minnhom joperaw il-Protezzjoni Ċivili. Dan kien xogħol ġdid għalija imma li ħadtu bi sfida u llum nista' ngħid li dan huwa xogħol għal qalbi ħafna. Ix-xogħol tiegħi jinvolvi li nieħu ħsieb il-leave tal-ħaddiema, nipproċessa l-formoli tal-pensjoni għal min jispiċċa bil-pensjoni tas-servizz jew il-pensjoni tal-iritirar, nieħu ħsieb il-files personali tal-impjegati fejn nara li jkunu dejjem aġġornati kif suppost, u diversi affarijiet oħra li kull impjegat jista' jiġi bżonn mis-sezzjoni tar-Riżorsi Umani.

Li jkollok relazzjoni tajba mal-kollegi hija importanti. Inqatta' ħafna ħin fuq il-post tax-xogħol u għalhekk huwa ferm importanti li l-ambjent jinżamm seren biex għax-xogħol tiġi għal qalbek. Hawn għandi t-tieni familja. Għalija l-ħaddiema mhumiex numru u allura r-rispett u l-mod kif tindirizzahom hu importanti. Tieħu gost meta tiltaqa' ma' xi impjegat li jiġi u jirringrazzjak personalment tal-għajnuna li tkun tajtu għax tinduna li għamilt differenza fil-ħajja ta' xi ħadd.

Il-ħidma li qed inwettaq f'dan id-dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili hija totalment differenti minn dik li kont nagħmel qabel. Fil-fatt tgħallimt ħafna affarijiet ġodda. Ġejt iżjed konxja kemm ix-xogħol tagħhom hu perikoluż, jiena magħluqa hawn fl-uffiċċju, waqt li nara l-kollegi jmorru malajr għal xi emerġenza. Jagħmlu xogħol ta' kuraġġ!”



> Trid taħdem bħala tim u tilħaq il-kompromessi.

# LORRAINE ZAMMIT RIOLO

## Assistenta Prinċipal fl-Uffiċċju tal-Loġistika

Tbissima taf kemm hi importanti? Tiswa ħafna speċjalment meta xi ħadd ikun irrabjat! B'naqra paċenzja ġġib lil kulħadd onboard miegħek.

Ili naħdem Kastilja għal dawn l-aħħar 31 sena. Dħalt hawn bħala skrivana. Imma issa ili għal dawn l-aħħar 13-il sena fuq il-loġistika. Nieħu ħsieb dak kollu li hu marbut mal-manutenzjoni u rinnovar tal-post, u assistenza oħra waqt konferenzi. Għalkemm hemm ammont ta' xogħol li jrid isir kuljum, inżomm kalma. Trid tidra l-karattri. Inħossni rispettata minn sħabi u ma niġix għax-xogħol bid-dwejjaq.

Id-dar, illum il-ġurnata, meta jmurli pajp, jien sirt nirranġah. Minn hawn tgħallimt ħafna. Kull sitwazzjoni, minn kull biċċa xogħol li



għamilt, tgħallimt minnha. Titgħallem ukoll mill-karattri diffiċli. Tikber, tissoda u timmatura. Jien tgħallimt u għallimt. Tajjeb li tieħu opinjoni u tapprezza lil dak li jkun. Kull biċċa xogħol li nagħmel nagħmilha sew u ngħid "kieku għalija liema nagħżel?"

Sħabi jgħidu li mhux sabu kollega fija imma ħabiba. Trid taħdem ma' kulħadd, tkun leali u tadatta għal kulħadd.

***Trid taħdem bħala tim u tilħaq il-kompromessi.***

Lil hinn minn hawn, id-dar se ssibni. Il-pjaċir tiegħi noqgħod id-dar mal-kelb Ġiġi. Ma kontx nemmen li l-annimali tista' ssir tħobbhom daqshekk



“Żewwiġt kollox flimkien u llum qed naħdem f’settur li hu għal qalbi.”



# VANESSA BUHAGIAR

Uffiċjal tar-Riċerka mal-Arkivji Nazzjonali

Dokument antik isaħħarni. Jaffaxxinani. Xogħli hu li niftaħ dokumenti antiki ħafna biex mill-kitba nidentifika f'liema perjodu nkitbu. Xi ħaġa li ftit kapaċi jagħmluha.

Meta kont qed nistudja l-Istorja, fl-Università ta' Malta, kelli bżonn nagħmel riċerka fl-Arkivji Notarili. Hemmhekk iltqajt ma' Joan Abela li introduċietni mas-suġġett tal-paljografija, jiġifieri l-istudju tal-kitba (handwriting). Joan riedet li tinvesti fiż-żgħażagħ biex dawk il-ħiliet li taqra l-kitba ma jintilfux. Kull kitba fl-istorja tista' tistudjaha. Mill-kitba nista' nagħraf il-perjodu meta nkiteb dak id-dokument. Biex nagħmel dan, kelli nistudja l-Latin għaliex il-maġġoranza tad-dokumenti huma miktuba bil-Latin.

Immiss ma' bosta dokumenti antiki. Xi wħud ikunu intatti. Li mmiss magħhom iwassal biex jien stess nista' nistudjahom u nsir naf iktar dwar l-istorja ta' pajjiżna. Fuq karta waħda ġieli ħadt ix-xhur biex nistudja u nagħraf il-kitba. Inkun qed nagħmel decoding tad-dokument li jinġieb quddiemi. Il-Malti tas-seklu 16 jaffaxxinani wisq, kellna ħafna kambjamenti kbar f'dak li kien qed iseħħ f'pajjiżna. Mort barra minn xtutna biex nistudja l-paljografija. Għamilt l-MA Londra u nixtieq li dak li tgħallimt ngħaddih lil ħaddieħor.

Minn ċkuniti dejjem naqra l-kotba. Kont nitkarrab lin-nannu biex joħodni ċ-Ċittadella għax inħobb l-istorja. Inħobb ukoll il-lingwi.

***Żewwiġt kollox flimkien u llum qed naħdem f'settur li hu għal qalbi.***

Inħossni fortunata ħafna għax mhux xogħol li wieħed jagħmlu ta' malajr jew jagħmlu kulħadd. Meta kont żgħira kont noħlom li nsir kittieba u llum qed ngħix il-ħolma tiegħi għax barra li nistudja l-kitba, bis-saħħa ta' hekk, infittex li nikteb artikli marbuta ma' dak li nkun fittixt u skoprejt




# SONIA DEBONO

## Project Manager ġewwa l-MITA

L-IT fid-dipartiment tas-saħħa jagħmel differenza. Bit-teknoloġija, ir-riżultati joħorġu iktar malajr, ikun hemm inqas telf ta' data, u l-informazzjoni hi aktar aċċessibbli għal kulħadd. Ilum f'dinja iktar teknoloġika u aċċessibbli, l-IT sar iktar meħtieġ. Is-sodisfazzjon tiegħi hu li bil-ħidma fl-IT qed niffaċilitaw il-ħajja tal-pazjent hemm barra.

Minn dejjem kienu jogħġbuni s-suġġetti tal-matematika u l-loġika u għalhekk kienet għażla pjuttost naturali li nistudja Maths u Computer Science u nieħu l-karriera li ħadt. Mal-MITA bdejt bħala studenta fl-1995, dak iż-żmien kienet magħrufa bħala MSU. Dak iż-żmien, dan kien settur pjuttost ġdid. Rajt rivoluzzjoni fil-kumpanija, minn MSU għal MITTS u issa MITA. Bdejt naħdem mat-tim tal-VAT, imbagħad



> Xogħolna huwa li jekk ikun hemm problema tissolva kemm jista' jkun malajr, u b'hekk iċ-ċittadin jinqeda aħjar.

mort mad-Dipartiment tas-Saħħa, biex flimkien ma' oħrajn nimplimentaw is-sistema ta' file tracking u patient admission fl-Isptar San Luqa. Dawn ikunu sistemi li nxtraw u aħna nagħmlu l-implimentazzjoni tagħhom. Minn hemm għamilna s-sistema tas-saħħa ta' Mater Dei.

Dak iż-żmien, u anki issa, ftit huma n-nisa li ħadmu f'dan is-settur. Mal-MITA għandna l-faċilità tal-work-life-balance. Kienet waħda mill-kumpaniji li sa mill-bidu offrew dawn il-miżuri ta' benefiċċju lill-ħaddiema tagħha, xi ħaġa li jiena gwadanjajt minnha għax ridt inrabbi lit-tfal u sibt bilanċ max-xogħol.

Bħalissa r-rwol tiegħi huwa marbut mal-myHealth, biex iċ-ċittadin ikollu l-informazzjoni marbuta mas-saħħa f'idejh. Fost oħrajn, din is-sistema turi r-riżultati tal-pazjenti li jkun ħa l-isptar bis-sistema tal-gvern, l-appuntamenti tal-pazjent, il-benefiċċji tal-POYC, kif ukoll it-tilqim. Qed naħdmu fuq iktar data biex din tiġi ppreżentata lill-pazjent.

Jiena persuna li nippreferi naħdem f'tim għax għandek ħiliet differenti u kull persuna tgħin lil oħra.

***Xogħolna huwa li jekk ikun hemm problema tissolva kemm jista' jkun malajr, u b'hekk iċ-ċittadin jinqeda aħjar.***



“Ix-xogħol ta’ infermiera hija vokazzjoni.”

# MARIA AXISA

## Senior Staff Nurse fid-Dipartiment tal-Health Regulation

Studjajt fis-settur tas-saħħa u għal dawn l-aħħar 13-il sena qed naħdem bħala infermiera. Ikolli ngħid li din il-vokazzjoni ħadtha mingħand in-nanna Mimi, li bosta jafuha bħala l-infermiera ta' Marsaxlokk. Hi ma kellhiex skola, imma kull ħaġa li jinqala' kienet tfejjaq lil min jirrikorri għandha.

***Ix-xogħol ta' infermier hija vokazzjoni.***

Ma tidħolx għalih għall-paga għax irid ikollok empatija lejn il-pazjenti. Meta ġejt biex nagħmel it-teżi tiegħi waqt l-istudji biex nilħaq infermiera, kont iffukkajt fuq is-saħħa sesswali. Jiena persuna li nbati bil-kurżità. Infittex li nieħu dik in-nie̊ċa li pjuttost ma jfittixhiex ħaddieħor. Għamilt studju dwar il-gays u l-mard sesswali wara suġġeriment ta' xi sħabi gays, li kont inkun magħhom. It-teżi kienet fuq is-saħħa sesswali u wara għamilt Masters fuq Studji tal-Familja. Wara li ggradwajt bdejt naħdem l-emerġenza. Minn hemm tgħallimt ħafna. Biss bqajt ninsisti li niġi trasferita biex naħdem fis-settur tas-Saħħa Sesswali. Issa ilni erba' snin naħdem fil-qasam tas-saħħa sesswali ġewwa d-Direttorat tal-Promozzjoni u l-Prevenzjoni tal-Mard.

Ejja ngħiduha kif inhi, mhuwiex suġġett li se tqum filgħodu titkellem fuqu u tkun tistħi. Mort lil hinn mill-comfort zone biex dħalt f'dan is-settur. Ma tantx tista' tistaħba wara dan is-suġġett u trid titkellem ċar u tond. Għalkemm iqanqal ħafna kurżità man-nies, kulħadd jibqa' lura. L-umbrella tas-Saħħa Sesswali hija wiesgħa u kbira ħafna li tiġbor taħtha l-għarfien kollu marbut mas-saħħa sesswali. Ix-xogħol tiegħi jikkonsisti f'diversi oqsma fosthom billi nipprovdi informazzjoni u għarfien lill-pubbliku relatat mas-saħħa sesswali, speċjalment fuq il-mard trażmess mis-sess u l-kontraċezzjoni. Din l-informazzjoni titwassal permezz ta' diversi modi. Nattendi fl-iskejjel, f'postijiet tax-xogħol u f'entitajiet oħra sabiex nagħti għarfien u edukazzjoni rigward is-saħħa sesswali. Parti minn xogħli jirrikjedi wkoll li ngħin lill-pubbliku biex jersaq lejn is-servizzi tas-saħħa sesswali biex jittestja, titnaqqas l-istigma lejn is-suġġett u jingħata pariri biex wieħed għandu jkun jaf tajjeb kif jippreveni mill-mard trażmess mis-sess.

Il-ġenituri għandhom ikunu l-edukaturi ta' wliedhom dwar dan is-suġġett. Il-ġenituri huma l-qafas ta' dak li se jkunu jafu wliedhom.

Fil-fatt, jiena naħdem ħafna mal-ġenituri biex flimkien ma' sħabi, nagħtuhom il-ħiliet meħtieġa kif jgħallmu lil uliedhom u kif ikellmuhom fuq is-Saħħa Sesswali. Irridu nnaqqsu l-mistħija meta nitkellmu fuq dan is-suġġett. Għandek kemm għandek età, dejjem hu suġġett li fih għandek x'titgħallem. F'dan is-settur trid tkun moħħok miftuħ, lest li tisma' u taħdem u ma tkunx preġudikata. Jeħtieġ li nitkellmu iktar fuq dan is-suġġett. L-importanti hu li tieħu ħsieb tiegħek innifsek.



> Is-sabiħ tax-xogħol hu li jiftaħ ħafna opportunitajiet.

# PASCOE GRIMA

## Political Desk Officer għal-Lvant Nofsani u l-Afrika ta' Fuq

Naħdem fil-Ministeru tal-Affarijiet Barranin, u l-interess tiegħi lejn dak li jseħħ lil hinn minn pajjiżna ilu ġej minn meta kont skola sekondarja. Dak iż-żmien kien hemm 'The Arab Spring,' iż-żmien meta kien hemm serje ta' protesti u gwerer fil-pajjiżi Għarab. Is-suġġett tal-istorja dejjem kien jogħġobni. Qanqalt l-interess, mort l-Università u studjajt l-Għarbi u r-Relazzjonijiet Internazzjonali. Għandi passjoni kbira lejn dan is-suġġett li bidilli ħajti u l-karriera, u jkolli nammetti li dik kienet waħda mill-aħjar għażliet li għamilt f'ħajti, li niffoka fuq is-suġġett tar-Relazzjonijiet Internazzjonali. Mort anki l-Eġittu u s-Sawdi biex nistudja.

Ikolli ngħid li l-għalliema huma kollox. It-tip ta' għalliema li jkollok u kif iwasslu s-suġġett jispiraw l-entużjażmu u jħallu effett fuq l-istudenti u l-għalliema tal-Istorja li kelli ħallew effett kbir fuqi.



Ir-relazzjonijiet bejn l-istati hija iktar kumplessa mir-relazzjonijiet bejn il-persuni. Jiena kont kapaċi nikkombina l-passjoni li kelli lejn ir-relazzjonijiet internazzjonali u nispeċjalizza f'reġjun partikolari, id-dinja Għarbija. Xogħli bħalissa hu fil-unit tal-Kummerċ imma 'l quddiem se nirritorna għal dak li kont nagħmel qabel, jiġifieri Political Desk Officer for the Middle East and North Africa. Dak ikun xogħol fejn naħdmu mal-istakeholders, privati u pubbliċi, biex nipproteġu u nippromwovu l-interess tan-negozju Malti lil hinn minn xtutna.

***Is-sabiħ tax-xogħol hu li jiftaħ ħafna opportunitajiet.***

Trid tkun int li tiftaħ lilek innifsek biex tilħaq il-potenzjal għall-okkażjonijiet li jfeġġu quddiemek. Ladarba ssib suġġetti li jiftħu l-opportunitajiet, isir bħal vizzju li tibqa' tiskopri u tiftaħ bibien ġodda. Insibha diffiċli li nieqaf, anzi, ma rridx nistaġna. Dan hu l-post tax-xogħol ideali li jolqot is-setturi li studjajt. Hawnhekk tara l-istorja titfassal. Tara kif l-istorja ġiet u qed tiġi miktuba.



# MARIELLA GALEA

## Assistenta Maniġierjali ġewwa r-Records u Arkivji

Jiena mix-xogħol għall-familja. Trid toħloq bilanċ. Il-familja hi kollox, xejn mhu iżjed prijorità. Għalkemm it-tfal kibru, xorta nħoss li għandi nassistihom u ngħinhom f'dak li jeħtieġu. Jiena mara li nħobb is-sempliċità, għext żmien fejn konna nieħdu gost bl-affarijiet żgħar. Inħobb immur nimxi u tidħakx bija, għax inħobb immur ħdejn il-baħar u niggosta l-ħoss tiegħu.

Nista' ngħid li l-għan tiegħi lħaqtu. Meta nħares lura lejn dak li għamilt f'ħajti ngħid li għamilt l-għażla t-tajba. Ta' 18-il sena dħalt skrivana mal-gvern. Dak iż-żmien ma kienx hemm il-miżuri benefiċjarji li hemm illum. Waqt li kont naħdem ridt inrabbi lil uliedi. Jekk m'għandi xejn, għandi time-management tajjeb. Dak iż-żmien, biex nagħti l-attenzjoni lit-tfal u nrabbihom, kont irriżenjajt mix-xogħol. Ma kienx ikolli nirriżenja kieku stajt naħdem bħala




part-timer. Kien żmien ieħor. Dak iż-żmien jekk għandek it-tfal, postok kien id-dar. Meta għadda ftit żmien, u t-tfal kienu jmorru l-iskola, missieri kien ġie ħajjarni biex napplika għal skrivana fid-dipartiment tal-Edukazzjoni, wara li kien ra avviż fil-gazzetta. Ħajjarni u qalli li kien lest joqgħod mat-tfal.

Jiena m'iniex persuna li noqgħod id-dar. Tagħtini rasi. Meta dħalt naħdem skrivana fi skola primarja, kont kuntenta. Għamilt erbatax-il sena. Wara għamilt l-eżami ta' skrivana biex naqleb għal full-timer. Ta' 50 sena dħalt nistudja l-Università biex nistudja għal Assistant Manager - Records and Archives. Waqt li kont l-Università, it-tifla ż-żgħira kienet qed tagħmel l-eżamijiet tal-Matsec u l-kbira kienet qed tistudja għall-karriera li xtaqet hi. It-tlieta li aħna fil-kmamar nistudjaw. La qed tistudja l-mamà, mela anki aħna nistgħu naslu. Nista' ngħid li tajthom eżempju għax kienu jarawni bħala role-model.

***Ix-xogħol jagħtini s-saħħa li ma nintelaqx u jżommni żgħira.***

Moħħi jibqa' għaddej. Għandi 62 sena u ma waqaftx. Nippreferi nibqa' għaddejja biex inkun nista' ngħin lit-tfal f'dak li jeħtieġu. Ix-xogħol jagħtini sodisfazzjon. Mingħajr ix-xogħol inħossni niġġennen. U la nispiċċa mix-xogħol, nidħol nagħmel volontarjat. F'ħajti jien ridt naqta' bi snieni.

# SARAH PACE

## Infermiera fid-Dipartiment tal-Health Regulation

Naħdem bħala infermiera fil-qasam tas-Saħħa Pubblika u preżentament qiegħda fid-Dipartiment tad-Determinanti Soċjali. Il-mamà hi infermiera u l-mestier tagħha tħobbu. Jien kont naffaxxina ruħi bix-xogħol li hija kienet twettaq. Minn età żgħira, kont ngħid li rrid insir bħall-mamà u naħdem fis-settur tas-saħħa. Fil-fatt, fis-sekondarja kont għażilt is-suġġetti tax-xjenza. L-iktar kors li ħassejtu jgħajjatli kien il-BSc Nursing. Matul l-istudji tiegħi għamilt perjodu qasir nistudja l-Finlandja. Wara li ggradwajt bdejt naħdem bħala infermiera. Għall-bidu kont reliever. Kienet esperjenza li ssudatni. Għalkemm kien żmien stressanti, tgħallimt ħafna wkoll. Kien iż-żmien li bdejt ukoll il-Masters. Jiena persuna li naħseb ħafna fil-futur u kull opportunità nipprova noħodha, b'hekk mort anki għamilt kors in-Norveġja.

Fl-2018 kien iż-żmien li qlibt minn clinical għal Public Health. Jiena xorta infermiera, inħobb l-interazzjoni mal-pazjent. Dan huwa mestier li joffri wkoll toroq oħra. Waħda mill-iktar differenzi ovvji hija li infermiera f'Mater Dei jkollha l-pazjenti tagħha fil-ward, filwaqt li l-klijenti tagħna fil-Public Health huma l-popolazzjoni ta' Malta u Għawdex. Hawn jittieħdu deċiżjonijiet, bil-politiki, bl-istrateġiji u l-ippjanar tagħna, għall-ġid taċ-ċittadini kollha. Fis-snin tal-Covid, il-qasam tas-Saħħa Pubblika sar aktar magħruf mal-pubbliku inġenerali. Meta faqqgħet il-pandemija, jiena kont waħda minn dawk li kont immur nagħmel swabbing tests. Naħdem ma' kulħadd bħala tim flimkien. U f'dak iż-żmien nista' ngħid li hemm sibt familja oħra.

Ix-xogħol li nagħmel jien, flimkien mal-kollegi tiegħi, fl-Uffiċċju tad-Determinanti Socjali tas-Saħħa jikkonsisti f'monitoraġġ u identifikazzjoni tad-diżlivelli tas-saħħa f'Malta, kif ukoll nassisti u nipparteċipa fl-attivitajiet tal-Proġett "Establishing a National Platform to address Social Determinants of Health" li ġie mwaqqaf fl-2018. Determinanti soċjali huma dawk il-fatturi esterni li jistgħu jaffettwaw is-saħħa tal-individwi, bħall-edukazzjoni, il-kuntest soċjali, l-akkomodazzjoni, l-ambjent u l-finanzi.

***Waħda mill-iktar ħwejjeġ li nagħtiha valur fix-xogħol tiegħi hi li nkun qrib tal-persuni li naħdem magħhom.***

Kull opportunità li tiġi quddiemi jiena noħodha, basta nimxi skont il-valuri tal-ħajja tiegħi u li din twassalni għal titjib fl-għajxien tiegħi.





"Waħda mill-iktar ħwejjeġ li nagħtiha valur fix-xogħol tiegħi hi li nkun qrib tal-persuni li naħdem magħhom."



“Kif tersaq u tkellem lill-individwu tagħmel differenza kbira, għax tista’ tbiegħdu jew iġġibu miegħek.”



# JOSEPH CAMILLERI

Spettur tas-Saħħa Pubblika

Jiena minn mindu kont tifel kien jinteressani dan il-mestier li nkun Spettur tas-Saħħa. Missieri kellu u għad għandu ħanut tal-ħelu u meta kont inkun hemm ħdejh, niftakar minn żmien għall-ieħor kienu jiġu persuni jispezzjonaw il-ħanut u dak li għandu x'jaqsam mal-ikel. Kont ngħid, eh tajjeb li jsir hekk. Kien jinteressani xogħolhom u niftakar li meta ġejt biex nispiċċa l-iskola sekondarja, ġie fuljett f'idi bl-għażliet ta' korsijiet ta' studju u niftakarni nsib offrut dan il-kors li jwassal għal Spettur tas-Saħħa (Health Inspector). Ix-xjenzi minn dejjem kienu jogħġbuni. Kont dħalt l-Università fejn għamilt erba' snin kors u mbagħad għamilt Masters marbut mas-Saħħa Ambjentali (Environment Health) u dan għamiltu barra minn Malta.

Issa ili 14-il sena Spettur tas-Saħħa. Jekk ngħid li tgħallimt kollox inkun qed niżbalja. Minn żmien għall-ieħor dejjem tiskopri ħwejjeġ ġodda għax il-parametri jinbidlu. Ix-xjenza tevolvi u l-affarijiet marbuta magħha jinbidlu u ladarba jmissu mal-ħidma tagħna, irridu nkunu aġġornati l-ħin kollu. Ir-riċerka li nwettqu tkun attwali biex f'dak li nispezzjonaw, inkunu intiżi.

Huwa xogħol li jogħġobni ħafna għall-fatt li m'għandekx xi ħaġa fissa li tispiċċa bħal rutina.

Preżentament qiegħed fis-sezzjoni tal-ispezzjonijiet fuq l-ilma. Waħda mir-rutini tiegħi hija li nissorvelja l-ilma tal-ibħra Maltin u nara li jkun tajjeb għall-għawwiema. Fi gżiritna, b'kollox għandna 87 sit, dawk li nsejħulhom ibħra naturali. Kull ġimgħa jittieħdu kampjuni biex isiru testijiet fuq il-kwalità tal-ilma. Il-pubbliku jista' wkoll jaċċessa s-sit https://healthservices.gov.mt/en/environmental fejn hemmhekk isib l-informazzjoni u t-tagħrif meħtieġ. Min jilħaq Spettur tas-Saħħa ma jaħdimx dejjem fl-istess qasam. Is-sezzjoni li preżentament qed naħdem fiha jiena bħalissa, dik tal-ittestjar tal-ilma, hija biss frazzjoni żgħira.

Aħna nfittxu li nedukaw lil dak li jkun għax wara kollox hemm is-saħħa tal-pubbliku wara kull servizz li jingħata. Hija mentalità antika dik li wieħed jibża' mill-Ispetturi tas-Saħħa daqslikieku dawn qegħdin hemm biex iwaħħlu l-multi.

***Kif tersaq u tkellem lill-individwu tagħmel differenza kbira, għax tista' tbiegħdu jew iġġibu miegħek.***

Bħalissa l-ikbar sfida li għandna hija l-ingaġġ ta' ħaddiema fis-settur tagħna. Nixtiequ li għandna iktar nies interessati għax hemm il-bżonn. Huwa xogħol interessanti u varjat u nieħdu gost jekk hemm min jithajjar jidħol jistudja biex 'il quddiem jaħdem bħala Spettur tas-Saħħa."




# MARVIC VELLA

**Pumpier mal-Protezzjoni Ċivili**

Il-ħajra li naħdem mal-Protezzjoni Ċivili kienet dejjem fija. Meta kont nisma' l-ħsejjes tas-sirena u nara xi inġenji tat-tifi tan-nar għaddejjin, kont intir biex narahom. Illum għandi 35 sena u l-imħabba kif ukoll l-entużjażmu biex nagħti s-servizz tiegħi fid-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili għadhom ħajjin. Issa ili għal dawn l-aħħar erba' snin impjegat fuq bażi full-time. Qabel kont għamilt erba' snin oħra voluntier. Hawnhekk trid tagħmel kollox, taqdi dmirek bħala pumpier, abseiling, taħriġ, operazzjonijiet ta' salvataġġ, eċċ. Jien għandi sezzjoni magħrufa bħala 'cluster breathing operations maintenance.' M'ilux ħadt sehem f'kors ta' taħriġ ġewwa Milan dwar dan. Dan huwa apparat li jintlibes mill-pumpier biex ma jiblax dħaħen.

Hija xewqa tiegħi li jkolli esperjenza barra minn Malta għall-fatt li tkun esperjenza li tgħallmek




> “Aħna l-ħaddiema tal-Protezzjoni Ċivili nsibu ħafna koperazzjoni mill-pubbliku inġenerali u saħansitra jkun hemm min jixtieq jgħin.”

u tkabbrek iktar fil-ħidma mal-Protezzjoni Ċivili, tkun qed tiltaqa’ ma’ operazzjonijiet ta’ salvataġġ li hawn Malta mhux se ssibhom ta’ kuljum jew li ma jseħħux. Kont naf għal xiex dieħel u mhux se nibża’ jew naqta’ qalbi. Il-ġenituri tiegħi, xħin jisimgħu l-ħoss tal-fire-engine fil-viċin, għid li se jċemplu biex jaraw jekk hux kollox sewwa.

***Aħna l-ħaddiema tal-Protezzjoni Ċivili nsibu ħafna koperazzjoni mill-pubbliku inġenerali u saħansitra jkun hemm min jixtieq jgħin.***

Issib ċertu nies li litteralment ikunu jridu jxammru l-kmiem u jgħinu fejn hemm bżonn, iżda minħabba prekawzjonijiet ta’ saħħa u sigurtà, dan mhux possibbli. Kull darba li noħroġ fuq ix-xogħol, dejjem qed nitgħallem xi ħaġa ġdida u niltaqa’ ma’ ċirkostanzi differenti li jkabbruni fix-xogħol li nwettaq. Każ partikolari li nibqa’ niftakar huwa dak ta’ meta familja nqabditilha d-dar, ħarġu l-persuni iżda fin-nirien inqabbdu żewġt ifniek tal-Indi. Dħalna ġewwa u salvajna lil dawn l-ispeċi. U trid tara l-ferħ fuq wiċċ it-tfal xħin f’idejhom tajniehom il-pets tagħhom. Dak il-mument imtlejt b’sodisfazzjon liema bħalu.”




# KARL FARRUGIA

## Uffiċjal tas-Salvataġġ mal-Protezzjoni Ċivili

M'ilux kelli telefonata partikolari immens, fejn mara nqabdet magħluqa f'lift u nfaqgħalha l-ilma biex twelled. Dak il-ħin, apparti li ċempilt lil sħabi għas-salvataġġ, ċempilt ukoll lit-tabiba biex tmur u tassisti fejn meħtieġ. Kull telefonata li tidħol lid-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili (CPD) hija differenti u kull każ jittieħed b'attenzjoni.

Xogħli mad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili huwa ta' Uffiċjal tas-Salvataġġ (Rescue Officer). Hawn nieħu t-telefonati u nibgħathom lill-ħaddiema skont fejn ikun hemm il-ħtieġa. Meta ċċempel 112, xi telefonati ma jidħlux għand il-pulizija, iżda jiġu hawn. Ili naħdem mas-CPD għal dawn l-aħħar erba' snin. Minn meta kont żgħir kien iħajjarni dan ix-xogħol. Kelli ħabib li missieru kien jaħdem mas-CPD u xi drabi kien joħodna f'attivitajiet organizzati mic-CPD, u mill-ewwel għoġobni. Tkun ġo fik ukoll li tkun trid tgħin.

Meta wieħed iċempel hawnhekk, għandu jżomm kalm u jagħti l-indikazzjonijiet ċari biex



> Aħna on call 24/7. Xħin iċemplulek, trid titlaq minn idejk u tidħol xogħol.

b'hekk ma jintilifx ħin prezzjuż li bih tista' tissalva ħajja. It-telefonati li nirċievu jvarjaw, minn tixrid ta' żjut fit-toroq, nirien, inċidenti, emerġenza fuq il-baħar, nies li jissakkru ġewwa, annimali li jinqabdu fl-għeluq, ċnut imwaqqgħa, eċċ...

***Aħna on call 24/7. Xħin iċemplulek, trid titlaq minn idejk u tidħol xogħol.***

Jaf tinzerta tkun qiegħed mal-familja, fil-kwiet, tinqala' operazzjoni urġenti ta' salvataġġ, iċemplulek biex tidħol duty. U trid tmur. Imma dak parti mis-sabiħ u s-sodisfazzjon tax-xogħol, li b'dak li qed nagħmlu jiena u sħabi qed iwassal biex iċ-ċittadini jkollhom moħħhom mistrieħ u se jsibu min jagħtihom protezzjoni.

Sajf mod u x-xitwa mod ieħor. Fis-sajf faċli li jkollok nirien fil-ħaxix imbagħad fix-xitwa jkollna diversi sejħiet minħabba l-għargħar. Kull xift ma tafx x'se tistenna. Kull telefonata hija differenti u l-ħtiġijiet huma varji. Waħda mit-telefonati li nibqa' niftakar kienet minn persuna li qabditilha d-dar. F'sitwazzjoni bħal dik tistenna li l-persuna se tkun aġituża. Imma minflok kienet kalma żżejjed.

Minn kull telefonata nfittxu li niksbu kemm jista' jkun informazzjoni biex lil min nibagħtu, inwasslulu kemm jista' jkun informazzjoni preċiża biex jaslu fil-post it-tajjeb, ippreparati. Is-sodisfazzjon hu li jiena parti minn tim li bil-ħidma li nwettqu, nistgħu nsalvaw ħajja ta' bniedem.



# SILVANA ATTARD DRAGO

**Segretarja fid-Direttorat tal-Istandards tal-Kura tas-Saħħa taħt l-Uffiċċju tas-Supretendent tas-Saħħa Pubblika**

Jiena persuna li nkompli ma' ħaddieħor, persuna ċajtiera li niddejjaq nara xi ħadd imdejjaq u allura nara kif nista' nferrħu. L-ewwel kont naħdem biex inħajjar in-nies jagħtu d-demm u issa nħeġġeġ in-nies biex jagħtu l-organi. It-tnejn jistgħu jsalvaw persuni. Inħeġġeġ lill-pubbliku biex jinkiteb u jagħti l-organi tiegħu wara mewtu għax persuna tkun qed tgħin u ssalva ħajja ta' ħaddieħor. Minn persuna waħda li tagħmel donazzjoni nistgħu nsalvaw anki ħames persuni.

Jien naħdem fid-Direttorat tal-Istandards tal-Kura tas-Saħħa taħt l-Uffiċċju tas-Supretendent tas-Saħħa Pubblika. Naħdem bħala segretarja u nieħu ħsieb ir-Reġistru Nazzjonali tad-Donazzjoni tal-Organi u Tessuti Umani. Qabel kont għamilt għaxar snin naħdem bħala




> Nappella biex iktar persuni jinkitbu u jsiru huma wkoll donaturi.

segretarja fid-Dipartiment tas-Saħħa, mad-Dipartiment tal-Għoti tad-Demm. Kien ikun ta' sodisfazzjon għalija li nħeġġeġ lin-nies biex ikunu donaturi tad-demm u tara li bil-ħidma li qed twettaq ma' sħabek tkun qed tgħin biex issalva l-ħajja ta' ħaddieħor. Meta żżewwiġt waqaft biex inrabbi lit-tfal. Meta tfarfru, erġajt dħalt lura naħdem mas-servizz pubbliku, u spiċċajt erġajt dħalt fil-Ministeru tas-Saħħa.

Triq tkun reġistrat biex tagħti l-organi. Minn 16-il sena 'l fuq, persuna tista' tinkiteb biex tagħti l-organi tagħha wara mewtha. Lill-pubbliku hemm barra għamilniehielhom faċli ħafna biex japplikaw. Jistgħu jċemplu fuq in-numru 25953324 u jistaqsu għalija jew jidħlu fuq is-sit: https://organdonation.gov.mt/. Wieħed jista' wkoll jimla l-applikazzjoni direttt mill-e-ID jew inkella jmur f'waħda mill-kliniċi li hemm fl-ibliet u rħula Maltin u jsib il-formola jew anki l-QR code.

Dawk in-nies kollha li nkitbu qabel l-2016 u għandhom id-donor card, jeħtieġ li jerġgħu jinkitbu mill-ġdid. Hemm ċertu nies li jkollhom biża' milli jagħtu l-organi. Biżgħat m'għandux ikun hemm. Il-professjonisti jieħdu l-organi meta l-vittma tkun brain dead. Xogħol li jsir b'mod metikoluż mill-professjonisti, fejn jirrispettaw id-dinjità tal-pazjent u l-funeral jista' jsir b'mod normali.

***Nappella biex iktar persuni jinkitbu u jsiru huma wkoll donaturi.***

Int ukoll tista' tgħin u ssalva lil ħaddieħor.



# MILDRED ATTARD

**Maniġer ġewwa l-EU Coordination Department**

Sodisfatta li fix-xogħol tiegħi kull ħaġa li studjajt dwarha qed nipprattikaha. Fis-sekondarja kien ħajjarni s-suġġett tal-Istudji Soċjali, għoġobni u komplejt bl-istudji tiegħi fuq din il-linja. Dħalt l-Università u ħadt l-Istudji Ewropej u għamilt Masters fil-Politika, Liġi u Ekonomija Ewropea. Minn dejjem kont persuna attiva ħafna mal-għaqdiet, kemm fil-Junior College u anki fl-Università. Ridt noħroġ ftit il-karattru tiegħi, inneħħi l-mistħija u nagħti l-kontribut tiegħi. Hemm bdejt niltaqa' ma' nies ġodda. Iktar ma tidħol fi gruppi bħal dawn, iktar tinduna kemm hija importanti li ż-żgħażagħ jinvolvu lilhom infushom u jkunu attivi f'dak li jkun qed jitwettaq. Jiddispjaċini nara żgħażagħ li mhumiex attivi u jaraw l-involviment tagħhom bħala ħela ta' ħin. Mhuwiex il-każ.



> "Flimkien mal-kollegi, nara xi proposti ġodda qed joħorġu u nfittxu li ninnegozjaw biex inġibu pakketti tajbin għall-Maltin."

Kien bis-saħħa tal-Masters li dħalt fl-EU Co-ordination Department. Meta kont l-Università, ingħatajt l-opportunità li nwettaq il-ħidma tiegħi hawn, ix-xogħol għoġobni, u meta ħarġet sejħa, applikajt u ġejt magħżula. Kulħadd għandu r-rwol tiegħu. Il-parti tiegħi hija li nieħu ħsieb il-qasam tat-telekomunikazzjoni u s-sajd.

***Flimkien mal-kollegi, nara xi proposti ġodda qed joħorġu u nfittxu li ninnegozjaw biex inġibu pakketti tajbin għall-Maltin.***

Il-pubbliku hemm barra mhuwiex daqshekk konxju tal-ħidma li tiġi mwettqa hawnhekk. Hemm stigma minn xi wħud għax aħna ħaddiema tas-servizz pubbliku. Fil-fatt, fid-dipartiment tagħna, festi u mhux, ġieli rridu nidħlu naħdmu biex ma nitilfux fondi għall-Maltin.

Hu xogħol rispettabbli u meta nara li dak li ħdimna għalih, jiena u sħabi, ksibnieh, jew qed jiġi implimentat hemm barra, inħoss sodisfazzjon.

# AUDREY PULLICINO

## Uffiċjal Xjentifiku fil-Laboratorju Veterinarju Nazzjonali

Li niġi x-xogħol kuntenta għax b'dak li qed nagħmel, qed nilħaq l-għanijiet ta' dak li jiena studjajt għalih, huwa parti mis-sodisfazzjon tiegħi. Minn dejjem kelli x-xewqa li nagħżel u nkompli nistudja fil-qasam tax-xjenza.

Jiena fost ħames aħwa, u kull wieħed u waħda minna għandna xogħol differenti minn xulxin. Jiena missejt mal-qasam tax-xjenza, hekk komplejt nistudja l-Università - BSc fil-Kimika u Bijoloġija, biex illum qed naħdem fil-Laboratorju Veterinarju Nazzjonali. Qatt ma interessani li mmur nagħmel xogħol ta' tabib jew spiżjara. Issa ili għal dawn l-aħħar seba' snin naħdem bħala uffiċjal xjentifiku. Jien nieħu ħsieb id-doveri ta' kuljum tal-ħaddiema u nara li l-analiżi marbuta ma' produzzjoni primarja li ġejja mill-annimali ssir kif suppost. Hawn isiru testijiet varji - testijiet fuq il-laħam, ħut, bajd, ħalib, testijiet biex jiġi ċċekkjat il-mard fuq l-annimali.

***Dan huwa xogħol li jaffettwa lill-pubbliku inġenerali, lill-bdiewa u anki lill-annimali.***

Il-persuni hemm barra jistaqsu jekk l-ikel hux jiġi ttestjat, imma rari jistaqsu fuq is-sanità tal-annimali u jekk jiġux ittestjati għal ċertu mard. Hawn nieħdu ħsieb li niċċekkjaw jekk hemmx batterja u residwi veterinarji u kontaminanza mill-ambjent.

Is-sodisfazzjon huwa kbir. Issib metodi ġodda u tara jekk dawn jaħdmux. Hemm ħafna varjetà f'laboratorju. Fil-fatt, laboratorju tal-gvern hu iktar varjat minn oħrajn. In-neċessità tat-testijiet hija aktar varjata. Il-mard u l-mediċini li jingħataw lill-annimali jinbidlu u għalhekk dejjem infittxu li naġġornaw lilna nfusna. Tgħallimt u dejjem nibqa' nitgħallem. Anki jekk jinbidel regolament, wieħed irid jadatta biex jissodisfa dak li jgħidlek dan ir-regolament.






"Dan huwa xogħol li jaffettwa lill-pubbliku inġenerali, lill-bdiewa u anki lill-annimali."




# MAUREEN DELIA

Direttur tal-EU u Affarijiet Internazzjonali fid-Diviżjoni għall-Istrateġija u Sapport

Gradwajt bħala spiżjara, imma fi spiżerija m'iniex, naħdem fid-Direttorat għall-Ħarsien tal-Pjanti. Minn dejjem għoġobni s-settur tal-agrikoltura, b'mod speċjali fejn jidħlu ż-żrieragħ. Jista' jkun li ħadtha min-naħa ta' ommi li huma familja ta' bdiewa. Fil-fatt missier ommi kien bidwi. Ommi dejjem tiżra' u tħawwel u naħseb li lili, b'xi mod, influwenzatni. Għamilt Masters fuq l-Agrikultura u l-Farmaċija Veterinarja. Wara li gradwajt, għamilt żmien naħdem mad-Dipartiment tas-Saħħa, imbagħad kien hemm sejħa hawnhekk, id-Direttorat għall-Ħarsien tal-Pjanti. Hawn għandna diversi rwoli regolatorji,



> Qegħdin hemm għal kulħadd...
> ... għall-pubbliku inġenerali...

sorveljanza u infurzar. Issib ukoll laboratorji fejn isiru testijiet fuq materjal tal-pjanti u għall-mard tal-pjanti biss. Ix-xogħol tiegħi huwa fuq linji gwida, regoli u proġetti. Nikteb il-liġijiet ta' Malta marbuta ma' dak li għandu x'jaqsam mad-Direttorat għall-Ħarsien tal-Pjanti. Dak hu wieħed mis-sodisfazzjonijiet li jagħtini dan ix-xogħol. Issa ili 22 sena f'dan id-direttorat.

***Qegħdin hemm għal kulħadd, kemm għall-bdiewa professjonali kif ukoll għall-pubbliku inġenerali permezz tas-sit elettroniku, app u anki freephone.***

Fost xogħlijiet oħra li jitwettqu minna huwa li nieħdu ħsieb in-negozjati li jkunu għaddejjin bejn Malta u l-UE jew pajjiżi terzi. Dan hu xogħol li lili jogħġobni għax hu xogħol tekniku u mhux xogħol amministrattiv. Xogħol ieħor li jsir minna huwa li naraw x'sejħat jeżistu għall-proġetti, imbagħad nagħmlu l-applikazzjoni u r-rappurtar tal-proġetti. F'dawn is-snin tgħallimt fuq il-mekkaniżmi tal-UE, dawk marbuta ma' linji gwida fis-settur tal-ħarsien tal-pjanti.

F'xogħolna trid tkun eżatt. Ħafna mill-ħin tiegħi hawnhekk huwa qari u għalhekk, fil-ħin liberu tiegħi, mhux se terġa' ssibni naqra, u lanqas nagħmel affarijiet fejn trid toqgħod tħabbel moħħok. Wieħed mill-passatempi tiegħi huwa li nikkollezzjona ż-żrieragħ u fjuri mnixxfin.



> “Inħobb inżomm ħabib mal-ħaddiema kollha biex jekk hemm problema, jiġu jitkellmuha.”

# JOSEPH CAUCHI

## Senior Foreman ġewwa l-Maintenance Directorate

Kull biċċa xogħol f’Għawdex magħmula mill-injam għad-dipartimenti tal-gvern, kif ukoll biex jiġu mżejna postijiet f’Għawdex għall-okkażjonijiet varji ta’ matul is-sena, isiru hawn f’dan il-garaxx tal-Gvern. Għamara għall-iskejjel għamilna, u tiżjin f’roundabouts għamilna bil-bosta wkoll. F’dan il-garaxx isiru bosta proġetti għall-postijiet pubbliċi u li jitgawdew mill-pubbliku inġenerali fosthom injam ta’ bankijiet, passaġġi ta’ ħdejn il-baħar, presepji li jintramaw barra fit-toroq, u saħansitra anki ħdimna l-injam tal-mitħna tax-Xewkija, wieħed mill-proġetti li huwa tant għal qalbi. Hawn se ssib ħaddiema kapaċi li jaħdmu fl-injam. Il-Milied, l-Għid il-Kbir, Jum il-Maħbubin, il-Pink October, il-Karnival; huma fost il-festi li matulhom inżejnu lil Għawdex b’xogħlijiet li jsiru mill-ħaddiema taċ-ċivil f’dan il-post.



Jiena, minkejja r-rwol tiegħi ta' senior foreman, wieħed minn dawn il-ħaddiema. Ma ngħidx li jien fuqhom, imma bħalhom. Naħdem daqskemm jaħdmu huma. Ma nfittixx li nikkmanda imma bħalhom ngħabbi, inġorr u niżbogħ. Isbaħ mill-ftehim m'hemmx.

***Inħobb inżomm ħabib mal-ħaddiema kollha biex jekk hemm problema, jiġu jitkellmuha.***

Jien ma ngħidilhomx il-ħaddiema tiegħi, imma l-kollegi tiegħi.

L-arti qiegħda ġo fija. Attendejt l-Iskola tal-Arti, Salvatore Dimech. Niftakar li meta kont ġejt għall-istudju fuq l-injam, ħassejtni komdu. Mhux bħal meta kont l-iskola sekondarja, għax hemm kien ikolli d-dwejjaq. Biex tagħmel dan ix-xogħol, trid tkun taf il-mestier inkella ma tagħmlux tajjeb. In-nies qed jedukaw ruħhom u jagħrfu japprezzaw dak li nagħmlu. Fil-fatt, meta xi armar li jsir jinħareġ xi ftit iktar tard mis-soltu, issib min jiġi jistaqsik għax juru interess.



> “Is-sodisfazzjon tiegħi ikun meta jiġi xi wieħed dilettant u naf li se jieħu pjanta u se jibża’ għaliha. Dak li naf ngħallmu lil ħaddieħor.”

# LAWRENCE GRIMA

## Ġardinar mas-Servizz Pubbliku

Dawn il-pjanti qishom it-trabi tiegħi. L-imħabba tiegħi lejn il-pjanti u ż-żrieragħ ma bdietx illum. Sa minn ċkuniti kelli ġibda lejhom. Missieri kien bl-għelieqi u bl-annimali, u allura jien ma stajtx ma nsirx midħla tar-raba’. Illum qed naħdem iktar mill-qrib mal-pjanti, għaliex għal dawn l-aħħar disa’ snin qed naħdem ġewwa d-Dawwara Nursery, li hija mixtla proprjetà tal-Gvern ta’ Kerċem f’Għawdex. Hawn tinġieb iż-żerriegħa, imbagħad niżirgħuha, nieħdu ħsiebha u nikkultivawha u meta ssir pjanta, lesta biex titħawwel, nieħdu ħsieb li neħduha fuq il-post. Pereżempju, hawn f’Għawdex, jaf neħduha Villa Rundle. Jien inħobb niġbor żerriegħa u biċċiet ta’ xtieli minn madwar Għawdex kollu, bil-vann tiegħi, biex inġibhom hawnhekk u nħawwilhom fit-tazzi jew qsari żgħar u mbagħad joqogħdu għal xi żmien fis-serer li għandna sakemm jagħmlu l-għeruq.




Qabel, jien għamilt tmintax-il sena naħdem ma' kumpanija taż-żrieragħ. Wara għamilt żmien naħdem full-time fl-għelieqi tiegħi u issa kuntent li qed naħdem hawn. Ġibt miegħi l-esperjenza li kelli u qed nużaha f'dan ix-xogħol. Jiġu ħafna bdiewa għall-pariri. Ħafna mill-pjanti Maltin huma mediċinali. Kien jaħdem bihom Frenċ tal-Għarb, u għadek issib min jiġi jfittex dawn il-pjanti u jużahom biex ifejqu minn xi marda kronika. U taħdem!

***Is-sodisfazzjon tiegħi ikun meta jiġi xi wieħed dilettant u naf li se jieħu pjanta u se jibża' għaliha. Dak li naf ngħallmu lil ħaddieħor.***

L-isfortuna hi li ma tantx hemm min irid jitgħallem. Hawn il-ħin kollu għaddej, dejjem nara x'se nivvinta, u nfittex li l-pjanti nżommhom sewwa kif suppost, ma nonqoshomx f'dak li jeħtieġu. Irridu nibżgħu għall-pjanti. Jeħtieġ iktar edukazzjoni mal-ġenerazzjoni li tielgħa biex jagħrfu japprezzaw u jieħdu ħsieb il-pjanti Maltin.



# ANDREW GRECH

Pulizija

Ħajti ddur mal-familja, xogħol u ġiri. Kelli missieri pulizija, ħuti wkoll jaħdmu fil-Korp, għandi zijiet tiegħi li wkoll huma fil-Korp tal-Pulizija. Qiegħda fid-demm. Jiena niġi r-raba' ġenerazzjoni li fil-familja tagħna naħdem bħala pulizija. Minn dejjem kont inħobbha l-uniformi. Għalija dan mhuwiex biss l-impjieg li minnu naqla' l-għajxien tiegħi. Anki meta kont żgħir, niftakarni nfittex li nkun minn ta' quddiem li ngħin, kwalità li għandu l-pulizija.

Qabel ma niġi x-xogħol, immur nagħmel madwar 16-il kilometru ġiri. Fiżikament u mentalment inħossni preparat iktar għal ġurnata xogħol. Ilni 23 sena niġri. Bis-saħħa ta' Sport Malta, jiena bħala atleta nibbenefika min-numru ta' sigħat fil-ġimgħa biex inkun nista' nitħarreġ fl-atletika. Il-ġiri jieħu ħafna mill-ħin tiegħi. Ix-xogħol tal-pulizija ma jbegħdekx milli tkompli tipprattika l-isport favorit tiegħek. Ma baqax biss passatemp.



> Kull fejn inkunu, qed inġorru magħna responsabbiltajiet kbar.

Meta l-kowċ jagħtini l-programm, nara kif se nikkombinah u mbagħad madwaru nqassam il-ħin għall-familja.

Ilni fil-Korp kważi 21 sena. L-isfidi nbidlu maż-żmien. Għodda importanti għalina saret il-kamera li nilbsu fuqna. Is-soċjetà nbidlet u magħha jiġu sfidi ġodda. Ir-rispett naqas. Qabel tifel kien jibża' mill-Pulizija, illum jagħmel l-arja.

Aħna ma nbeżżgħux. Aħna nfittxu li jkun hemm rispett reċiproku. Ma naqbilx lanqas li l-ġenituri jbeżżgħu lil uliedhom bil-pulizija. Fit-tajjeb u l-ħażin, aħna dejjem pulizija.

***Kull fejn inkunu, qed inġorru magħna responsabbiltajiet kbar.***

Is-sodisfazzjon fix-xogħol tiegħi bħala pulizija hija li nisma' dik il-grazzi. Se ssib ukoll min ma japprezzax il-ħidma li nwettqu bħala Korp. Id-dover tagħna lejn l-istat huwa li nipproteġu liċ-ċittadini. Id-dixxiplina f'ħajti hija importanti. Kemm fl-isport u kif ukoll fil-Korp, id-dixxiplina hija parti minni.




> “L-esperjenza li tieħu minn hawn ġew, huwa diffiċli biex issib bħalha bnadi oħra. Ngħallem u nitgħallem minn hawn.”

# LUCA GRIMA

**Konsulent ġewwa l-MITA**

It-teknoloġija minn dejjem kienet taffaxxinani. Minn meta kont żgħir ħadt il-linja tal-IT u studjajt l-IT Management. Aspett fix-xogħol tagħna li ma tistax tgħaddi mingħajru huwa status security. Xi ħaġa li ċ-ċittadin hemm barra jrid joqgħod attent ħafna għaliha. Naħdem fis-security governance, fejn nimmitigaw ir-riskji. Ili għal dawn l-aħħar tmien snin naħdem mal-MITA, tlieta minnhom f’dan id-dipartiment tas-sigurtà. Dħalt fl-2015 u avvanzajt matul is-snin u llum nokkupa kariga ta’ konsulent.

L-importanza tas-sigurtà hija ħafna. Illum kull servizz prattikament juża t-teknoloġija. Il-bażiku fis-sigurtà huma l-kunfidenzjalità, l-integrità u li tkun disponibbli. Il-password hija ftit antipatika għal xi wħud imma




hija utilissima li tipproteġi ħafna liċ-ċittadin. Hawnhekk niggwidaw it-timijiet ta' ġewwa biex is-servizzi hemm barra nnaqqsulhom ir-riskji ta' theddid fuq is-sigurtà marbuta mal-IT. Hemm tliet pilastri li rridu nieħdu ħsieb: governanza, riskji u konformità.

Inħobb ngħallem lin-nies li qegħdin fuqi u taħti u jagħtini sodisfazzjon. Nipprova ngħallem li l-iskop tas-sigurtà mhijiex biss għall-MITA u għal min jaħdem hawn imma anki għan-nies hemm barra. Il-MITA għandha rwol importanti bħala Dipartiment tal-Gvern.

***L-esperjenza li tieħu minn hawn ġew, huwa diffiċli biex issib bħalha bnadi oħra. Ngħallem u nitgħallem minn hawn.***

# RAYMOND CARUANA

**Fish Farmer mad-Direttorat tal-Akwakultura**

Xogħli jirrikjedi li rrid niġi hawn kuljum. Bħal fish farmer, nitma' l-ħut, nara li kollox sew, niġbor id-data. Kull filgħodu niġi biex nitma' l-frieħ. Il-ħut annimali ħajjin, bħal meta jkollok annimal ġo razzett u trid tiċċekkja kuljum li kollox sew. Però, kull filgħodu niġi nħares 'il quddiem lejn ġurnata xogħol għax id-delizzju tiegħi sar xogħol.

***Hawn qisni qed nieħu ħsieb l-annimali tiegħi.***

Iffortunat ukoll, li bħala bniedem li nħobb l-istorja, il-post tax-xogħol tiegħi hu t-Torri ta' San Luċjan, torri storiku ta' żmien il-Kavallieri u fortizza ta' żmien l-Ingliżi.

Kont dħalt mas-Servizz Pubbliku bħala tekniku apprentist fl-Isptar San Luqa u għamilt 23 sena naħdem hemm. Imma minn dejjem kont dilettant, anzi iffissat, fuq l-akkwarji u l-ħut. Kont anki nagħmel xi xogħol fuq manutenzjoni relatat mal-akkwarji. Minn hemm bdejt ukoll ninteressa ruħi u naqra dwar l-akkwakultura. Din il-passjoni tiegħi wasslitni biex meta ħarġet sejħa għal uffiċjal fil-qasam tal-akkwakultura f'dan id-dipartiment, applikajt u ntgħażilt.

Jiena naħdem fis-settur tar-riċerka. Naħdmu biex insibu ħut u speċi tal-baħar oħrajn li jikkumplimentaw is-sajd, b'hekk innaqqsu l-impatt fuq l-istokk tal-ħut fil-baħar. Kont bdejt u għadni nieħu ħsieb is-settur edukattiv, billi norganizzaw żjajjar skolastiċi hawn bl-esebizzjonijiet tal-ħut li għandna jew illum il-ġurnata nduru aħna l-iskejjel. Nieħu ħsieb ukoll avvenimenti bħall-Agrifair u Festa Ħut, fost oħrajn.

Kellna żewġ proġetti ta' konservazzjoni tal-ispeċi tal-NTM fejn jien kont il-kordinatur. Dawn kienu l-Proġett Qabru u l-Proġett Bużaqq. Issa d-Direttorat tal-Akwakultura, fi ħdan id-Dipartiment tas-Sajd u l-Akwakultura, qed jaħdem fuq proġett ta' konservazzjoni tar-rizzi, fejn jiena involut fil-kura tagħhom ta' kuljum.

Hemm tibdil mgħaġġel li l-ħlejjaq tal-baħar mhux jirkupraw minnu, hemm wisq tibdil fi żmien qasir. Aħna f'dan id-dipartiment nippruvaw nimmitigaw xi ftit dawn l-effetti. Bħalissa pereżempju, f'Malta naqsu ħafna r-rizzi u allura qed nagħmlu proċess ta' seeding. Il-baħar Mediterran hu sinjur bi speċi endemiċi. Jispiċċaw minn hawn, jispiċċaw minn kullimkien. Bil-bidla fil-klima, il-bijodiversità dejjem qed tinbidel u qed jidħlu anki speċi aljeni minn ibħra oħra li jistgħu jkunu anki ta' theddid għall-ispeċi tagħna. Ix-xogħol tagħna mhux magħruf, imma ladarba tispjega x'nagħmlu, in-nies japprezzaw.






"Hawn qisni qed nieħu ħsieb l-annimali tiegħi."



> “Niltaqa’ ma’ kull tip ta’ nies u jkolli nadatta għal min ikun quddiemi.”

# NICOLA BUGEJA

Uffiċjal fid-Dipartiment tar-Riżorsi Umani fil-Ministeru tat-Turiżmu

Iggradwata fil-Psikoloġija u naħdem fil-qasam tar-Riżorsi Umani fil-Ministeru tat-Turiżmu. Hemm konnessjoni kbira bejn il-psikoloġija u r-riżorsi umani li forsi dak li jkun ma jirrelatahomx. Ix-xogħol li nwettaq jaf ikun fih ċerti sfidi, iżda li lili jogħġbuni. Hemm diversi ħidmiet varji li nkun irrid inwettaq. M'inix il-persuna li nirrekluta l-impjegati, għax dak jaqa' taħt dipartiment ieħor, iżda fost ix-xogħol li nwettaq insemmi l-proċess ta' evalwazzjoni u dixxiplina, li nisma' d-diffikultajiet li jiġu bihom il-ħaddiema u li noffri servizz biex jinstab rimedju għal dak li l-ħaddiem jiġi bih.

Hemm ukoll il-parti amministrattiva fejn irrid nikkordina mal-amministrazzjoni u uffiċċjali oħra tas-servizz pubbliku. Hemm sett ta' regoli u policies li rrid nimxi magħhom. Fuq kollox, infittex li nkun ta' sapport għall-ħaddiema.

L-uffiċċju tar-Riżorsi Umani huwa l-post fejn l-impjegat jiġi b'aħbarijiet sbieħ jew inkellha aħbarijiet koroh. Għalija, l-iktar importanti huwa li nipprova nifhem is-sitwazzjoni mill-perspettiva tal-ħaddiem, nilbes iż-żarbun tiegħu, ħalli nkun nista' ngħin bl-aħjar mod u anki nikkordina mas-superjuri tiegħi. Meta quddiemi titressaq problema, infittex li nittrattaha mill-ewwel biex niffaċilita l-ħajja tal-impjegat. Wara kollox, meta l-impjegat ikun kuntent, se jkun produttiv u se jiggwadanja kulħadd. Qatt ma ngħid li naf biżżejjed. Dejjem inżomm f'moħħi li l-persuna li se tiġi quddiemi taf tgħallimni xi ħaġa ġdida.

***Niltaqa' ma' kull tip ta' nies u jkolli nadatta għal min ikun quddiemi.***

Nixtieq li nkompli nikber f'dan is-settur. Fil-ħin liberu tiegħi, inħobb immur nimxi, inħobb ħafna n-natura u nħobb nara x'qed jiġri fid-dinja biex nitgħallem minn dak li qed iseħħ madwari.



# KETURAH DESIRA DEMICOLI

## Maniġer fl-Immaniġġjar tal-Proġetti fil-Ministeru tat-Turiżmu

Naħdem mal-Ministeru għat-Turiżmu fuq proġetti li minn wieħed għall-ieħor ivarjaw; ħdimt fuq proġetti marbuta ma' rinnovazzjoni ta' postijiet biex jitgawdew mill-pubbliku u mit-turisti u ħdimt ukoll fuq proġetti ta' rinnovazzjoni f'din il-binja li minnha jopera l-Ministeru.

Dħalt il-Junior College bit-tir li nistudja għal perit. Fost is-suġġetti kelli Marketing fuq livell Intermedjarju. Għoġobni u komplejt nistudja fuqu. Fil-fatt, mill-Università, jiena ggradwata fil-Marketing, Banking & Finance. Meta lestejt u bdejt infittex xogħol skoprejt li bosta kumpaniji kienu qed ifittxu persuni li jrid ikollhom tal-inqas tliet snin esperjenza. Sibt sejħa mal-Ministeru għat-Turiżmu u applikajt.

Kemm ili hawn, inħossni kuntenta bix-xogħol li qed nagħmel. Il-proġetti li ħdimt fuqhom



> Nitgħallem u ngħallem. Milli naf, ngħaddih lil ħaddieħor.

OLI

huma interessanti. Jiena persuna li nħobb naħdem ma' ħaddieħor u nfittex li nkun qrib ta' persuni li jkunu interessati fix-xogħol li jwettqu.

***Nitgħallem u ngħallem. Milli naf, ngħaddih lil ħaddieħor.***

L-aħħar proġett li ħdimt fuqu kien ir-rinnovazzjoni tal-uffiċini tagħna. Is-sodisfazzjon hu li tarah lest u issa qed taħdem fih. Jiena persuna kreattiva u nfittex li dak li naf, inpoġġih fil-prattika. Fil-fatt wara x-xogħol, ma mmurx id-dar u noqgħod b'idejja fuq żaqqi, iżda nara x'se nivvinta; insajjar u niddekora xi kejk jew nagħmel kartolini. Fejn jidħlu affarijiet tal-idejn, infittex li nxammar il-kmiem u nikkrea. Meta mmur lura d-dar ikolli diġà xi ħaġa f'moħħi x'se nagħmel u nivvinta.

Ix-xogħol tagħna hawnhekk huwa wieħed impenjattiv. Ma niqfux. F'għajnejn ċertu nies hemm barra, għad hemm il-perċezzjoni li l-ħaddiema taċ-ċivil ma jkollhomx x'jagħmlu jew li x-xogħol jaħarbuh. Idejjaqni dan il-ħsieb, għax wieħed ma jistax jiġġeneralizza. Issib nies li x-xogħol jaħarbuh, u dawn issibhom kullimkien. Mentalità ħażina.



“...hawnhekk, jinvolvi d-disinn u l-implimentazzjoni ta’ ħafna mill-proġetti tal-gvern.”



# MARIO SAMMUT

## Chief Electrical Engineer ġewwa l-Public Works

Minn meta kont għadni nattendi l-iskola sekondarja kont inklinat li nieħu karriera fl-inġinerija. Il-ftit dilemma li kelli kienet jekk nagħżilx perit jew inġinier, imma din tal-aħħar rebħet, u mbagħad komplejt l-istudji tiegħi fl-inġinerija elettrika. Kif spiċċajt mill-Università bdejt naħdem mal-Public Works.

***Ix-xogħol tiegħi u ta' sħabi, hawnhekk, jinvolvi d-disinn u l-implimentazzjoni ta' ħafna mill-proġetti tal-gvern.***

Nibdew minn proġetti żgħar bħal ġonna sa proġetti kbar bħall-Park Nazzjonali f'Ta' Qali. Naħdmu flimkien mal-periti u nies tekniċi oħrajn.

Ir-responsabbiltà tagħna tidħol minn dak li qed jistenna l-klijent u kif ukoll kif se naslu niddisinjaw bl-aħjar mod u bl-inqas spejjeż. Jien ninsisti ħafna biex fil-proġetti tagħna jkun hemm element ta' effiċjenza u li tintuża l-aħħar teknoloġija. Nemmen li rridu nissettjaw standards biex inkunu fuq quddiem fis-settur imma wkoll inkunu ta' eżempju għas-settur privat. Il-proġetti tagħna jirrikjedu servizzi ta' awtomazzjoni fejn nikkontrollaw kollox minn kompjuter.

Bdejt naħdem mas-servizz pubbliku għax fih issib opportunitajiet li fil-privat ma ssibhomx. Hemm motivazzjoni li naħdem fuq proġetti ta' importanza nazzjonali, u li kieku fil-privat, dawn ma nkunx espost għalihom. Hemm diversi proġetti li ħdimt fuqhom u li huma għal qalbi. Huma interessanti, pereżempju, ix-xogħlijiet li wettaqna fl-ambaxxati. Interessanti wkoll ir-rinnovazzjoni li wettaqna hawnhekk fi Project House, fejn għollejna l-effiċjenza fl-energy performance rating tal-binja. Infittxu li fil-proġetti tal-gvern ikun hemm użu ta' enerġija effiċjenti.

Dawn is-sistemi nagħmluhom biex nilħqu l-aħjar kompromess kemm biex intejbu l-enerġija imma wkoll biex intejbu l-kwalità tal-ambjent għal min qed juża dak il-proġett, kemm jekk bħala uffiċċju jew inkella spazju pubbliku.



> “Waħdi ma nagħmel xejn, imma wara x-xogħol tiegħi hemm tim.”

# MARY ANNE DEBONO

## Kap tar-Reġistru Pubbliku

Ili għal dawn l-aħħar 37 sena naħdem mas-Servizz Pubbliku u ma jiddispjaċinix. Dħalt bħala skrivana u bqajt tielgħa fl-iskali tas-Settur Pubbliku. Issa ili 23 sena bħala Kap tar-Reġistru. Illum ismi sar sinonimu mar-Reġistru, għax meta xi ħadd jirreferi għalija, isibuni bħala ‘Maryanne tar-Registry.’ Fil-bidu, meta kelli t-tfal, kelli bżonn nieħu l-parental leave u meta dħalt lura, dħalt bis-sigħat imnaqqsa. Meta kibru t-tfal, dħalt l-Università u ggradwajt fl-Amministrazzjoni Pubblika.

Ir-rwol tar-Registry huwa li jinfetħu files għal kull proġett marbut mal-Public Works. Dawn imorru lura għas-sena 1920, żmien l-Ingliżi. Se ssib dokumenti li huma ta’ interess nazzjonali. F’kull file se ssib l-istorja kollha marbuta ma’ proġetti nfushom. Hawnhekk jiġu studenti li jagħmlu r-riċerka fuq proġetti li saru fil-passat. Dawk il-persuni li qed jagħmlu studji fuq proġetti li ħarġu mill-Public Works jistgħu jagħmlu t-talba tagħhom bil-proċeduri kif meħtieġa biex jirriċerkaw fil-files li għandna



hawnhekk. Issa bdejna l-iskenning ta' wħud mid-dokumenti biex jiġu diġitali.

Peress li bdejt minn skrivana u bqajt tielgħa tarġa tarġa, ix-xogħol kollu nafu għax missejt ma' kollox. Il-ħaddiema li naħdem magħhom huma kollegi, ma nħossnix is-superjuri tagħhom. Parti mis-sodisfazzjon tiegħi f'dan ir-rwol huwa meta jiġi riċerkatur u jirringrazzja lili u lill-kollegi tal-koperazzjoni u s-sapport li sab. Sodisfazzjon ukoll meta jsejħuli biex immur nagħti lecture l-Università.

***Waħdi ma nagħmel xejn, imma wara x-xogħol tiegħi hemm tim.***

Hawnhekk inħossu bħala t-tieni dar tiegħi. Ix-xogħol nagħmlu minn qalbi u sewwa għax huwa dover tiegħi. Anki meta nkun bil-leave, jekk iċempluli fuq xi ħaġa urġenti se nirrispondi u naqdihom.

Fid-dipartiment tar-Registry, il-komunikazzjoni hija vitali. Trid tisma' wkoll lill-ħaddiema ta' miegħek għax huma wkoll joħorġu bi proposti li jkunu validi. Id-dipartiment tar-Registry nista' nqisu bħala l-fulkrum tal-organizzazzjoni.



> Hawn potenzjal fejn nikber.

# CHRISTOPHER GAUCI

## Ġeologu ġewwa l-Public Works

Ta' tmien snin bdejt niffissa fuq il-kristalli u l-minerali. Kont mort mal-familja Lago di Garda, dħalna f'ħanut tas-souvenirs, u għażilt li nixtri kristalla vjola u minn dakinhar, bdejt nirriċerka fuq il-kristalli. Kbirt biċ-ċajta li se nistudja l-ġebel, jew kif nafuhom aħjar il-minerali. Fis-sekondarja studjajt il-bijoloġija u l-kimika mbagħad meta mort l-Università, ħadt il-BSc fuq Earth Systems għax kors fil-ġeoloġija m'hawnx. Kienet ħolma li nsir ġeologu u nista' ngħid li rnexxieli nasal naħdem bħala ġeologu. Malta naqra neqsin minn dawn l-affarijiet. Fil-fatt kienet diffikultà biex hawn Malta nistudja l-ġeoloġija. Kont tlajt għamilt Masters l-Irlanda fuq studji ġeoloġiċi u għamilt sena. Hemm kont infittex għad-deheb, fidda u ċomb.

Issa qed naħdem mal-Public Works fil-unit Research and Planning bħala ġeologu. Ġeologi mas-servizz pubbliku hawn ftit u sa fejn naf jien, hawn Malta, b'kollox, forsi hawn xi 15-il ġeologu. Xogħli hawn huwa mal-kosta – xogħol



fejn nissorveljaw perikli marbuta mal-kosta fosthom perikli ta' blat jew ġebel li jaqa', erożjoni, ċaqliq. Nagħmel risk assessment tagħhom. Illum ngħallem il-ġeoloġija l-Università ta' Malta. Hawn studenti li huma interessati biex jitgħallmu s-suġġett.

Ftit huma dawk li huma konxji li mal-Public Works hemm ir-rwol tagħna li nagħmlu moniteraġġ tal-kosta ta' Malta u Għawdex. Inżomm rikordju taċ-ċaqliq li jkollna fil-blat u l-qsim tal-kosta Maltija. Proġett li qed naħdem fuqu bħalissa hu s-'C-Cover,' li fih jinkorpora strateġija nazzjonali ta' risk assessment dejjem marbuta mal-kosta biex minnha noħorġu miżuri ta' mitigazzjoni. Hawnhekk issir ir-riċerka, u l-implimentazzjoni ssir minn ħaddieħor.

Fil-futur? Nimmaġinani għadni hawn għax hemm ħafna affarijiet li rrid nagħmilhom.

***Hawn potenzjal fejn nikber.***

Għandna proġetti oħra barra dak marbut mal-kosta.



# ADIEL CUSCHIERI

## Maniġer ġewwa l-Public Works Department

Meta kont iżgħar, il-ħolma tiegħi kienet li nilħaq tabiba. Studjajt il-fiżika, il-bijoloġija u l-kimika. Meta wasal il-mument tal-għażla, minflok kif jaħdem il-ġisem tal-bniedem, għażilt li nistudja kif taħdem id-dinja!

L-Università ta' Malta studjajt l-Earth Systems u wara mort l-Olanda nistudja Spatial Planning marbut ma' Environmental Management. Naħdem id f'id mal-periti. Earth System huwa marbut ma' oqsma tal-bijoloġija u l-użu tal-ilma. It-teżi tiegħi għamiltha fuq Nature Base Solution – kif in-nies u n-natura jistgħu jaħdmu flimkien.

Biex tgħix komdu tista' tagħmel użu minn teknoloġija ġdida li tmur favur l-ambjent.

***Aħna nistgħu ngħixu fil-lussu, biss irridu nbiddlu l-mod ta' kif naħdmu, ngħixu u nirrispettaw in-natura.***



> "...irridu nbiddlu l-mod ta' kif naħdmu, ngħixu u nirrispettaw in-natura."

Sibt impjieg mas-Servizz Pubbliku għall-fatt li hu permezz tal-Public Works li jsiru proġetti marbuta ma' spazji pubbliċi u l-immaniġġjar tal-ambjent, li dwarhom speċjalizzajt fl-istudji tiegħi. Qed naħdem fuq River Bason Managment Plan li hu proġett finanzjat mill-Unjoni Ewropea. Primarjament xogħolna hu marbut mal-kunċett ta' Sustainable Drainage System – sistema fejn niġbru l-ilma tax-xita biex imbagħad fis-sajf nużawh u nkunu niddependu inqas fuq reverse osmosis. Jibbenefika minnhom il-pubbliku fosthom il-bdiewa. Peress li dan hu proġett tal-Unjoni Ewropea, kellna konferenzi fejn fihom urejna r-riċerka li għamilna u wassalna wkoll x'qed isir.

F'dawn il-konferenzi nitgħallmu wkoll b'sistemi ġodda li għadna ma nafux bihom u li 'l quddiem nistgħu nimplimentawhom.

Għalkemm hemm ħafna inizjattivi fl-iskejjel, sfortunatament dik l-informazzjoni li qed tasal għand it-tfal bħalissa qed tiskadi wara ftit taż-żmien. Peress li għadni żgħira, għandi ħafna motivazzjoni biex dak li studjajt nimplimentah. Nixtieq li nkun parti mill-bidla. Is-sodisfazzjon li nieħu hu meta proġett li nkun qed naħdem fuqu, jirrendi lura. Irrid nara xi ħaġa fiżika u tanġibbli f'idejja biex inkun kuntenta u sodisfatta."



> "Qatt m'għandek tinsa minn fejn bdejt
> u trid dejjem turi rispett
> lejn kull ħaddiem u ta' kull persuna.
> tiftakar il-ħtiġijiet ta' kull persuna."

# BRYAN DEGABRIELE

**Direttur tal-Operat fil-Ministeru għat-Turiżmu**

Missieri għamel karriera jaħdem fis-servizz pubbliku u jiena nħoss li fija trabbiet dik l-imħabba lejn is-servizz pubbliku; il-qadi lejn il-pajjiż. Dak parti mis-sodisfazzjon li għandu jkollu kull ħaddiem li jagħmel parti mis-servizz pubbliku. Jiena missier ta' erbat itfal, u nipprova nqassam il-ħin bejn il-familja, ix-xogħol u l-passatempi li għandi. Naħdem bħala Director Operations mal-Ministeru għat-Turiżmu. Ħafna mix-xogħol tiegħi relatat ma' proġetti u affarijiet marbuta ma' avvenimenti tad-direttorat tat-Turiżmu. Fost l-entitajiet li nieħu ħsieb insemmi l-MTA. Issa ili naħdem mas-servizz pubbliku mill-1994. Dħalt bl-A levels, spiċċajt għamilt Masters grazzi għall-IPS – Institute for Public Services. Dħalt bħala skrivan u tlajt tarġa tarġa. Iċ-ċivil jagħti ħafna opportunitajiet. Kulma għandek bżonn hija rieda. Naf xi tfisser li tkun skrivan, naf xi tfisser li tkun Uffiċjal Eżekuttiv.



***Qatt m'għandek tinsa minn fejn bdejt u trid dejjem turi rispett lejn kull ħaddiem u tiftakar il-ħtiġijiet ta' kull persuna.***

Fost is-sodisfazzjonijiet li jagħtini dan ix-xogħol huwa li nara l-miżuri tal-baġit ġew imwettqa. Minn karta, ġie implimentat u sar fiżiku. Bħalissa ġejt afdat bir-rwol ta' Project Manager tal-EVs (karozzi elettriċi).

Trid jew ma tridx, tispiċċa taħdem lil hinn mill-ħinijiet tiegħek biex taqdi d-doveri tiegħek. Il-flessibbiltà hija importanti ħafna, anki biex tlaħħaq mal-ħtiġijiet tal-familja. Ġieli nkun imsiefer fuq vaganza u jkolli nwieġeb l-emails jew xi telefonata urġenti. Int ma tistax tħalli x-xogħol jistenna għax inkella jistaġna. Niftakar darba qiegħed DisneyLand mat-tfal. Qed nistenna biex nirkbu ride u fl-istess ħin qed inwieġeb email urġenti. Trid tkun taf għalxiex dieħel meta tapplika għal ċerti rwoli maniġerjali.Sfortunament ġieli tisma' nies li jgħidu li l-ħaddiema taċ-ċivil jiskartaw. Mhuwiex il-fatt.

Il-ħaddiema taċ-ċivil għandhom jiġu stmati. Ix-xogħol isir u jsir b'serjetà. Hemm bosta mbagħad li japprezzaw il-ħidma li titwettaq mill-impjegati tagħna.

Bħalissa għaddej minn żmien ta' mard serju. L-isfidi kollha li jkollok fil-ħajja trid tegħlibhom. Ostaklu kbir, imma mhux se naqta' qalbi. Mill-PPS sibt appoġġ u għajnuna kbira. Nipprova ma naħsibx fuqha u nibqa' għaddej.



> “Nisħaq li bejn il-ħaddiema għandu jkun hemm rispett għax kulħadd huwa bżonjuż”

# MIRIAM FARRUGIA

## Senior Social Worker ġewwa d-Direttorat tas-Servizzi f’Għawdex

“Meta kont skola, il-ħolma tiegħi kienet li fil-futur nagħżel il-linja tal-mediċina. Kien jogħġobni x-xogħol ta’ qabla (midwife). Meta ta’ għoxrin sena żżewwiġt lir-raġel tiegħi, li huwa tabib, indunajt li dik ma kinitx il-linja tiegħi. Ta’ 16-il sena ma ridtx inkompli l-iskola u mort naħdem mal-papà, li kien jaħdem fid-deheb. Wara li żżewwiġt kelli t-tfal u ridt nieħu ħsiebhom. Meta kibru indunajt kemm hu importanti li tkompli titgħallem. Il-familja hija importanti u għandha tingħata prijorità, imma tiskopri wkoll li fil-ħajja hu meħtieġ li ma tinqafilx ġewwa. Għalhekk studjajt u dħalt naħdem bħala Social Worker. Dħalt għal din il-karriera għax naf li biha kapaċi ngħin lin-nies b’mod professjonali. Is-sena d-dieħla se nkun qed nagħlaq 20 sena naħdem mas-Servizz Pubbliku. M’għandi l-ebda rimors li naħdem mal-gvern.



Ix-xogħol tani ħafna sfidi. Tani sodisfazzjonijiet u tani wkoll l-inkwiet. Nipprova nkun pożittiva kemm jista' jkun. Għeni nikber fil-karattru tiegħi bħala persuna. Tani iżjed maturità.

Meta tipprova tifhem ċerti problemi li mhumiex żgħar, li jiġu jaqsmu miegħek il-klijenti, tibda timmatura iktar. Hawnhekk naraw kull tip ta' problemi. Jiġu kull tip ta' nies. Fost il-klijenti li naraw hemm dawk li jintbagħtu mill-qorti. Kien hemm bosta stejjer li mmarkawni matul il-vjaġġ li għamilt s'issa. Waħda mill-iktar li mmarkatni kienet proprju fil-bidu tal-karriera tiegħi, u għadni niftakarha b'mod ċar ħafna. Kien każ ta' vjolenza domestika. Dħalt fid-dar ta' din il-familja u nara l-friġġ imsakkra b'katnazz, u f'għajnejn it-tfal nilmaħ il-biża'. Stejjer oħra li nibqa' niftakar kienu relatati ma' dan il-perjodu tal-festi. Tinduna kemm hawn min qed ibati.

Bdejt mas-servizz pubbliku bħala Social Worker u mbagħad applikajt biex nilħaq Senior Social Worker. Fix-xogħol tiegħi trid tkun kapaċi taħdem f'tim. Trid tagħraf il-kapaċitajiet tal-ħaddiema l-oħra u tagħti rispons (feedback) pożittiv lilhom. Ix-xogħol minn ġurnata għal oħra jvarja. Ġieli jiġu ġranet fejn it-toqol litteralment tħossu b'idejk.

***Nisħaq li bejn il-ħaddiema għandu jkun hemm rispett għax kulħadd huwa bżonjuż.***


“Nemmen li kull tip ta’ xogħol huwa
opportunità sabiex nitgħallmu minnu
u li jgħinna nsawru l-karattru tagħna”

# ANTOINE GRECH

Senior Principal fl-Uffiċċju tal-Kabinett

21 sena ilu bdejt il-karriera tiegħi mas-Settur Pubbliku bħala skrivan mad-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjieg. Nibqa' ngħożż l-erbatax-il sena tiegħi li qattajt hemmhekk għaliex inħossni li tgħallimt ħafna, partikolarment fuq il-liġijiet u d-diversi sitwazzjonijiet u kunflitti li setgħu nqalgħu fl-ambitu ta' dak ix-xogħol. Dawn l-aħħar snin, imxejt u bdejt naħdem fl-Uffiċċju tal-Kabinett fi ħdan l-Uffiċċju tal-Prim Ministru.

Il-kariga tiegħi hija ta' Senior Principal u nista' ngħid li xogħli huwa ferm differenti u varjat. Hawnhekk nipprovdi assistenza fuq xogħol amministrattiv u fost id-diversi ħidmiet, insemmi li nipproċessa t-talbiet għall-unuri u midalji varji li jidħlu matul is-sena. Nikkordina u nħejji x-xogħol għaċ-ċerimonja tal-Investitura ta' Jum ir-Repubblika. In-nominazzjonijiet għal Ġieħ ir-Repubblika jiġu mill-pubbliku. Imbagħad jibda l-proċess tal-għażla. Jinħoloq kumitat apposta biex issir l-għażla. Jiena nipproċessa kull nominazzjoni li tidħol. Nagħmel lista bil-bijografija tal-persuna nominata li mbagħad tmur għand dan il-kumitat.

Biex jingħata dan l-unur hemm ħafna xogħol li jsir minn wara l-kwinti. Is-sabiħ tagħha hi meta nċempel lil dak li jkun ġie magħżul. Bosta minn dawk li nċemplilhom joħduha bħala sorpriża b'mod partikolari dawk li jaħdmu fis-settur tal-volontarjat. Jilqgħuk: "Din hi xi ċajta?" u ġieli jerġgħu jċemplu lura ħa jaraw jekk huwiex vera. Barra Ġieħ ir-Repubblika, hemm midalji oħrajn li jingħataw matul is-sena.

***Nemmen li kull tip ta' xogħol huwa opportunità sabiex nitgħallmu minnu u li jgħinna nsawru l-karattru tagħna.***

Nemmen ukoll li għandna nsibu ċans għal kollox matul il-ġurnata u personalment, nagħmel mezz li kuljum nalloka ħin għall-eżerċizzju fiżiku, u meta nsib ċans, għall-passatempi tiegħi bħal noħloq ħelu varjat u nipprattika l-fotografija.


"Ir-rwol tagħna huwa li nagħtu
l-assistenza meħtieġa
lill-uffiċjali tal-gvern..."

# SAMANTHA MUSCAT

## Maniġer ġewwa d-Direttorat għall-Protezzjoni tad-Data u l-Koordinazzjoni tal-Informazzjoni

Ili għal dawn l-aħħar seba' snin naħdem mad-Direttorat għall-Protezzjoni tad-Data u l-Koordinazzjoni tal-Informazzjoni. Bħala dipartiment, nikkomunikaw mal-impjegati kollha tas-servizz pubbliku u s-settur pubbliku. Id-dipartimenti kollha għandhom l-Uffiċjali tal-Protezzjoni tad-Data tagħhom fejn dawn jiġu għandna għall-għajnuna rigward il-protezzjoni tad-data.

***Ir-rwol tagħna huwa li nagħtu l-assistenza meħtieġa lill-uffiċjali tal-gvern biex dawn jimxu skont ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (GDPR).***

Kemm ili hawnhekk, rajt il-GDPR tidħol fis-seħħ, u nista' ngħid li d-Direttorat tagħna kien parti minn dan il-proċess ta' bidla. Tgħallimt ħafna f'dan il-perjodu.

Nhar it-28 ta' Jannar huwa l-Jum Dinji tal-Protezzjoni tad-Data. Matul dawn iż-żminijiet, infittxu li nagħmlu forums, fejn inlaqqgħu lill-uffiċjali u nagħtu aġġornamenti dwar dak li jkun qed iseħħ. F'dan ix-xogħol tikkomunika ma' ħafna nies u tidħol f'diversi oqsma. Sintendi, biex wieħed jagħti parir, irid ikun midħla tar-regolamenti.

Kull impjegat li jaħdem mas-servizz pubbliku jista' jikkuntattja l-uffiċċju tagħna meta jkun irid iktar informazzjoni relatata mal-GDPR. Żewġ liġijiet oħra li jaqgħu taħt il-kappa tagħna u li dwarhom nagħtu l-informazzjoni meħtieġa huma l-Libertà tal-Informazzjoni u l-Att dwar il-Protezzjoni ta' Informatur. Il-liġi tal-GDPR hija importanti ħafna għax biha qed nipproteġu d-drittijiet fundamentali tal-bniedem, id-dritt għall-protezzjoni tad-data tagħhom."



“Ir-responsabbiltà u l-ambizzjoni ma jbeżżgħunix.”



# KARL SCHEMBRI

Information Officer ġewwa l-Governanza, Kuntratti u Servizzi tas-Sistemi li jintużaw mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru

Qatt ma kont nimmaġinani li se nkun il-persuna li naħdem fl-IT għax l-Università studjajt il-Kummerċ. Dawn l-aħħar 12-il sena dħalt naħdem fil-governanza, kuntratti u servizzi tas-sistemi li jintużaw mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru u ma jiddispjaċinix. Hemm ir-responsabbiltà imma naħdem minn qalbi. Hawn trid tkun aġġornat il-ħin kollu. Dik hija sfida pożittiva. Is-servizzi li qed jaslu hemm barra jridu jaslu b'mod effiċjenti. Ma nistgħux naqgħu lura, imma nkunu koerenti bl-avvanzi teknoloġiċi.

Mas-settur pubbliku ili 'l fuq minn 17-il sena. Qabel hawn kont naħdem il-Bank Ċentrali. Minn dejjem kien jogħġobni l-qasam finanzjarju, fil-fatt għandi baċellerat fil-kummerċ. Biss meta kont naħdem il-Bank Ċentrali ħajruni biex nieħu l-linja tal-IT fl-Auditing.

***Ir-responsabbiltà u l-ambizzjoni ma jbeżżgħunix.***

Dejjem nieħu riskju kkalkulat. Inkun prudenti għal kull deċiżjoni li nieħu kemm fuq il-post tax-xogħol kif ukoll fil-ħajja privata tiegħi. Sodisfazzjonijiet ikolli, l-iktar meta jkunu ġejjin mill-klijenti tagħna, li huma s-Segretarjat fi ħdan l-Uffiċċju tal-Prim Ministru u s-Servizz Pubbliku inġenerali.

Dejjem inkun ta' servizz għall-gvern kurrenti minħabba li aħna naħdmu lil hinn mill-era politika. Il-kritika kostruttiva nħobbha għax eventwalment tnebbħek fil-pożizzjoni li qiegħed fiha bħalissa biex ittejjeb il-ġejjieni. Dejjem għandna nkunu nafu l-isfera kompluta ta' dak li qed jiġri hemm barra. Infaħħar ħafna l-maturità tan-nies li jaħdmu hawn ġew. L-atmosfera hija pożittiva fejn wieħed mhux biss jaħdem mal-oħrajn, imma naċċettaw id-differenzi li jista' jkun hemm bejnietna.

Tgħallimt kemm primarjament għandi niffaċċja l-isfidi b'mod matur. Fil-ħajja kull mira li jkollok trid taħdem għaliha b'mod prudenti. Dak li tiltaqa' miegħu trid tilqgħu b'idejk miftuħa. Meta taħdem b'mod diliġenti, tkun qed tipprepara għall-pass li jmiss. Lil hinn mix-xogħol, inħobb il-mużika. Indoqq il-pjanu u t-tanbur. Jagħtuni l-parti tas-serħan tal-moħħ.



"Kuntenta li qiegħda parti minn tim li kapaċi jinfluwenza diversi politiki."

# KIRSTEN XUEREB

## Maniġer ġewwa l-Policy Development and Programme Implementation Directorate

Meta kont Sekondarja, wieħed mis-suġġetti li għażilt kien il-European Studies għax kelli x-xewqa li naħdem fis-settur tat-turiżmu. Ir-relazzjoni man-nies togħġobni. Jien persuna li nħobb ninvolvi ruħi u d-diversi esperjenzi sawruni. Kont involuta f'diversi NGOs, anki dawk li jaħdmu fuq livell internazzjonali. Kont anki rappreżentanta tal-istudenti. L-Università gradwajt b'Baċellerat fl-Istudji Ewropej u għamilt Master's fil-Liġi Ewropeea. Li jkollok relazzjoni man-nies tgħallmek ħafna. Tgħinek kif taġixxi u li jkollok għarfien u perspettivi differenti.

Bdejt naħdem mal-Gvern bħala studenta fil-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u wara kont inservi fl-EU Coordination Department. llum naħdem fi ħdan l-OPM, mal-Policy



Development and Programme Implementation Directorate (PDPID). Naqa' mas-sezzjoni tal-Policy Development u l-EU Affairs fejn xogħolna huwa li nieħdu ħsieb il-proċess tal-proposti li joħorġu mill-UE f'diversi setturi. Aħna nieħdu ħsieb l-affarijiet tal-General Affairs, Telekomunikazzjoni kif ukoll ir-Relazzjonijiet Industrijali u d-Djalogu Soċjali. Fuq livell Ewropew, il-proċess ivarja bejn wieħed tekniku u anke politiku. Aħna nagħmlu skrutinju u ssir r-riċerka tagħna fuq kif dawn il-proposti jolqtu lil Malta u l-impatt li tħalli min-naħa tal-UE, il-pożittiv u n-negattiv.

Tibda minn kunċett żgħir. Minn xi ħaġa li tibda bħala proposta, taraha tiffjorixxi fil-prattika fl-UE u eventwalment f'Malta. Dik parti mis-sodisfazzjon fix-xogħol tiegħi. Meta tirnexxi fin-negozjati huwa wkoll parti mis-sodisfazzjon.

***Kuntenta li qiegħda parti minn tim li kapaċi jinfluwenza diversi politiki.***

Nitħajjar li 'l quddiem naħdem fl-UE u li nkompli ninvolvi iktar ruħi fuq livell Ewropew.

Trid tkun motivata u jkollok determinazzjoni biex tirnexxi f'dak li tixtieq twettaq. Trid tqis li tagħmel il-konsultazzjonaijiet meħtieġa u taħdem bħala tim. Ma tistax taħdem għall-interessi tiegħek iżda għall-ġid kollettiv. Bħal kull xogħol ieħor, hemm l-isfidi, imma fl-aħħar mill-aħħar il-frott tarah."



# JOE DIMECH

## Ġurnalist mal-Awtorità tax-Xandir

***Tmur fejn tmur, in-nies jidrawk. Tarahom jieqfu biex ikellmuk. Issir parti minnhom, mill-għamara tad-dar, parti mill-familja tagħhom. Il-Ħajja għallmitni li tagħmel x'tagħmel, int min int, trid tibqa' saqajk mal-art.***

Ili attiv fix-xandir għal dawn l-aħħar 50 sena. Għalaqthom f'Ottubru li għadda. Bdejt bil-karriera tiegħi mal-gazzetta "Il-Ħajja." Dak iż-żmien, Fr Hilary Tagliaferro kien l-editur.

Dak iż-żmien ma kienx hemm korsijiet tal-ġurnaliżmu, imma kien jinteressani għax kont nara lil missieri dejjem jaqra. Fr Hilary kien stedinni biex immur nagħmel it-tliet xhur tas-sajf magħhom bħala prova. Fl-1973 dħalt fix-Xandir. Dejjem kont entużjast u kelli l-ħajra għall-ġurnaliżmu.

L-ewwel 25 sena li għamilt kienu fil-kamra tal-aħbarijiet bħala ġurnalist. Mal-PBS kelli diversi karigi. Spiċċajt bħala full-timer mar-radju. Kien



> “Il-ħajja għallmitni li tagħmel x’tagħmel, int min int, trid tibqa’ saqajk mal-art”

nhar l-1 ta’ April 1975 li bdejt naqra l-aħbarijiet tat-8.00 p.m. fuq TVM. Bqajt għal erbgħin sena. Meta kellna stazzjon waħedna ħassejtu bħala privileġġ u sodisfazzjon li qed inwassal l-aħbarijiet u nidħol fid-djar tan-nies. Nirringrazzja lil Charles Abela Mizzi li kien il-mentor tiegħi. Kien jgħidli: “Żomm quddiem għajnejk li hemm xwejħa tisimgħek u trid tifhmek. Tkellem bil-mod, ċar u li jifhmek kulħadd.” Dak il-parir li tani Charles baqa’ jidwi f’widnejja.

Kont involut fir-rappurtaġġ tal-hijack tal-Egypt Air u meta ġew Bush u Gorbachev, kienet ġurnata maltemp kbir. Kelli wkoll wieħed mir-rappurtaġġi meta ġie l-Papa Ġwanni Pawlu II fil-laqgħa li kellu fil-Knisja ta’ San Ġiljan. Imwiet u traġedji, li trid u ma tridx, ikollok twassalhom. Kif taqra u twassal l-aħbar hu importanti, għax hemm il-familjari d-dar qed jaraw u jisimgħu.

Fost id-delizzji tiegħi nsemmi l-mixi u l-futbol. Ma abbandunajthomx. Illum nannu ta’ erbgħa u napprezza kemm hu importanti li tiddedika ħin għalihom. L-għaqda tal-familja hija l-isbaħ ħaġa li jista’ jkollok.

servizz pubbliku

servizz pubbliku